## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 378/2010 MS*

**Il-Baruni Salvatore (Salvino) Testaferrata Moroni Viani, u b'digriet tas-16 t'Awwissu 2017, l-atti tal-Baruni Salvatore (Salvino) Testaferrata Moroni Viani ġew trasfużi f'isem Christopher Moroni Viani u Martin Testaferrata Moroni Viani, kif ukoll l-mara tiegħu Baronessa Monika Testaferrata Moroni Viani,**

**Christopher Testaferrata Moroni Viani,**

**Martin Testaferrata Moroni Viani,**

**Il-Baruness Monika Testaferrata Moroni Viani, mart l-imsemmi Baruni Salvino (għal kull interess li jista' jkollha),**

**Peter Paul Testaferrata Moroni Viani,**

**Paul Stephan Testaferrata Moroni Viani,**

**Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit, mart Gerald Zammit,**

**Jane Testaferrata Moroni Viani, armla min-Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani**

**Vs.**

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici sive Gera de Petri Testaferrata Għaxaq, mart Alfred Gera de Petri,**

**Caren Preziosi mart Josef Preziosi,**

**Anna Maria Spiteri Debono mart John Spiteri Debono,**

**u b'dikriet tat-18 ta' Marzu 2024, Alfred Gera de Petri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Euro Industries Limited ġie ammess jintervjeni "in statu et terminis"**

Illum, 28 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru:6

## 1. Preliminari

1.1. Din hija sentenza dwar kawża mibdija mill-atturi sabiex jitterminaw komunjoni ta' proprjetà li huma għandhom flimkien mal-konvenuti.

1.2. Il-kawża nbdiet b'rikors ġuramentat li ġie preżentat fis-16 t'April, 2010. Permezz tiegħu l-atturi kienu ppremettew dan li ġej:

> Illi r-rikorrenti Salvino, Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline lkoll Testaferrata Moroni Viani flimkien mal-intimati Agnes, Caren u Anna Maria Ikoll mwieldin Testaferrata Bonici, huma ko-proprjetarji ta' diversi beni immobbli li originarjament iffurmaw parti mill-hekk imsejħa Primogenituri Testaferrata; Dawn il-beni jikkonsistu f'artijiet u bini li jinsabu Ta' Xbiex, l-Imsida, il-Gzira, il-Mosta, Casal Paola (Rahal Gdid) u z-Zebbiegh u numru ta' cnus u drittijiet U Jane immobiljarji ohra; Ir-

rikorrenti l-ohrajn Monika ghandhom ukoll interess legali (uzufruttwarju] f'uhud minn dawn il-propjetajiet.

Illi l-ahhar pussessur tal-istess Primogenituri kien awtur il-partijiet il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li miet fit-18 ta' Marzu 1954; Illi b' l-att numru tnax (12) tas-sena 1950 is-successjoni b' primogenitura spiccat u in-nofs (1/2) indiviz tal-assi relattivi inzamm mill-pussessur (fil-kaz tal-lum mill- imsemmi Pietro Paolo) mentri n-nofs (1/2) indiviz l-iehor waqa' fuq il-"vokat" (fil-kaz tal-lum ir-rikorrenti Salvino Testaferrata Moroni Viani, li huwa l-primogenito), kif soġġett għal uzufrutt favur l-gja pussessur (jigifieri l-imsemmi Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani). Illi l-istess Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani miet mingħajr testament u n-nofs (1/2) sehem tieghu mill-primogenitura ntiret mill-erba' wliedu cjoe Salvino, Mario, Beatrice Ikoll Testaferrata Moroni Viani u Maria dak iż-żmien miżżewga lil Lino Testaferrata Bonici. Jigifieri l-erba' ulied wirtu, kull wiehed u wahda, kwart (1/4) ta' nofs (1/2) mill-primogenitura, ekwivalenti ghal ottav (1/8) kull wieħed mill-primogenitura, filwaqt illi n-nofs -lehor (1/2) ikkonsolida favur ir-rikorrenti Salvino Testaferrata Moroni Viani. B'hekk l-imsemmi rikorrent Salvino Testaferrata Moroni Viani sar proprjetarju ta' nofs (1/2) plus ottav (1/8) ekwivalenti ghai hames ottavi (5/8) tal-proprjetà derivanti mill- primogenitura, mentri hutu Mario, Maria u Bice kellhom ottav (1/8) kull wiehed u wahda minnhom;

Illi l-gja Primogenitura Testaferrata flimkien ma' propjetajiet ohra ("il-propjetajiiet l-ohra") relattivament ta' anqas importanza minn dawk li huma primogenjali, huma lkoll amministrati taht l-isem "Testaferrata Moroni Viani Estates": Minn dawn il-"propjetajiet l-ohra", ir-rikorrenti Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani m'għandhomx sehem, kif spjegat hawn taht. Minn dawn il-"propjetajiet l-ohra" uhud minnhom jifformaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrenti Salvino u Monika konjugi Testaferrata Moroni Viani, bejn ir-rikorrenti Jane u r-ragel illum defunt Mario Testaferrata Moroni Viani u bejn Maria u Lino Testaferrata Bonici [it-tnejn defunti).

Illi l-imsemmija Barunessa Maria armla mill-Baruni Lino Testaferrata Bonici mietet fis-sena 1999 u l-werrieta taghha huma t-tliet ibniet tagħha, l-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici. B'hekk kull wahda minn dawn l-intimati wirtu terz (1/3) indiviz minn ottav (1/8) indiviz tal-propjetajiet in kwistjoni, jigifieri sehem ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wahda.

Illi l-imsemmi Nobbli Mario Testaferrata Moroni Viani miet fis- sena 2007 u l-werrieta tieghu huma uliedu r-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit, ahwa Testaferrata Moroni Viani u dana bhala soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane armla mill-imsemmi Mario. B'hekk kull wiehed u wahda minn dawn ir-rikorrenti wirtu terz (1/3) indiviz minn ottav (1/8) indiviz tal-propjetajiet in kwistjoni, jigifieri sehem ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) kull wiehed u wahda, u dana bhala soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane armla mill-imsemmi Mario.

Illi l-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani mietet ukoll fis-sena 2007 u a tenur tal-ahhar testment taghha maghmul in atti Nutar Dottor Hugh Grima ("Dok. A.") istitwiet lill-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici bħala eredi universali tagħha u dana wara li iddisponiet mis-sehem taghha ta' ottav (1/8) mill-propjetajiet provvenjenti mill-istess primogenitura bil-mod kif gej: (a) b'legat favur lir-rikorrenti Martin u Christopher ahwa Testaferrata Moroni Viani kwantu għal terz (1/3) bejniethom (tal-istess 1/8) flimkien mas-sehem taghha fil-propjeta sitwata Casal Paola: Testwalment il-legat jghid:-

*"(Article Two) "testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testatrix's brother Salvino and Monika von Ammermann residing at Balzan and Sliema respectively and this in equal portions between them, said legacy to be operable immediately following testatrix's death and in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being those Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devovled upon his death as to five eighth (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8) by testatrix. The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth (1/8th) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata, situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said Primogenitures. Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax, if any, in the fulfilment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy."*

u (b) b'legat favur lir-rikorrenti l-oħra Caroline, Peter Paul u Paul Stephen, ahwa Testaferrata Moroni Viani kwantu ghal sesta parti (1/6) (tal-istess 1/8) bejniethom: Testwalment il-legat jghid:-

*"(Article Three) "testatrix is hereby bequeathing by title of legacy to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane nee Borg residing respectivley at San Pawl tat-Targa, Ta' Xbiex and San Pawl tat-Targa and this in equal portions between them one sixth (1/6th) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viant being those Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devovled upon his death as to five eighth (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8) by testatrix."*

Illi b'hekk r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom biss interess fil-propjetajiet pravvenjenti mill-imsemmija primogenitura u m'għadhomx propjeta' ohra in komunjoni mal-partijiet l-ohra.

Illi jingħad li bejn il-partijiet fil-proceduri hemm dizgwid parzjali dwar xiex għandu jikkonsisti din l-ottava parti (1/8) li iddisponiet l-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani relattivament ghal tlett propjetajiet u senjatment
a] l-1/8 tal-propjeta Palazzo Testaferrata, Paola li skond l-atturi ddevolva eskussivament favur Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani: f'dan ir-rigward qed tigi esibita ittra minghand l-imsemmi Nutar Hugh Grima ("Dok. B.") li intalbet mir-rikorrenti Christopher u Martin wara li l-intimata Agnes mart Alfred Gera de Petri, indikat interpretazzjoni differenti tal-legat relattiv ghall-propjeta' sitwata Rahal Gdid.
(b) il-bicca art sitwata l-Mosta tal-kell ta' dsatax il-elf disa mija u erba u sebghin metru kwadru [19,974m2] originarjament esproprijata taht att tal-1983 i giet riakkwistata mill-familja Testaferrata Moroni Viani fis-sena 1995: skond l-atturi l-art imsemmija għandha tigi meqjusa bhala provvenjenti mill-primogenitura, u għalhekk formanti parti mill-imsemmi 1/8 billi din rrevertiet b'kuntratt wara resoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati: f'dan ir-rigward qed tig esibita kopja tal-kuntratt relattiv ("Dok. C.") u
c] il-fond ossija Villa maghrufa bhala Bendigo, Ta' Xbiex Sea Front, Ta Xbiex originarjament moghti b'cens minn awtur il-partijiet li gie riakkwistat bis-sistema (illum abolita) ta' rkupru: din il-propjeta' ghandha tigi meqjusa bhala provvenjenti mill- istess primogenitura, u għalhekk formanti parti mill-imsemmi 1/8 din il-propjeta' billi din ikkonsolidat ("confusio") mad-dirett dominju relattiv: f'dan

ir-rigward qed tigi esibita kopja tal- irkupru relattiv ("Dok. D.").

Illi ghalhekk salv it-tliet kontestazzjonijiet imfissra fil-paragrafu ta' qabel ma hemmx kontestazzjoni li l-propjetajiet provvenjenti mill-imsemmija primogenitura illum jappartienu lill-partijiet bil-kwoti kif gej: (a) r-rikorrent Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani 5/8 ekwivalenti ghal 62.5%, (b) r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani bejniethom sehem indiviz ta' wiehed minn erbgha u ghoxrin (1/24) ekwivalenti ghal 4.167%, (c) ir-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit ahwa Testaferrata Moroni Viani bejnjiethom is-sehem kumplessiv (jigifieri kompriz dak is-sehem soggett ghall-uzufrutt favur ommhom Jane) ta' 7/48 ekwivalenti ghal 14.58% u (d) l-intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici bejnjiethom is-sehem kumplessiv ta' 3/16 ekwivalenti ghal 18.75%; mentri in rigward il-propjeta' sitwata Rahal Gdid (maghrufa bhala “Palazzo Testaferrata”) tappartieni lill-istess individwi b'dana li (a) r-rikorrenti Christopher u Martin ghandhom ottav (1/8) ekwivalenti ghal 12.5% u r-rimanenti sehem ta' din il-propjeta' tappartieni (b) lill-Baruni Salvino kwantu ghal 5/8 ekwivalenti ghal 62.5% u lill-eredi rispettivi (c) tan-Nobbli Mario kwantu ghal 1/8 ekwivalenti ghal 12.5% u (d) tal-Barunessa Maria kwantu ghal ghar-rimanenti 1/8 ekwivalenti ghal 12.5%.

Illi dan kollu jinsab spjegat fuq l-anness prospett/arblu genealogiku hawn anness u market "Dok. E."

Għal kull bwon fini jiġi dikjarat u ghal ragunijiet li jigu mfissra bid-dettall lil din l-Onorabbli Qorti, l-intimati hadu posizzjoni ambivalenti jekk ir-rikorrenti Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline, Ikoll Testaferrata Moroni Viani gewx immessi fil-pussess tal-legati mħollija lilhom minn l-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani kif jirrizulta mill- annessa korrispondenza markata "Dok. F.", u dana apparti mill-interpretazzjoni fuq spjegata tal-legat relattiv ghall-propjeta' sitwata Rahal Gdid.

Illi r-rikorrenti ma jixtiequx jiqbghu fil-komunjoni fil-propjetajiet kif ghandhom dritt ai termini tal-artikolu 496 tal- Kap 16.

Illi fis-sena 2009 ir-rikorrenti konjuġi Baruni Salvino u Monika Testaferrata Moroni Viani, flimkien mar-rikorrenti

Martin u Christopher Testaferrata Moroni Viani, inkarigaw lill-Perit AIC Godwin P. Abela bħala perit ex parte sabiex jispezzjona u jidentifika d-diversi proprjetajiet li tagħhom huma komproprjetarji l-partijiet, jagħmel valutazzjoni tagħhom u jipproponi pjan ta' diviżjoni.

Illi I-AIC Godwin Abela lesta r-rapport tiegħu nhar it-30 ta' Settembru, 2009 (rapport eżebit bħala żewġ volumi - "Dok. G1." u "Dok. G2."). Illi l-ewwel (1) volum tar-rapport imsemmi ("Dok. G1.") huwa deskrizzjoni dettaljata ta' kull propjeta, mentri it-tieni (2) volum ("Dok. G2.") huwa l-modalita' ta' divizjoni kif proposta mill-istess perit;

Illi in suċċint, l-eżerċizzju li wettaq l-AIC Abela (kif spjegat f'aktar dettall fl-introduzzjoni għar-rapport voluminuz tiegħu)kien jikkonsisti filli:

- L-ewwelnett ipprepara cover sheet għal kull proprjetà, bid- dettalji kollha ta' kull proprjetà rispettiva u l-valur fis-suq skond il-linji gwida tal-Kamra tal-Periti;
- it-tieni nett il-Perit identifika proprjetajiet illi d-diviżjoni tagħhom tista' tkun problematika, partikolarment minħabba fatturi legali bħalma huma proċeduri ta' esproprjazzjoni pendenti jew komproprjetà ma' terzi persuni. Dawn il-proprjetajiet ingħataw valur nominali u l- perit indika s-sehem pro rata li skond hu għandu jmiss til kull parti f'din il-kawża;
- Biex jevita frammentazzjoni ta' proprjetajiet il-Perit Abela ikkunsidra dawk il-proprjetajiet fejn ikun opportun illi ssir konsolidazzjoni ta' proprjetà favur xi persuna partikolari;
- Il-Perit fl-aħħarnett ippropona diviżjoni skond il-valur tas- sehem ta' kull parti u uża dawk il-proprjetajiet li l-valur tagħhom huwa nominali u/jew proprjetajiet mogħtija b'enfitewżi perpetwa biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm għalfejn ħlas ta' ekwiparazzjoni. Bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju, l-ogħla ekwiparazzjoni dovuta hija biss ammont irrizorju;
- Di piu' l-Perit stieden il-partijet kollha sabiex jiehdu kwalsiasi kjarifika u biex jaghmlu kontroproposta.

Illi r-rapport tal-Perit Godwin Abela ġie distribwit lill-intimati u/jew r-rappresentanti taghhom rispettivi nhar id-9 t'Ottubru, 2009 u dakinhar stess, meta ċertament l-intimati kienu għadhom lanqas qraw ir-rapport, l-intimata Agnes Gera de Petri bagħtet ittra lill-Perit Abela, b'kopja lir-rikorrenti l-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani fejn insistiet illi ma kinitx ser tikkunsidra l-pjan ta' qasma ("Dok. H.")

Illi sussegwentement ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati diversi drabi, inkluż b'ittra uffiċjali tas-7 ta' Jannar, 2010 ("Dok. 1."), sabiex jaddivjenu għad-diviżjoni tal-proprjetà skont il- modalitajiet tar-rapport tal-Perit Abela iżda l-intimati mhux biss irrifjutaw il-proposta msemmija mingħajr raġuni valida imma talli naqsu illi, għall-anqas, iressqu proposti alternattivi u realistici għad-diviżjoni tal-istess proprjetajiet ("Dok. 12." u "Dok. 13.")

imbagħad segwew dawn il-premessi billi talbu lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u kundanna neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tiddetermina u tidentifika il-propjetaijiet kollha li fihom l-partijiet huma kompropjetarji liema proprjetajiet huma deskritti f'aktar dettall fl-ewwel volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009;

2. Tiddetermina s-sehem ta' kull kompropjetarju fil-propjetajiet hekk identifikati; inkluz,

3. In kwantu ghal wirt tal-mikbija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani

   (i) Tiddikjara li r-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom bejniethom sehem indiviz ta' wiehed u ghoxrin (1/24) fil-propjetajiet deskritti f'aktar dettall fl-ewwel volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009, flimkien mas-sehem indiviz ta' ottav (1/8) fil- propjeta sitwata Casal Paola maghrufa bhala "Palazzo Testaferrata" deskritt fl-istess rapport, u dan kollu skond il-legat mholli lilhom minghand in-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, kif ordnat mill-ahhar testment taghha fuq imsemmi;

   (ii) Tiddikjara li r-rikorrenti Peter Paul, Paul Stephen u Caroline, ahwa Testaferrata Moroni Viani ghandhom bejniethom (apparti mis-sehem provvenjeneti minn missierhom in-Nobbli Mario) sehem indiviz ta' wiehed minn tmienja u erbghin (1/48) fil- propjetajiet hekk deskritti, u dana skond il-legat mholli lilhom minghand in-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, kif ordnat mill-ahhar testment tagħha fuq imsemmi;

   (iii) Tordna lill-intimati sabiex jimmettu lir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani u Peter Paul, Paul Stephen u Caroline, ahwa Testaferrata Moroni Viani fil-pussess tal-legati hekk imhollija mill-imsemmija Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani

okkorrendo debita ordni u kundanna opportuna sabiex isir att ta' immissjoni issir jew separat jew kontestwali mal-kuntratt ta' divizjoni hawn taht mitluba;

4. Tordna d-diviżjoni tal-proprjetajiet li tagħhom huma komproprjetarji l-partijiet,

5. Tiddiciedi li d-divizjoni għandha issir skond il-modalitajiet indikati fit-tieni volum tal-istess rapport tal-Perit AIC Godwin Abela, jew fin-nuqqas skond il-modalitajiet mfissra minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo l-assistenza ta' periti nominandi;

6. Tordna lill-intimati sabiex jersqu għal att pubbliku sabiex permezz tiegħu issir l-imsemmija diviżjoni u l-immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba skond il-modalitajiet kif fuq indikati;

7. Konsegwentement tordna lill-intimati sabiex jersqu għal att pubbliku li permezz tiegħu issir id-diviżjoni tal-assi msemmija u l- immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba;

8. Tiffissa lok, jum u ħin għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' divizjoni;

9. Tinnomina n-Nutar Pubbliku Dottor Edward Flores jew nutar ieħor tax-xelta ta' din 10.l-Onorabbli Qorti sabiex jippubblika l-att ta' diviżjoni;

10. Tinnomina kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-intimati f'każ ta' kontumaċja tagħhom fuq l-att pubbliku, li jkun jista', f'isem I- intimati jew min minnhom jeżerċità l-poteri u jassumi obbligazzjonijiet kollha inerenti fil-kuntratt ta' diviżjoni, kompriz l-iskrizzjoni ta' ipoteki u privileggi relattiv u l-immissjoni fil-pussess kif indikat fit-tielet talba;

11. Tikkundanna lill-intimati jhallsu sehem mill-ispejjeż Inkorsi mir- rikorrenti fid-divizjoni msemmija u tenut kont sija l-utilita' tal-istess rapport fid-divizjoni, kif ukoll l-opposizzjoni mhux gustifikata tal- intimati Agnes mart Alfred Gera de Petri, Caren mart Josef Preziosi u Annamaria mart John Spiteri Debono, ahwa Testaferrata Bonici, jew min minnhom;

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-kwalsiasi perizja ulterjuri in konnessjoni mal-proceduri odjerni u dawk

relattivi u ulterjuri, kontra l- istess intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

1.3. Il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq wieġbet fl-20 ta' Mejju 2010[1] hekk:

L-eccezzjonijiet –

(1) Illi l-eccipjenti ma topponix ruhha ghad-divizjoni tal-proprjeta komuni, li del resto anke hija kienet ilha tinsisti ghaliha, imma topponi ruhha b' l-aktar qawwa ghall-modalita b' liema l-atturi qieghdin jissuggerrixu li ghandha issir din id-divizjoni, u cioe li din issir skond it-tieni volum tar-rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru 2009, liema modalita hija abbusiva u manifestament intiza biex tisvantaggja lill-eccipjenti; inoltre l-eccipjenti topponi ruhha ghall-konfuzjoni evidenti ta' provenjenzi differenti kif ukoll ta' partecipazzjoni f' parti mid-divizjonijiet minn persuni nieqsa mill-interess mehtieg, liema konfuzjoni ta' interessi guridici tinsab ukoll manifest fid-divizjoni proposta mill-perit Abela, u dan billi l-partijiet apparti li ma ghandhomx l-istess ishma f' kull proprjeta imma hemm ukoll proprjeta li hija komuni bejn xi uhud mill-partijiet u mhux bejn kullhadd;

(2) Illi inoltre ma huwiex car jekk din il-kawza hijiex kawza ta' divizjoni ta' wirt, u allura hija intiza bhala *'actio familiae eriscunde'*, jew kawza ta' divizjoni ta' proprjeta li biss in parti tista tkun gejja minn wirt. Ghalhekk din in-nuqqas ta' kjarezza tista tkun kawza ta' ekwivoci; inoltre, formalment trid tkun mitluba preambolarment id-divizjoni tal-wirt tal-mejjet Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u martu. F' dan ir-rigward jigi notat li apparti l-proprjeta li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, fejn jidher li l-partijiet kollha fil-kawza ghandhom interess, hemm diversi proprjetajiet li kienu inxtraw minn ulied l-istess Pietro Paolo in komun bejnithom, fejn mhux biss l-ishma huma differenti imma Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u Christopher Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem. L-istess jinghad ghan-nisa ta' Salvatore Testaferrata Moroni Viani u Mario Testaferrata Moroni Viani, li ma ghandhom l-ebda sehem minn dak li gej mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghallhekk f' dik id-divizjoni huma privi ta' interess waqt li ghandhom sehem bhala kopartecipi fil-kommunjoni tal-akkwisti mar-rispettivi zwieghom fejn ghandhom interess; hemm ukoll

[1] A fol.1183.

proprjetajiet derivanti minn divizjoni, dawn il-proprjetajiet huma inkomuni ma terzi fejn Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani m'ghandhomx sehem minn din il-proprjeta u ghaldaqstant ma jistawx jigu inkluzi imma d-divizjonijiet huma u jridu jinzammu distinti legalment anke minhabba l-interess guridiku differenti tad-diversi partijiet;

(3) Illi fir-rigward tal-ewwel talba jigi rilevat li trid issir il-verifika tal-konsistenza tal-proprjeta kommuni u r-riferenza ghall-esercizju maghmul mill-perit Godwin Abela ma hiex sufficjenti ghaliex, fost hwejjeg ohra, gew mhollija barra diversi drittijiet appartenenti lill-proprjeta komuni ta' liema l-kondividendi huma biss direttarji, fejn l-istess atturi anke intavolaw kawzi u instigaw lill-eccipjenti biex tippartecipa maghhom in protezzjoni ta' dawn id-drittijiet; dawn stranament ma jissemmew xejn. Fil-fatt, skond il-gurisprudenza f' liema il-kondividendi kienu ippartecipaw, jesistu poprjetajiet fejn ic-cens gie mifdi u l-kondividendi ghadhom jgawdu drittijiet fuqhom li kienu imposti fil-koncessjoni enfitewtika li kienet saret originarjament. Ghal dan il-ghan trid ukoll issir r-ricerki pubblici kollha necessarji sabiex l-assi kollu, inlklux l-imsemmija drittijiet li jispettaw lid-direttarji, jigu kollha kristallizzati u imbghad inkluzi f'eventuali diviizjoni; inoltre l-esercizzju tal-perit Abela huwa ukoll difettuz ghaliex injora d-differenti interessi guridici li ghandha kull parti fid-diversi proprjetajiet u dan legalment ma jistax jsir ghaliex b' dan il-mod jigu assenjjata lil xi whud mill-kondividnedi proprjetajiet f' liema huma ma ghandhom l-ebda sehem. Dan jinghad apparti l-kritika li ssir aktar l-isfel dwar il-modalita b'liema sar dan l-esercizzju.

(4) Illi gew ukoll inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li fihom ir-rikorrenti Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani ma ghandhomx sehem u ghalhekk ma ghandom l-ebda interess guridiku fil-kawza proposta fir-rigward ta dawn il-proprjetajiet, dawn fil-fatt huma il-bosta proprjetajiet li ma humiex dawk l-hekk imsejha proprjeta primogeniali. Illi allura, anki abbazi ta dan, il-prospett ta divizjoni tal-Perit Abela hija monka ghaliex tassenja proprjetajiet lil persuni li ma ghandhom ebda sehem f'dawk l-istess proprjetajiet u allura jipprova ipingi kuntratt li fil-ligi huwa wiehed ta tpartit bhala wiehed ta divizjoni.; inoltre jrid jigi rilevat ukoll li b' l-istess mod Jane Testaferrata Moroni Viani u Monica Testaferrata Moroni Viani ma ghandhom l-ebda dritt ta' koproprjeta fid-divizjoni tal-proprjeta gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk ma ghandhomx interess guridiku f' dik id-divizjoni u minn dik id-divizjoni ghandhom jigu guridikament eskluzi;

(5) Illi gew inkluzi proprjetajiet fil-proposta ta' divizjoni redatta mill-perit Godwin Abela li ma jistghux ikun hekk inluzi skond il-ligi ghaliex dawn kienu diga fil fatt gew divizi u assenjati permezz ta' divizjonijiet ta bejn il-partijiet hekk skond l-att pubblikku ta divizjoni ippublikat minn Nutar Tonio Spiteri nhar id-29 ta' Marzu 1988;

(6) Illi inoltre fir-rigward ta' l-esercizju maghmul mill-perit Godwin Abela, ghalkemm l-eccipjenti ghandha rispett ghall-abilita professjonali ta' dina l-persuna, dan huwa perit ex parte u ghalhekk ma jistax jkun il-persuna li jiddetermina l-modalita shiha tad-divizjoni; l-atturi setghu benissimament qabel ma sar ebda esercizju informaw bil-hsieb taghhom lill-konvenuti u invitawhom jippartecipaw fih anke bin-nomina tal-periti taghhom. Minflok l-atturi intenzjonalment iddecidew li jaghmlu kollox b' l-oppost u bil-habi w ipprocedew biex jghaddu l-inkarigu lill-perit biex ihejji divizjoni fuq modalitajiet li huma kuntenti bihom minghajr li l-konvenuti la gew konsultati la gew informati u lanqas kellhom l-icken opportunita li jikkummentaw dwarhom; ghalhekk necessarjament dak l-esercizzju irid jigi skartat; b' dana kollu huwa, salv dak li inghad iktar fuq, accettat li l-bicca l-kbira tal-proprjetajiet in komun gew inklusa fil-lista tal-perit Abela, u ghalkemm trid issir verifika ghall-fini tat-titolu u pacifiku pussess, l-eccipjenti taqbel li din il-lista tista isservi ta' bazi fuq hiex wiehed jista jibni. Inoltre trid issir d-debita distinzjoni billi mhux il-proprjeta kollha li l-kondividendi ghandhom in komun bejnithom ghandha l-istess provenjenza, u ghalhekk trid issir l-accertament tal-provenjenza anke ghall-fini tal-eventwali kuntratt ta' divizjoni u anke biex jigi determinat x' boll ghandu jithallas fuq l-istess.

(7) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex f'dik il-perizja ma tohrogx is-sehem tal-eccipjenti wahedha;l-eccipjenti ghandha dritt li fid-divizjoni tigi assenjata lilha proprjeta li ma tkunx ghada aktar in komun ma l-ebda kondividend iehor, biex kull wiehed mill-kondividendi jiehu mill-proprjeta komuni s-sehem li jisthoqqlhu, u dan anke kif mehtieg skond l-artikolu 502 il-kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta;

(8) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex jassenja, minghajr raguni valida fil-ligi, proprjetajiet maghzula lil uhud mill-kumproprjetarji; kif ukoll fir-relazzjoni tal-perit Godwin Abela hemm proprjeta u cnus li

ma gewx inkluzi u dawn ghandhom jigu inkluzi fid-divizjoni;

(9) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex ma'ssegwix il-principji hekk kif stabbiliti mill-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta Malta u precizament peress illi jassenja territorji shah lil uhud mill-komproprjetarji meta dawn ma kellhomx dritt ghal tali assenjazjoni skond il-ligi, u jekk kellhom tali dritt, dan id-dritt gie ezercitat mhux skond il-ligi ghaliex assenja estenzjonijiet kbar ta' artijiet lil uhud mill-kompropjetarji meta fil-fatt skond il-ligi dawn kellhom jigu divizi jew ghall-inqas imtella bix-xorti u mhux assenjati.

(10) Illi inoltre il-proposta tad-divizjoni hekk kif ippreparat mill-Perit Godwin Abela, ma hijiex skond il-ligi ghaliex hija manifestament ingusta peress illi fis-sehem tal-eccipjenti gew assenjati bosta proprjetajiet li huma, jew x'aktarx li ser ikunu, milquta b'esproprjazzjoni mill-gvern, jew li huma fil-pusess ta terzi persuni taht titoli ta' kera u jew okkupazzjoni u li ghalhekk m'hemmx il-liberu uzu tal-istess proprjeta. Huwa car illi f'divizjoni il-kondividendi ghandhom jaqsmu skond s-sehemijiet taghhom dak kollu li hemm tajjeb u ukoll dak illi huwa inqas tajjeb jew problematiku bejniethom, u mhux illi uhud mill-kondivdendi jghazlu biss it-tajjeb u jitfghu il-problemi kollha, jew il-bicca l-kbira minnhom, go sehem wiehed biss..

(11) Illi fir-rigward tat-tieni talba jispetta lill-atturi jaghmlu l-prova tal-ishma fil-proprjeta li tigi identifikata bhala appartenenti lill-kondividendi in komun bejnithom u in partikolari tas-sehem li kull wiehed mill-kondividendi ghandu minn dik il-proprjeta anke bil-prova tal-provenjenza; Naturalment in realta dak li jinsab fit-tielet talba ghandu jipprecedi, hekk skond is-segwenza indikata a paragrafu 12 hawn isfel, t-tieni talba billi l-immissjoni fil-pussess trid issir qabel id-determinazzjoni tal-ishma bejn il-kondivideni u d-determinazzjoni ta' dawk l-ishma imbghad issir anke fid-dawl ta' kwalsijasi eventwali immissjoni fil-pussess; naturalment dan kollu jista jsir anke f' kuntratt wiehed u mhux qieghed jigi suggerit li bil-fors jridu jsiru zewg kuntratti fir-rigward ta' dan il-kuntest; Illi inoltre huwa l-kaz li l-kondividendi ghandhom ishma differenti f' diversi proprjetajiet u anke dan jrid jigi determinat u deciz.

(12) Illi dwar l-immissjoni fil-pussess l-eccipjenti kienet u ghadha ppreparata taddivjeni ghall-immissjoni fil-pussess fit-termini precizi u minnghajr bdil tat-testment tat-testatrici

Beatrice Testaferrata Moroni Viani u ghallhekk ma ghandhiex tbati spejjez fir-rigward, imma fil-kuntest tat-talba kif maghmlua ghandom eccezzjonijiet ulterjuri x' jaghtu;

(13) Illi fi-rigward tal-legat imholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jinkombi lill-atturi jghamlu l-prova f' hiex jikkonsistu u x' inhija l-proprjeta primogenjali, u il-konsistenza preciza ta' dawk il-legati; l-atturi jimmetamorfizzaw ruhhom f' imhallfin meta jippretendu li jghidu huma x' inhuma l-kontroversji bejnhom u l-eccipjenti u dan billi l-istess ghandhom jirrisultaw biss mill-eccezzjonijiet hawn sollevati; Illi f' dan il-kuntest jinkombi lill-atturi li jaghmlu il-prova tal-konsistenza tal-legati kollha lilhom imhollija u mhux jillimitaw ruhhom ghad-diskussjoni ta' tlett oggetti biss; illi f' dan il-kuntest jigi ukoll sollevat li t-talba ghall-immissjoni fil-pussess ghandha tipprecedi t-talba ghad-dikjarazzjoni li l-legatarji ghandhom sehem fil-proprjeta kif jinghad fit-talbiet numri 3i u 3ii u dan billi evidentement dak is-sehem ma jistax jinghad li huwa taghhom hlief b' konsegwenza tal-immissjoni fil-pussess; hija logika stramba li l-ewwel tintalab dikjarazzjoni li l-proprjeta hija taghhom, imbghad tintalab l-immissjoni fil-pussess, ghaliex il-logika korretta trid l-invers; korrettement it-talbiet 3i u 3ii ghandhom jsegwu t-talba 3iii, liema talbiet, u cioe 3i u 3ii, la darba tigi determinata f' hiex jikkonsistu l-legati dwar liema trid issir l-immissjoni fil-pussess tkun kompletament superfluwa u bla bzonn u fi kwalsijasi kaz tkun kompriza u konfuza fit-tielet talba.

(14) Illi fir-rigward ta' dak li jinghad fit-talba 3i dwar l-proprjeta maghrufa bhala Palazzo Testaferrata, hemm diversi artijiet attigwi maghha u anke dar separata li ma ppervenewx lill-kondividendi mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u ghalhekk certament mhumiex inkluzi fil-legat u jista ukoll li l-ishma fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet jkunu differenti; inoltre jigi rilevat li l-legat imholli mit-testatrici kien terz ta' ottav u ma ghamlitx it-testatrici legat ta' ottav kif qieghedin donnhom jippretendu l-atturi;

(15) Illi fir-rigward ir-raba talba l-konvenuta ma ghandiex oggezzjoni hlief li tali divizjoni issir wara li l-proprjeta tigi maqsuma f'porzjonijiet u imbghad tittella bix-xorti, biex l-assenjazzjoni issir skond ix-xorti u dan kif trid u tiddisponi l-ligi hekk skond l-artikolu 510 tal-kap 16. Huwa biss l-qorti li tista tiddeciedi li id-divizjoni issir permezz ta' assenjazjoni in parte jew in toto – Id-decizjoni li d-divizjoni kollha tkun permezz biss ta assenjazjoni tispetta biss lill kondividendi kollha unanimament bejniethom jew hekk kif

ordnat mill-qorti – Parti wahda jew iktar ma tistax timponi ir-rieda taghha fuq il-kondividendi l-ohrajn fir-rigward il-modalita tad-divizjoni;

(16) Illi fir-rigward tal-hames talba dina hija oggezzjonablili; l-procedura segwita mill-atturi tilledi b' l-aktar mod pales id-dritt tal-konvenuta ghal smiegh xieraq minn bniedem imparzjali u indipendenti fid-deteminazzjoni tad-drittijiet civili taghha; l-attur ma jistax jippretendi li d-drittijiet tal-eccipjenti fid-divizjoni kif suggerit mill-atturi, ghandu jigi determinat mill-konsulent tal-attur skond rapport minnu maghmul minghajr ma biss hija kienet giet kkonsultata jew thalliet tippartecipa fil-process. Naturalment l-konvenuta ma ghandhiex oppozizzjoni ghan-nomina ta' periti sa kemm l-partijiet ma jsibux modalitajiet akkordati kif jistghu jsolvu l-vertenzi ta' bejniethom. L-eccipjenti toggezzjona ghall-imposizzjoni maghmula mill-atturi; l-atturi ghandhom kull dritt jinkarigaw il-perit taghom, kif del resto tista taghmel anke il-konvenuta, imma ma jistghux jippretendu li jimponu l-konkluzjoni tal-perit taghhom fuq kulhadd.

(17) Illi dwar is-sitt, seba u tmien talbiet dawn huma konsegwenzjali u jridu jigu determinati fil-kuntest ta' dak li jigi deciz fir-rigward tat-talbiet l-ohra u semmaj l-ordnijiet li ghandhom jinghataw taht dawk it-talbiet ghandhom jinghataw kontra l-partijiet kollha u mhux biss kontra l-intimati, halli anki huma jkunu obbligati jersqu ghad-divizjoni kif prospettata mill-Qorti; f'divizjoni kull parti huwa attur u konvenut f' l-istess hin.

(18) Illi fir-rigward ta' nomina ta' nutar l-eccipjenti thoss li huwa xieraq li f' dan il-kuntest thalli f' idejn il-Qorti u ssibha stramba li l-atturi donnhom jixtiequ jimponu l-ghazla taghhom fuq il-Qorti; naturalment huma ma ghandhomx xi opposizzjoni ghal xi nutar partikulari imma jigi biss rilevat li n-nutar Flores huwa n-nutar b' liema jahdmu l-atturi Salvino, Martin u Christopher Testaferrata Moroni Viani u ga pprepara diversi dokumenti pubblici li jinkludu aspetti li ma jaqblux maghhom l-eccipjenti u senjalatament d-dikjarazzjoni causa mortis li ppubblika fis- 7 ta' Lulju 2008 fir-rigward tal-kontenut tal-legat mholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani lill-Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani;

(19) Illi dwar nomina ta' kuraturi din ghandha tkun nomina biex il-kuraturi jirrapresentaw kull eventwali kontumaci fuq l-att finali u mhux biss lill-intimati;

(20) Illi fir-rigward ta' spejjezz naturalment lis-spejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kullhadd skond sehmhu imma

zgur li lis-spejjez tal-perizja unilateralment maghmula mil-atturi ma tistax tigi akkollata lill-intimati specjalment meta wiehed jikkunsidra l-mod abbusiv u minghajr kont tal-interess tal-intimata b' liema din saret; dik il-perizja fir-rigward tal-intimat hija ta' utilita ferm ambigwa u l-intimata tibza li hi intiza biex tiddanneggjha. L-intimata innifisha ikkonsultat ruhha ma esperti f' dan il-qasam u ma bghatitx il-kontijiet taghhom lil-atturi. Kull parti tbati l-ispejjez li joghgobha taghmel - dawk l-ispejjez li huma divizibili huma dawk gudizjarji.

Ghal dak li jirrigwarda l-Fatti l-eccipjenti tghid is-segwenti

i. Fir-rigward il-paragrafu wiehed tar-rikors promotur -Illi dwar dak dikjarat f' l-ewwel paragrafu - ghandu jigi precizat li l-atturi u l-konvenuti ghandhom sija prorpjeta in komuni li gejja mill-wirt ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kif ukoll proprjeta ohra in komuni li giet akkwistata minnhom in komun jew giet minn provenienza ohra; dwar dak li l-atturi jirreferu ghalih bhala primogenitura irid jigi precizat li l-primogenituri gew aboliti fil 1950 u llum ma hemm l-ebda proprjeta li hija primogenjali, imma hemm proprjeta f' liema il-kondividendi ghandhom ishmijiet u interessi diversi; hemm anke proprjeta minn dik migjuba ghall-qasma f' liema xi whud mill-kondividendi ma ghandhom l-ebda sehem jew interess guridiku.
ii. Fir-rigward il-paragrafu tnejn tar-rikors promotur - jispetta lill-attur jipprova l-esistenza u l-konsistenza tal-primogenituri, imma huwa minnhu li l-primogenituri kienu gew abboliti qabel il-mewt ta' Pietro Paolo Testaferata Moroni Viani, kif ukoll li dan miet fit-18 ta' marzu 1954. Illi huwa ukoll minnhu li dan miet minghajr testament u li l-wirt tieghu ghaddha fuq l'erba' uliedu li huma: l-ewwel wild Maria li twieldet f'30 ta' April 1923, it-tieni wild Beatrice li twieldet f'5 ta'Frar 1927, it-tielet wild Salvino li twieled 19 ta' Settembru 1930 u r-raba wild Mario li twieled f'2 ta'Settembru 1932
iii. Fir-rigward il-paragrafu tlieta tar-rikors promotur - Illi ghalkemm huwa veru li ghall diversi snin proprjeta komuni tal-partijiet kienet tigi amministrata minn Salvino Testaferrata Moroni Viani, kien hemm opposizzjoni ghall tali amministazzjoni u kien hemm anke diversi ittri b' liema kien avzat li ma jistax jiffirma jew jaghmel xi ftehim dwar il-proprjeta komuni minghajr il-kunsens ta' kull wiehed mill-koproprjetarji u fil-fatt hemm anke kawzi pendenti relattiv ghall ftehim li sar minnghajr il-kunsens jew l-adesjoni tal-partijiet kollha; huwa ukoll minnhu li billi hemm proprjeta komuni li kienet giet akkwistata mill-ahwa Maria, Salvino u Mario meta huma kienu mizzewga dawk

il-proprjetajiet hekk akkwistati kienu jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn ir-rispettivi mizzewgin; f'din il-proprjeta in patikolari Dr. Martin Testaferrta Moroni Viani u Christpher Moroni Viani ma ghandhom naturalment l-ebda sehem; naturalment kull proprjeta trid tigi individwata u l-ishma f' kull proprjeta partikolarment determinati; u dan anke fid-dawl tad-diversi provenjenzi tal-proprjetajiet;

iv. Fir-rigward il-paragrafu erba tar-rikors promotur - Huwa minnu li t-tlett ulied ta' l-Barunessa Maria Testaferrata Bonici u cioe l-Markiza Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, l-Kontessa Caren Preziosi u n-nobbli Anna Maria Spiteri Debono wirtu lil-ommhom f' ishma indaqs u ghallhekk huma ghandhom terz minn kull sehem indiviz li seta kellha din fil-koproprjeta ta' bejn il-kondividendi;

v. Fir-rigward il-paragrafu hamsa tar-rikors promotur - Illi dwar is-successjoni ta' Mario Testaferrata Moroni Viani l-eccipjenti ma hiex f' posizzjoni li tikkumenta u dan huwa kwistjoni li dwaru iridu jressqu l-provi dokumentarji l-atturi billi din hija kwistjoni li trid tigi determinata mid-dokumenti;

vi. Fir-rigward il-paragrafu sitta tar-rikors promotur - Illi dwar il-wirt ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani huwa minnu li Agnes, Caren, u Anna Maria huma werrieta taghha fi kwoti ugwali; huwa ukoll minnu li hija ghamlet il-legati fit-tieni u t-tielet artikoli tat-testment taghha, imma l-interpretazzjoni ta' dawn il-legati kif mfissra mill-atturi ma hijiex kondivisa mill-eccipjenti, billi jispetta lill-atturi juru liema proprjeta kienet tifforma parti minn dawk il-legati, u inoltre fir-rigward tal-proprjeta Casal Paola hija halliet lil Martin u Christopher is-sehem taghha ta' ottava parti minn din il-poprjeta akkont tat-terz ta' ottava parti li huma kellhom jircevu bhala legat u mhux kif jinghad fid-dikjarazzjoni oltre it-terz tal-ottav li hallietilhom bhala legat; illi kif miktub il-legat huwa ta' terz ta' ottav u l-ottav tad-dar huwa inkluz f' dak il-legat tat-terz tal-ottav. Il-legat huwa tad-dar biss u mhux ta' artijiet u bini li jistghu jkunu attigwi.

vii. Fir-rigward il-paragrafu seba tar-rikors promotur - Illi Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani ghandhom in komun mal-partijiet dawk il-proprjetajiet jew ishma fi proprjetajiet li ppervenew mill-legat tal-imsemmija Beatrice Testaferrata Moroni Viani, imma ma ghandhomx ishma in komun fil-proprjetajiet l-ohra u ghalhekk fir-rigward ta' dik id-divizjoni ta' dawn l-ahhar proprjetajiet ma jistghux jkunu parti.

viii. Fir-rigward il-paragrafu tmienja tar-rikors promotur - Illi dwar il-paragrafu 8(a) l-atturi ma humiex korretti f' dak li jallegaw ghaliex il-kliem kif miktub ma jfissirx hekk. It-testatrici hallietilhom legat wiehed biss u cioe ta' terz ta'

ottava parti – meta irriferiet ghall-ottava parti tad-dar f' Casal Paola, Palazzo Testaferrata, dan jfisser li hija kienet qieghda tispecifika li dik l-ottava parti ta' dik il-proprjeta kienet inklusa fil-legat ta' terz minn otava parti, imma il-legat huwa ta' terz minn ottava parti. Dwar il-proprjeta fil-paragrafu 8 (b) l-provenjenza ta' din il-proprjeta ma hijiex minn xi primogenitura imma hija gejja minn att ta' akkwist kif jirrisulta anke mill-att relattiv u ghallhekk ma tifformax parti minn l-ebda legat infatti dina l-art kienet originaljament giet mibjugha lill gvern u kien biss fil-5 ta' Gunju 1995 li dina l-art giet fil-patrimonju, ukoll tal-eccipjenti, izda mhux fil-patrimonju tar-rikorrenti kollha, permezz ta kuntratt ta' tpartit. Hekk skond il-kuntratt tal-5 ta' Gunju 1995 in atti Nutar Dottor Vincent Miceli. Dwar il-proprjeta fil-paragrafu 8(c) art li tigi rkuprata ma tistax tigi meqjusa bhala formanti parti minn xi primogenitura billi l-akkwist huwa derivat minn titolu ben differenti, titolu li huwa wiehed ta xiri li sehh nhar is 27 ta' Lulju 1959 (u cioe disa` snin wara l-att 12 tal-1950 li gab it-tmiem tal-primogenituri u l-fedekommess), u ghallhekk ukoll din ma tistax tifforma parti mill-legat.

ix. Fir-rigward il-paragrafu disa tar-rikors promotur - Illi dwar il-kwoti imsemmija fil-paragrafu disa trid issir il-verifika u l-prova ta' dawk il-kwoti. Inoltre jigi precizat li mhux kull proprjeta hija mizmuma f' l-istess kwoti u ghallhekk anke f' dan ir-rigward trid issir id-debita precisazzjoni.

x. Fir-rigward il-paragrafu ghaxra tar-rikors promotur - Dwar l-arblu genealogiku l-eccipjenti qieghd tannetti l-arblu taghha; pero l-arblu tar-rikorrent jaghmel prova biss tan-nisel u l-kummenti l-ohra ma jaghmlu l-ebda tip ta' prova. Jinghad ukoll li l-ordni tat-twelid tal-ahwa Maria, Beatrice, Salvino u Mario ma giex indikat korrettement mir-rikorrenti.

xi. Fir-rigward il-paragrafu hdax tar-rikors promotur - Il-posizzjoni tal-eccipjenti kienet cara u univoka u li hija kienet lesta timmettihom fil-pussess fit-termini precizi imhollija mit-testment u f' xejn izjed jew inqas.

xii. Fir-rigward il-paragrafu tnax tar-rikors promotur - Illi dan japplika ukoll ghall-eccipjenti li ma tridx tibqa izjed in komproprjeta mal-koproprjetarji l-ohra kollha.

xiii. Fir-rigward il-paragrafu tlettax tar-rikors promotur - Illi dan huwa minnhu kif huwa minnhu, ukoll li dan sar ad insaputa u minnghajr il-kunsens tal-eccipjenti, u minghajr ebda tip ta' avviz.

xiv. Fir-rigward il-paragrafu erbatax tar-rikors promotur -Illi huwa minnhu li l-perit ghamel deskrizzjoni u pjan ta' divizjoni flimkien ma xi whud mill-atturi, imma kompletament f' l-assenza u minghajr il-partecipazzjoni tal-konvenuta.

xv. Fir-rigward il-paragrafu hmistax tar-rikors promotur - Illi huwa evidenti li r-rapport tal-perit sar biex l-atturi ghazlu dik il-proprjeta li xtaqu jzommu u taw il-bqija lill-intimati; li ssaqsi lill-intimati jaqbilx wara li l-esercizzju jkun kollu sar huwa ftit il-boghod minn dahk fil-wicc. Kieku l-atturi riedu l-kooperazzjoni vera tal-intimati messhom imxew mod iehor maghhom u mhux b' dan il-mod. L-intimati jridu li ssir pjan ta' divisjoni fejn il-qasma tkun tista titella bix-xorti, kif inhija il-ligi u l-prassi, naturallment fir-rispett tad-dritt ta' kull koproprjetarju li jiehu dak li haqqu.

xvi. Fir-rigward il-paragrafu sittax tar-rikors promotur - Dwar l-ittra li l-eccipjenti baghtet din intbaghtet ghaliex kien evidenti li l-esercizju ma kienx jidher li sar in bwona fede; inoltre hija ma kienitx preparata li xi hadd jiddeciedi ghaliha minghajr biss lanqas tkun ikkonsultata. Il-pjan ta' qasma kien oggezzjonabili fin-natura tieghu stess, indipendentement mill-kontenut tieghu, minhabba l-modalita b' liema sar – il-pjan kien wiehed ta' parti, minnghajr il-kunsens jew l-involviment taghha bhala diretta interessata, u minnghajr ma jikkunsidra l-possibilita li l-qasma issir bix-xorti kif trid il-ligi. Ghalhekk l-ittra intbghatet mill-ewwel u kien maghmul car li hija kienet lesta li tippartecipa fil-ghemil ta' pjan ta' qasma fuq bazi razzjonali imma ma kienitx preparata li tibda minn pjan ta' qasma maghmul biex jirrispekkja biss ix-xewqat ta'l-atturi biss. Anzi it-tempestivita tal-ittra turi l-*buona fede* taghha.

xvii. Fir-rigward il-paragrafu sbatax tar-rikors promotur - L-eccipjenti dejjem insistiet li hija xtaqet taghmel divizjoni imma b' l-istess mod kienet insistenti li ma kienitx preparata li taghmel id-divizjoni fuq il-pjan ta' qasma preparat mill-perit Godwin Abela.

xviii. Inoltre l-esponenti tixtieq tattira l-attenzjoni tal-Qorti fir-rigward tad-degriet moghti ghall-esibizzjoni ta' dokumenti li f' din id-divizjoni huwa ferm importanti li jigu esibiti r-ricerki u d-dokumenti kollha li jipprovaw il-provenjenza u t-titolu; naturalment biex hija tordna u tottjeni dawn ir-ricerki trid iktar zmien minn dak ga koncess u ghallhekk hija, bl' akbar rispett, tirriserva li tipproduci l-istess meta dawn jkunu disponibbili fin-nuqqas li dawn jesibihom l-atturi stess kif inhuwa l-obbligu taghhom li jaghmlu, specjalment jekk dawn ir-ricerki ga jesistu fil-pussess taghhom.

xix. L-arkivju tal-proprjeta tal-familja Testaferrata Moroni Viani huwa fil-pussess tal-atturi cioe' Salvino Testaferrata Moroni Viani u ghaldaqstant m'inhix f'pozzizjoni li nesebixxi dawn id-dokumenti u m'ghandiex access ghal tali; nirreseva d-dritt biex naghmel eccezzjonijiet ulterjuri (dawn id-dokumenti ghandhom jigu divizi ukoll).

xx. Dwar il-lista tal-oggetti in divizjoni l-esponent qieghda tannetti lista pero fiz-zmien qasir disponibbili ghaliha biex

taghmel dawn l-eccezzjonijiet din tista ma tkunx komplut jew preciza u ghallhekk l-esponent tirriserva li tikkoregi din il-lista fi stadju aktar tard. Dwar il-kwoti jrid l-ewwel jkun hemm imressqa il-provi mill-atturi biex din tkun tista tigi determinata.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

1.4. Il-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono preżentat ir-risposta ġuramentata tagħha fl-20 ta' Mejju 2010[2] filwaqt li l-konvenut Caren Preziosi preżentat ir-risposta ġuramentata tagħha fil-31 ta' Mejju 2010[3]. Bihom huma ssollevaw l-istess eċċezzjonijiet li ssollevat il-konvenuta l-oħra, u għalhekk il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni inutili, qiegħda tagħmel riferenza għar-riproduzzjoni tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq.

1.5. B'rikors preżentat fl-24 ta' Jannar 2011[4], Alfred Gera de Petri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Euro Industries Limited, wara li ppremetta li b'kuntratt magħmul fil-21 ta' Jannar 2011 fl-atti tan-Nutar Victor John Bisazza, huwa f'dik il-kwalità kiseb dodiċeżima parti ($^1/_{12}$) indiviża mill-fond urban bin-numru sitta u erbgħin (46), qabel erbgħin, fi Triq Coleridge fil-Gżira, talab li jiġi mdaħħal fil-kawża *in statu et terminis*. L-atturi wieġbu għal din it-talba fl-4 ta' Frar 2011[5]. B'dikriet mogħti fil-5 t'Ottubru 2011[6], din il-Qorti kif diversament presjeduta qieset li qabel tippronunzja ruħha dwar din it-talba, kellha tistenna l-eżitu tal-kawża bin-numru 343/2011 MCH, li kienet azzjoni ta' jattanza li biha s-soċjetà Euro Industries Limited ipproċediet kontra l-atturi odjerni sabiex dawn jiddeduċu l-pretensjoni tagħhom dwar in-nullità tal-kuntratt imsemmi tal-21 ta' Jannar 2011. Din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-24 ta' Ġunju 2016[7], bl-azzjoni ta' jattanza tkun riġettata. It-talba ta' Alfred Gera de Petri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Euro Industries Limited ġiet finalment milqugħa b'dikriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu 2024[8].

---

[2] A fol.1295.
[3] A fol.1362.
[4] A fol.1519.
[5] A fol.1542.
[6] A fol.1571.
[7] Kopja eżebita a fol.1665.
[8] A fol.2940.

1.6. B'dikriet ieħor ukoll mogħti fil-5 t'Ottubru 2011[9], din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li qabel tiġi deċiża l-kawża odjerna, kellha qabel xejn tiġi deċiża l-kawża bin-numru 1335/2010 li ġiet preżentata mill-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq kontra l-atturi u kif ukoll kontra l-konvenuti ħutha għal kull interess li jista' jkollhom, f'liema kawża l-Qorti kienet mitluba «*tiddeċiedi billi tiddikjara li l-legati fuq imsemmija imħollija mill-istess kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani ma jinkludux l-immobili fuq imsemmija u ċioè: l-villa bl-isem 'Bendigo' u bin-numru uffiċjali sebgħa u erbgħin (47), f'Ta' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex u l-porzjon diviża ta' art tal-kejl ta' ċirka dsatax-il elf, disa' mija u erbgħa u sebgħin metru kwadru (19,974 m$^2$), magħrufa bħala "Tal-Blata l-Għolja" fil-Mosta, u dan in vista taċ-ċirkostanzi fuq premessi kif ukoll minħabba li l-istess proprjetajiet ma jifformaw parti minn l-ebda Primogenitura u għalhekk ma humiex inklużi f' l-istess legati*»[10]. Din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016[11], li permezz tagħha t-talbiet tal-attriċi ġew miċħuda.

1.7. Jirriżulta li bejn il-kontendenti saret kawża oħra, u ċjoè dik permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 942/2011 AE fl-ismijiet "Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani u Martin Testaferrata Moroni Viani u Carmen mart Josef Preziosi u Anna Maria mart John Spiteri Debono għal kull interess li jista' jkollhom". F'din il-kawża ntalab li l-Qorti «*tiddeċiedi billi tiddikjara li l-legat fuq imsemmi imħolli mill-istess kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani lill-intimati Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani huwa legat wieħed u uniku u ma jinkludux fih in-nofs indiviż mis-sehem ta' ottav indiviż tal-immobili fuq imsemmi u ċioè: id-dar magħrufa bħala Palazzo Testaferrata uffiċjalment immarkata bin-numru 25, Valletta Road, Paola, iżda biss it-terz indiviż mis-sehem ta' ottav indiviż ta' dan l-istess immobbli u dan in vista taċ-ċirkostanzi fuq premessi u fi kwalsiasi każ, stante d-diverbju bejn il-partijiet, tistabilixxi l-estensjoni preċiża tal-fuq imsemmi legat*». B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012[12], il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet din il-kawża billi:

[9] A fol.1575.
[10] Ara kopja tar-rikors ġuramentat li bih inbdiet il-kawża bin-numru 1335/2010, a fol.1526.
[11] Kopja eżebita a fol.1674.
[12] Kopja informali tas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Diċembru 2012 tinsab eżebita a fol.1587.

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Moroni Viani, bl-ispejjez kontra taghhom.

2. Tichad it-talba tal-attrici ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni tat-Tieni Artikolu tat-testment tas-6 ta' Lulju 2007 fl-atti tan-nutar Dr Hugh Grima skond kif iddikjarata fir-rikors guramentat, kif ukoll l-interpretazzjoni li qeghdin jaghtu l-konvenuti Moroni Viani. Tiddikjara li l-interpetazzjoni ghandha tkun fis-sens li:-

i. Bit-Tieni Artikolu t-testatrici halliet legat wiehed lill-konvenuti ahwa Moroni Viani, cjoe' terz (1/3) mis-sehem ta' parti minn tmienja (1/8) indiviz tal-primogenituri ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, u liema sehem it-testatrici ddikjarat li sar taghha mal-mewt ta' missierha Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

ii. Is-sehem indiviz ta' parti minn tmienja (1/8) fil-fond Palazzo Testaferrata, Triq Valletta, Rahal Gdid ghandu jifforma parti mil-legat ta' terz (1/3) tal-parti minn tmienja (1/8) sehem indiviz tal-primogenituri imholli lill-konvenuti ahwa Moroni Viani.

Ghalhekk a skans ta' kull ekwivoku is-sehem ta' parti minn tmienja (1/8) fil-fond Palazzo Testaferrata ghandu jittiehed mill-konvenuti ahwa Moroni Viani akkont tat-terz (1/3) ta' parti minn tmienja (1/8) mill-primogenituri ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

Kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez rispettivi taghha gialadarba l-qorti ma qablitx mal-interpretazzjoni li tat l-attrici fir-rikors guramentat u l-interpretazzjoni li taw il-konvenuti Moroni Viani fit-twegiba guramentata. B'dan li l-atturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' Caren Preziosi u Anna Spiteri Debono li hallew f'idejn il-qorti biex tinterpreta d-disposizzjoni u qatt ma ddikjaraw li jaqblu ma dak li qeghda ssostni l-attrici.

1.8. B'dikriet mogħti fis-16 t'April 2013[13], il-Qorti awtorizzat lill-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq tressaq l-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat, liema eċċezzjoni ġiet sollevata formalment b'risposta ġuramentata ulterjuri preżentata fil-11 ta' Mejju 2017[14] u taqra hekk:

[13] A fol.1608.
[14] A fol.1755.

> Illi t-tielet, r-raba u l-ħames talba tal-atturi huma *res ġudikata* billi l-estensjoni tal-legat imħolli mill-kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani lil xi wħud mill-atturi għal dak li jirrigwarda s-sehem tagħha mill-proprjetà magħrufa bħala Palazzo Testaferrata, Paola, ġja ġie ġudizjarjament determinat b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta' Diċembru, 2012 fil-kawża fl-ismijiet Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq vs. Christopher Testaferrata Moroni Viani et (Rikors Nru. 942/2011) li llum għaddiet in ġudikat.

1.9. Fil-21 ta' Frar 2018, ingħata provvediment dwar eċċezzjoni oħra sollevata mill-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq fis-sens li l-kawża ma setgħetx titkompla qabel ma l-werrieta tal-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani, li miet fil-mori tal-kawża, iħallsu t-taxxa tas-suċċessjoni. Fl-imsemmi provvediment[15], din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat is-soprasessjoni tal-kawża sakemm isir il-ħlas tat-taxxa kif meħtieġ mill-artikolu 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti[16]. Il-kawża ssoktat wara li sar il-ħlas tat-taxxa ftit xhur wara dan il-provvediment.

1.10. Il-konvenuti, b'noti preżentati fit-23 ta' Novembru 2017[17] u fil-21 ta' Frar 2019[18], ippreċiżaw li wara l-mewt tal-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani huma ma kienux qed jinsistu fuq l-eċċezzjoni ta' nuqqas t'interess ġuridiku limitatament sa fejn tirrigwarda l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani.

1.11. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2021[19], din il-Qorti, kif diversament presjeduta, iddeċidiet:

> 1. Illi l-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani għandhom interess ġuridiku sabiex jistitwixxu l-kawża odjerna sew fir-rigward tal-immobbli fejn huma ko-proprjetarji, sew fir-rigward tal-immobbli fuq liema jgawdu dritt ta' uzufrutt;
> 2. Illi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħhom eċċepew il-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi Monica

[15] A fol.1792.
[16] Kapitolu 364 tal-liġijiet ta' Malta.
[17] A fol.1776.
[18] A fol.1859.
[19] A fol.1954.

Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani bħala li ma humiex fondati;
3. Konsegwentement tiċħad dawn l-eċċezzjonijiet dwar il-karenza ta' interess ġuridiku fl-atturi Monica Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani;
4. Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

1.12. Waqt l-udjenza tat-12 t'April 2024[20], il-partijiet qablu li l-istadju tal-provi huwa magħluq, u l-Qorti iffissat żmien sabiex il-kontendenti jressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom. L-atturi ressqu n-nota tagħhom fis-17 ta' Mejju 2024[21], filwaqt li l-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq preżentat in-nota tagħha fl-24 ta' Ġunju 2024[22]. Il-konvenuti l-oħrajn ressqu nota li biha għamlu tagħhom is-sottomissjonijiet li saru mill-konvenuta l-oħra[23].

1.13. Fit-12 ta' Lulju 2024[24], inżamm smigħ ieħor fejn id-difensuri tal-kontendenti għamlu sottomissjonijiet bil-fomm, u l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-udjenza tal-lum.

## 2. Il-Kwistjonijiet bejn il-Kontendenti

2.1. Minħabba l-volum kbir tal-atti proċesswali, il-Qorti jidhrilha li jkun utili li qabel xejn tidentifika bi preċiżjoni d-diversi kwistjonijiet li dwarhom tlewwmu l-kontendenti, sabiex tkun f'pożizzjoni li mill-bidu tislet mill-atti dawk il-provi li huma rilevanti għal dawk l-istess kwistjonijiet u b'hekk tkun fl-aħjar pożizzjoni biex tippronunzja ruħha dwar l-istess. Sabiex il-Qorti waslet biex tidentifika dawn il-kwistjonijiet, eżaminat b'reqqa akbar mhux biss l-atti preżentati mill-kontendenti fl-istadju tal-proċeduri bil-miktub, imma wkoll in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi li huma ppreżentaw fl-aħħar stadju tal-kawża, qabel saret it-trattazzjoni orali fl-udjenza tat-12 ta' Lulju 2024.

2.2. Mill-eżami mwettaq mill-Qorti, ġew identifikati s-segwenti kwistjonijiet li għad iridu jiġu deċiżi:

[20] Fol.2945.
[21] Fol.2959.
[22] Fol.3217.
[23] Fol.3487.
[24] Fol.3488.

(i) eċċezzjoni ta' *res iudicata* sollevata mill-konvenuta Gera de Petri bħala eċċezzjoni ulterjuri u dan fil-konfront tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet dedotti mill-atturi;

(ii) eċċezzjoni dwar in-natura tal-azzjoni, u ċjoè jekk l-azzjoni hijiex dik *communi dividundo* jew inkella *familiae erciscundae*;

(iii) iż-żmien li b'riferenza għalih iridu jiġu kkunsidrati l-ħwejjeġ li se jiġu diviżi u li dwarhom qed tintalab l-immissjoni fil-pussess, u ċjoè jekk hux iż-żmien eqreb għas-sentenza jew dak li fih inbdew dawn il-proċeduri;

(iv) l-oriġini, n-natura u l-konsistenza tal-primoġenituri *Testaferrata*;

(v) jekk il-Qorti tistax toqgħod fuq rapport imressaq minn perit inkarigat *ex parte*, u *occorrendo* fuq liema minn dawk ir-rapporti li tressqu fl-atti għandha toqgħod;

(vi) l-eżerċizzju tal-jedd t'opzjoni mogħti mill-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili;

(vii) il-kwoti tal-kontendenti fil-proprjetajiet komuni;

(viii) l-immissjoni fil-pussess tal-legati;

(ix) il-*modus divisionis*;

(x) l-ispejjeż tal-kawża.

2.3. Stabbiliti għalhekk b'mod ġenerali d-diversi kwistjonijiet li jikkomponu l-meritu residwali ta' din il-kawża, il-Qorti sejra issa teżamina l-fatti tal-każ kif jirriżultaw mill-atti proċesswali, u sussegwentement, se twettaq il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn id-diversi kwistjonijiet aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

## 3. Fatti

3.1. Il-provi li l-Qorti tqis li huma l-aktar rilevanti għall-kwistjonijiet li dwarhom hija għandha tagħti deċiżjoni jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

3.2. L-atturi Salvino, Christopher, Martin, Peter Paul, Paul Stephen u Caroline ilkoll Testaferrata Moroni Viani, u l-konvenuti, huma komproprjetarji ta' numru konsiderevoli ta' ħwejjeġ immobbli li kienu oriġinarjament jifformaw parti mill-*primogenituri Testaferrata*. Dawn il-ħwejjeġ immobbli huma sitwati f'Ta' Xbiex, fl-Imsida, fil-Gżira, fil-Mosta, f'Raħal Ġdid u fiż-Żebbiegħ, u jikkomprendu wkoll xi

ċnus u drittijiet reali oħrajn. L-atturi Monika Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani huma użufruttwarji ta' wħud minn dawn il-proprjetajiet, u komproprjetarji ta' ammont ferm anqas minn dawn l-istess proprjetajiet.

3.3. Id-diversi beni mmobbli li jikkomponu l-komunjoni eżistenti bejn il-kontendenti huma elenkati dettaljatament fir-rapport imħejji mill-Perit Godwin Abela fuq inkarigu tal-atturi bejn Lulju u Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009)[25] kif ukoll fil-listi eżebiti mill-konvenuti[26], u f'dan l-istadju ma hemmx il-ħtieġa li dak l-elenku jiġi riprodott hawnhekk. Jingħad biss li l-Qorti sejra tirreferi għal dawn il-proprjetajiet bl-istess mod li għalihom irrefera l-Perit Abela, kif mill-bqija jidher li sar matul il-kors sħiħ ta' din il-kawża.

3.4. Huwa utili li qabel xejn jiġu stabbiliti r-relazzjonijiet bejn il-kontendenti.

3.5. Pietro Paolo (Petrino) Testaferrata Moroni Viani kellu erbat itfal, u ċjoè lill-attur Salvatore (Salvino), Mario, Maria u Beatrice. L-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani huma wlied Salvatore (Salvino). L-atturi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline aħwa Testaferrata Moroni Viani huma wlied Mario. Il-konvenuti huma aħwa u wlied Maria. Beatrice mietet xebba u improle[27]. Għall-kompletezza jingħad li ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani twieldu f'dan l-ordni:- Maria, Beatrice, Salvino u Mario[28].

3.6. Il-komunjoni ta' wħud mill-proprjetajiet li jifformaw l-oġġett ta' din il-kawża jidher li ġejja minn numru ta' primoġenituri li l-atturi jgħidu li kienu stabbiliti fi żminijiet differenti, u li meta ntemmu bis-saħħa tal-promulgazzjoni tal-Att XII tal-1950[29] kienu

---

[25] Eżebit minn fol.48-486. Waqt l-udjenza tal-15 ta' Ġunju 2010, il-partijiet iddikjaraw «*li jaqblu sostanzjalment mad-deskrizzjoni tal-perit Abela dwar il-propjeta*» (fol.1430). Il-Qorti, diversament presjeduta, dakinhar stess tat tliet xhur żmien biex il-kontendenti jiddikjaraw fejn ma jaqblux mad-deskrizzjoni tal-perit Abela. Sussegwentement, permezz ta' noti preżentati fit-13 t'Ottubru 2010 (viz. fol.1468, 1485 u 1502) il-konvenuti elaboraw dwar fejn qablu u ma qablux mad-deskrizzjonijiet tal-Perit Abela. Fil-qosor, huma spjegaw li d-deskrizzjoni ma kinitx kontestata sa fejn tirrifletti l-kondizzjoni u l-konfini, iżda ma kienux f'pożizzjoni li jesprimu jekk jaqblux dwar il-kejl u dwar jekk kull proprjetà hux tassew li hija fabbrikabbli jew le. Il-konvenuti tennew li huma ma jaqblu xejn mal-valutazzjoni u mal-pjan ta' qasma propost mill-Perit Abela.

[26] Ara, per eżempju, dik eżebita minn fol.1377-1428.

[27] Ara l-arblu tar-razza eżebit a fol.36. Hemm ukoll arblu tar-razza aktar estiż eżebit mill-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq a fol.1258.

[28] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani.

[29] Kapitolu 130 tal-liġijiet ta' Malta.

jinsabu fil-pussess ta' Pietro Paolo (Petrino) Testaferrata Moroni Viani. L-atturi jgħidu li bit-tmiem ta' dawn il-primoġenituri, nofs indiviż tal-attiv li minnhom kienu komposti sar proprjetà tal-possessur attwali (ċjoè Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani) filwaqt li n-nofs indiviż l-ieħor għadda favur ibnu Salvino, bħala dak li lilu kienet tmiss il-primoġenitura li kieku ma ntemmitx[30]. Dak in-nofs indiviż li baqa' vestit fi pjena proprjetà favur Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani eventwalment intiret mill-erba' uliedu, u eventwalment mill-kontendenti. Hemm imbagħad kwistjonijiet li jirrigwardaw is-suċċessjoni tas-sehem indiviż li miss lil Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

3.7. L-atturi jsostnu li l-primoġenituri Testaferrata huma s-segwenti:

i. il-primoġenitura fondata fl-1714 minn Paolo u Beatrice konjuġi Testaferrata dwar beni f'Ta' Xbiex u fil-Gżira[31];
ii. il-primoġenitura fondata fl-1756 minn Pier Giacomo Testaferrata dwar beni fil-Mosta u f'Raħal Ġdid[32];
iii. il-primoġenitura fondata fl-1766 minn Giovanna Fortunata Perdicomati xebba Testaferrata dwar beni fiż-Żebbiegħ[33].

3.8. Dawn it-tliet primoġenituri ġew, skont l-atturi, awmentati permezz tal-aljenazzjoni ta' proprjetà immobbli oħra li saret sussegwentement għall-fondazzjoni rispettiva tagħhom.

3.9. Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani miet intestat fit-18 ta' Marzu 1954[34], u d-denunzji tas-suċċessjoni tiegħu saru fit-23 t'Awwissu 1954[35].

3.10. Mix-xiehda[36] jirriżulta li wara l-mewt ta' Pietro Paolo, l-attiv primoġenjali u dak ordinarju kien jiġi amministrat taħt l-isem "Testaferrata Moroni Viani Estates". Dan

[30] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1690.
[31] Ara fol.1146.
[32] Ara fol.1147.
[33] Ara fol.1148.
[34] Ara d-dokumenti eżebiti bħala Dok MT002 mal-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, u miżmuma f'kaxxa apparti mill-atti proċesswali (il-kaxxa numru wieħed minn erbgħa).
[35] Kopji eżebiti a fol.1152 u 1175.
[36] Ara partikolarment ix-xiehda bl-affidavit ta' Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1693 'il quddiem.

sar bi qbil bejn ulied Pietro Paolo, u jingħad fix-xiehda msemmija li l-amministrazzjoni effettiva dejjem tħalliet f'idejn l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani, u fi żminijiet aktar riċenti, f'idejn l-atturi wliedu. Ir-relazzjoni tal-partijiet jidher li ħżienet ħafna wara li l-konvenuti tilfu l-fiduċja fit-tmexxija min-naħa ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani u wliedu u bdew jakkużawhom bi tmexxija ħażina[37].

3.11. Bħala fatt jirriżulta li:

i. Maria Testaferrata Bonici (omm il-konvenuti) mietet fl-14 ta' Ġunju 1999[38], u s-suċċessjoni tagħha kienet regolata minn żewġ testmenti[39], u ċjoè dak *unica charta* magħmul fl-4 ta' Marzu 1964 fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon u dak addizzjonali magħmul fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fit-28 ta' Mejju 1998[40]. B'dawn it-testmenti, hija nnominat u kkonfermat lill-konvenuti wliedha bħala l-werrieta tagħha;
ii. Mario Testaferrata Moroni Viani (missier l-atturi Caroline, Peter Paul u Paul Stephen aħwa Testaferrata Moroni Viani) miet fis-27 ta' Frar 2007[41] u l-wirt tiegħu kien regolat[42] minn testment konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa u datat 9 ta' Jannar 2001[43]. Bih, huwa nnomina bħala werrieta tiegħu lill-imsemmija wliedu, filwaqt li ħalla lil martu l-attriċi Jane Testaferrata Moroni Viani d-dritt tal-użu u tal-abitazzjoni fuq id-dar magħrufa bl-isem "Casa Testaferrata" bin-numru wieħed fi Triq il-Monsinjur Alfredo Mifsud (qabel ir-Rampa Ta' Xbiex) f'Ta' Xbiex kif ukoll l-użufrutt fuq il-parti rimanenti tal-ġid tiegħu;
iii. Salvatore (Salvino) Testaferrata Moroni Viani miet fl-20 t'April 2017[44], u l-eredità tiegħu ġiet regolata[45] minn testment magħmul fl-atti tan-Nutar Edward Flores fid-9 ta' Diċembru 2016[46], li bih ħalla lill-atturi Christopher u

[37] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1708, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenut Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq, a fol.2138-2139.
[38] Ara fol.1201.
[39] Ara r-riċerki testamentarji eżebiti a fol.1202 u 1203-1204.
[40] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fit-2 ta' Ġunju 2000, a fol.454, kif ukoll kopja tat-testmenti msemmija a fol.1205 u a fol.1209.
[41] Ara fol.1452.
[42] Ara r-riċerki testamentarji eżebiti minn fol.1454-1456.
[43] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa fit-23 t'Awwissu 2007, a fol.543.
[44] Ara fol.1760.
[45] Ir-riċerki testamentarji huma eżebiti minn fol.1761-1762.
[46] A fol.1764.

Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani bħala werrieta universali tiegħu, filwaqt li b'legat ħalla l-użufrutt fuq l-istess ġid tiegħu favur martu l-attriċi Monika Testaferrata Moroni Viani[47].

3.12. Salvino Testaferrata Moroni Viani iżżewweġ lill-attriċi Monika Testaferrata Moroni Viani fl-1962[48]. Mario Testaferrata Moroni Viani iżżewweġ lill-attriċi Jane Testaferrata Moroni Viani fl-1957[49].

3.13. Is-suċċessjoni ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani hija regolata[50] minn testment pubbliku riċevut min-Nutar Hugh Grima fis-6 ta' Lulju 2007[51]. Permezz ta' dan it-testment, hija tat b'titolu ta' legat lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani:

> …in equal portions between them … in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eighth (1/8th.) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighths (5/8th.) share by his son Salvino, one eighth (1/8th.) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th.) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8th.) by the testatrix.
>
> The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth (1/8th.) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures;
>
> Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax if any, in the fulfilment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy.

---

47 Kif jirriżulta mill-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* magħmul fl-atti tan-Nutar Edward Flores fl-14 ta' Marzu 2018.

48 Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi Monika Testaferrata Moroni Viani.

49 Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Andrea Gera de Petri Testaferrata, a fol.1818.

50 Ara r-riċerki testamentarji eżebiti minn fol.1214-1218.

51 Kopja eżebita a fol.20.

3.14. Bl-istess testment, hija ħalliet ukoll b'titolu ta' legat favur l-atturi Peter Paul, Caroline u Paul Stephen aħwa Testaferrata Moroni Viani:

> …in equal portions between them one sixth (1/6th.) of her one eighth (1/8th.) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eighths (5/8th.) share by his son Salvino, one eighth (1/8th.) by Maria Testaferrata Bonici one eighth (1/8th.) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8th.) by the testatrix.
>
> Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax if any, in the fulfilment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy.

3.15. It-testatriċi ħalliet ukoll numru ta' legati oħrajn li ma jinteressawx din il-kawża, u fl-aħħar nett innominat bħala werrieta universali tagħha lill-konvenuti, f'ishma ugwali bejniethom u bid-dritt ta' sostituzzjoni favur uliedhom jew id-dixxendenti tagħhom. It-testatriċi ordnat ukoll li jekk xi wieħed mill-werrieta jew legatarji nominati minnha «*tries to impugn this will in whole or in part he or she shall automatically forfeit any right he as of receiving under this will*».

3.16. Beatrice Testaferrata Moroni Viani mietet fid-9 ta' Lulju 2007[52]. Il-konvenuti Spiteri Debono u Preziosi wettqu d-dikjarazzjoni *causa mortis* dwar it-trażmissjoni tal-ġid tagħha fl-1 ta' Lulju 2008 b'att riċevut min-Nutar Joseph Henry Saydon[53]. Il-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq għamlet l-istess b'att riċevut min-Nutar Andrè Farrugia fit-2 ta' Lulju 2008[54]. L-atturi wlied Mario Testaferrata Moroni Viani għamlu din id-dikjarazzjoni b'att magħmul fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa fl-20 ta' Diċembru 2007[55], filwaqt li l-atturi wlied Salvino Testaferrata Moroni Viani għamlu d-dikjarazzjoni tagħhom b'att riċevut min-Nutar Edward Flores fis-7 ta' Lulju 2008[56].

---

[52] Ara fol.1213.
[53] Ara n-nota tal-insinwa relattiva, eżebita a fol.646.
[54] Ara n-nota tal-insinwa relattiva, eżebita a fol.690.
[55] Ara fol.758.
[56] Ara fol.842.

3.17. B'ittra uffiċċjali preżentata fl-14 t'April 2008[57], l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani nterpellaw lill-konvenuti sabiex jimmittuhom fil-pussess tal-legat imħolli lilhom minn zithom Beatrice. Il-konvenuti wieġbu b'ittra uffiċċjali preżentata fid-9 ta' Mejju 2008[58], minn fejn jemerġi li kien hemm disputa dwar l-estensjoni tal-legat in kwistjoni. Kien hemm interpellazzjoni ulterjuri mill-istess atturi fil-15 t'Ottubru 2008[59] u tweġiba fl-istess sens preċedentement espost mill-konvenuti fis-27 t'Ottubru 2008[60]. L-atturi Peter Paul, Caroline u Paul Stephen aħwa Testaferrata Moroni Viani wkoll interpellaw lill-konvenuti għall-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lilhom mill-istess zithom b'ittra uffiċċjali tat-3 ta' Frar 2009[61]. Il-konvenuti wieġbu fis-16 ta' Frar 2009[62]. L-iskambju b'ittri uffiċċjali baqa' għaddej[63] u peress illi kull parti żammet il-pożizzjoni tagħha, saret din il-kawża.

3.18. Kif issemma, l-atturi (jew uħud minnhom) inkarigaw lill-Perit Godwin Abela iħejji valutazzjoni tal-beni komuni kif ukoll pjan ta' qasma. Dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-konvenuti, li però ma qablux miegħu. Kien għalhekk li, b'ittra uffiċċjali preżentata fis-7 ta' Jannar 2010[64], l-atturi nterpellaw lill-konvenuti sabiex jersqu għall-qsim skont il-pjan propost mill-Perit Abela. B'ittra uffiċċjali tal-14 ta' Jannar 2010[65], il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq tenniet ir-rifjut tagħha u r-raġunijiet li animaw l-istess rifjut, u l-istess għamlu l-konvenuti l-oħra b'ittra uffiċċjali tas-27 ta' Jannar 2010[66].

## 4. Konsiderazzjonijiet dwar il-Kwistjonijiet

4.1. Aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti għamlet riassunt tal-kwistjonijiet li jifformaw il-meritu residwali ta' din il-kawża. Issa l-Qorti sejra, b'riferenza għal dawk l-istess

[57] Kopja eżebita a fol.37.
[58] Kopja eżebita a fol.39.
[59] Kopja eżebita a fol.40.
[60] Ara fol.42.
[61] Ara fol.43.
[62] Ara fol.46.
[63] Ara fol.1282-1287.
[64] Ara fol.488.
[65] Ara fol.490.
[66] Ara fol.492.

kwistjonijiet, tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwarhom.

4.2. Sabiex tagħmel dan, il-Qorti mhux sejra neċessarjament iżżomm mal-ordni li fih ġew elenkati l-istess kwistjonijiet aktar qabel.

*4.2.1. Dwar l-eċċezzjoni ta' res iudicata sollevata mill-konvenuta Gera de Petri bħala eċċezzjoni ulterjuri u dan fil-konfront tat-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet dedotti mill-atturi*

4.2.1.1. L-eċċezzjoni tal-ġudikat hija waħda perentorja u għalhekk tista' tiġi sollevata fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri (ara ***Sunspot Tours Limited vs. C.H. Caterers Limited***, Appell Superjuri, 16/12/2003). Dan qed jingħad ukoll b'riferenza għas-sottomissjoni tal-atturi li din l-eċċezzjoni ġiet formalment sollevata madwar erba' snin wara li kienet awtorizzata. Huwa minnu li l-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq kien imissha ppreżentat din l-eċċezzjoni ulterjuri fi żmien qasir wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lilha. Madanakollu, la l-eċċezzjoni kif rajna hija waħda perentorja, it-tardività ma taffettwax il-fatt li din l-eċċezzjoni issa ġiet formalment sollevata, u għalhekk trid tiġi deċiża b'kap għaliha, kif irid l-artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

4.2.1.2. Wieħed mill-effetti tal-ġudikat huwa proprju dak li jikkristallizza r-relazzjoni ġuridika bejn il-kontendenti b'mod li ebda wieħed minnhom ma huwa ammess li b'xi mod jieħu azzjoni jew inkella pożizzjoni li b'xi mod jista' jiddisturba, jikkontradixxi jew jiskonvolġi dak li jkun ġie deċiż definittivament. Dan hu hekk għaliex, kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 1965 fil-kawża ***Anni Cuschieri et vs. Paolo Vella noe***[67]: «*… l-ġudikati preċedenti u l-konstatazzjoni tal-fatti li jimplikaw fil-konfront tal-partijiet għandhom jiġu meħuda bħala deċiżivi għax għall-partijiet jagħmlu stat definittiv*».

[67] Kollezz. Vol.XLIX.ii.1001.

4.2.1.3. Ġie wkoll ritenut: «*Illi kwalunkwe argumentazzjoni kontrarja ta' l-atturi hija bil-fors, fuq dana l-pont, inkompatibbli mal-ġudikat, ħaġa li m'hiex legali. Qalet il-Qorti ta' Torin fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Awissu 1891 "Zunino versus Figari" (Coen: voce "Cosa Giudicata" – Materia Civile - § 146) : "Passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili nuove eccezioni che mirino a distruggere o restringere il giudicato : la regola 'tantum judicatum quantum discussum' procede tanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere, ed ammettere eccezioni nuove che col giudicato sono conciliabili"... Illi b'dina l-kawża l-atturi qegħdin jippruvaw ibiddlu f'forma oħra dak li kien diġà stabbilit mill-Qorti tal-Appell : ħaġa li mhix lanqas legali. Il-Qorti ta' Genova fis-sentenza tal-15 ta' Frar 1892 "Ricca versus Sant'Agata" (idem § 152) qalet : "È stabilita la cosa giudicata nascente da un precedente giudicato intervenuta tra le stesse parti e relativamente alla stessa 'causa petendi', quando il magistrato, vagliatolo alla stregua dell'antico insegnamento 'tantum decisum quantum disputatum', trovi che, sotto pretesto di nuove eccezioni, si tenti di riaprire o riaccendere una discussione diventata irretrattabile*» (***Clemente Farrugia et vs. L-Avukat Dottor Giuseppe Caruana Mamo pro et noe***, Prim'Awla, 20/10/1934)[68]. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll minkejja l-fatt li t-talbiet fil-kawża li tkun għaddiet in ġudikat u fit-tieni kawża ma jkunux identiċi, diment li jkun jirriżulta li r-*ratio petendi* huwa l-istess[69]. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Carmelo Camilleri vs. Enrico Frendo***[70]**:**

> Atteso che sebbene "stricto jure" non si può affermare che alla odierna istanza osti il giudicato nelle dette due cause perchè manca il requisito dell'identità della domanda, identica però è la "ratio petendi" nell'odierno giudizio e in quello in cui, come si è detto, l'attore domandava la condanna del convenuto a demolire le costruzioni erette nel sito usurpatogli…

4.2.1.4. Huwa għalhekk li l-ġurisprudenza tagħna dejjem żammet il-prinċipju li l-ġudikat jgħodd mhux biss għal dak li jkun ġie effettivament dedott, imma anki għal dak li kien deduċibbli (ara, per eżempju, ***Charles Cortis vs. Francis X.***

[68] Kollezz. Vol.XXIX.ii.31.
[69] Ara wkoll ***David Vincent Libreri vs. Anthony magħruf bħala Twanny Baldacchino et***, Appell Superjuri, 25/1/2023.
[70] 5/2/1934. Kollezz. Vol.XXVIII.i.519.

***Aquilina et***, Prim'Awla, 25/9/2003; ***Anna Magro vs. Emmanuela Psaila noe et***, Appell Superjuri, 6/12/2002; ***Kontrollur tad-Dwana vs. J.T.E Limited***, Appell Superjuri, 17/2/2003; ***Anthony Borg et vs. Anthony Francis Willoughby et***, Appell Superjuri, 28/3/2003). Kif ġie spjegat tajjeb mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Adrian Busietta nomine vs. Marco Attard*** (Appell Superjuri, 9/2/2001):

> Il-ġjudikat jifforma ruħu mhux biss għar-rigward ta' dak li ġie diskuss espressement imma anki ta' dak li messu ġie diskuss u ma ġiex diskuss mill-parti li kellha tidduskutih biex issostni d-domanda jew l-eċċezzjonijiet tagħha. Il-ġjudikat ma jiġix nieqes minħabba d-diversita' ta' motivi tal-causa petendi.
>
> Hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġjudikat anki meta l-mertu tal-kawża għalkemm distint minn dak ta' qabel jifforma parti mill-istess ħaġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess u hemm ġjudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja tad-disposizzjoni espressa għax il-volonta' tal-ġjudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza.

4.2.1.5. Huwa paċifiku kemm fil-ġurisprudenza tagħna[71] u kemm fid-dottrina legali[72] li l-elementi neċessarji sabiex tirriżulta fondata l-eċċezzjoni tal-ġudikat huma tlieta, u ċjoè l-identiċità tal-partijiet, tal-oġġett u tar-raġuni tat-talba (*causa petendi*).

4.2.1.6. Fil-każ odjern, il-konvenuta Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq tissolleva l-kwistjoni tal-ġudikat fil-konfront tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames talbiet tal-atturi. In suċċint b'dawn it-talbiet, l-atturi jitolbu lil din il-Qorti li (i) tiddeċiedi li l-kontendenti għandhom ċerti kwoti fil-proprjetajiet in diviżjoni; (ii) tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati; u (iii) tordna d-diviżjoni skont il-modalità identifikata mill-Perit Godwin Abela. Il-konvenuti qiegħdin jgħidu li t-talbiet tal-atturi, sa fejn jirrigwardaw is-sehem li l-atturi Christopher u Martin aħwa

[71] ***Alfred Lanzon et vs. Charles Zammit Cordina*** (Appell Inferjuri, 23/1/2009), kif ukoll id-deċiżjonijiet diġà ċitati aktar qabel.
[72] Ara, per eżempju, ***Mattirolo*** (Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Torino, 1905), Vol.V, §36); ***Pigeau*** (La Procedura Civile (Firenze, 1809), Vol.II, paġ.225-227) – n.b. dan tal-aħħar kien fisser li l-*exceptio rei judicatae* kienet teħtieġ sitt elementi, li però fis-sostanza huma identiċi għat-tliet elementi aktar tradizzjonalment identifikati fid-dottrina.

Testaferrata Moroni Viani jsostnu li għandhom fil-Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid, huma milquta bil-ġudikat maħluq bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fil-kawża bin-numru 942/2011 AE.

4.2.1.7. Il-Qorti diġà rriferiet għad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża bin-numru 942/2011 AE, u fil-fatt il-parti dispożittiva ta' dik id-deċiżjoni tinsab ċitata aktar qabel f'din is-sentenza. F'dik id-deċiżjoni, din il-Qorti kif diversament presjeduta effettivament iddeċidiet x'għandha tkun l-interpretazzjoni tal-legat imħolli lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani għal dak li jirrigwarda Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid. Din l-interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, issa torbot ukoll lill-istess kontendenti anki f'din il-kawża, kif ukoll torbot anki lil din il-Qorti li fid-deċiżjoni tagħha għandha timxi konformement ma' dak deċiż f'dik is-sentenza.

4.2.1.8. Dan huwa hekk għaliex, minkejja li t-talbiet fil-kawża bin-numru 942/2011 AE kienu differenti mit-talbiet f'din il-kawża, madanakollu l-kwistjoni deċiża fil-kawża l-oħra hija bla ebda dubju assorbita fil-kawża odjerna, u ħadd mill-kontendenti ma jista' jmeri dak li issa għandu l-forza ta' ġudikat. Anki l-Qorti stess hija marbuta b'dak deċiż – kemm hu hekk, il-liġi espressament tipprovdi li sentenza li tkun kuntrarja għal sentenza preċedenti hija ritrattabbili[73].

4.2.1.9. Xejn ma jiswa l-fatt li fil-kawża bin-numru 942/2011 AE ma kienux kompartecipi l-atturi kollha tal-kawża odjerna. Wara kollox, ġie aktar minn darba deċiż li l-inklużjoni jew l-omissjoni ta' partijiet f'kawża li ma jkunux materjalment involuti fil-ġudizzju ma jnaqqas xejn mill-effetti tal-ġudikat (ara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi ***Crocefissa Sammut et vs. Joseph Spiteri*** tal-10 t'Ottubru 2003 kif ukoll ***Igino Trapani Galea Feriol et vs. Jane mart Jimmy Agius et*** tat-2 ta' Lulju 1996). Fil-kawża bin-numru 942/2011 AE, l-atturi l-oħrajn (ċjoè l-atturi f'din il-kawża ħlief l-aħwa Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani) ma kienux parti għaliex il-preżenza tagħhom ma kinitx neċessarja. Il-kwistjoni hemmhekk kienet dwar l-interpretazzjoni ta' legat u għalhekk kienet tinteressa lill-legatarji li għandhom jedd għalih u lill-werrieta

[73] Artikolu 811(h) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

mgħobbija bid-dmir li jħallsuh. Hekk ukoll, dawk l-istess atturi li ma kienux partijiet fil-kawża bin-numru 942/2011 AE m'għandhomx interess effettiv fit-talbiet magħmula f'din il-kawża dwar il-legat dovut lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani, u għalhekk l-effetti tal-ġudikat naxxenti mis-sentenza fil-kawża bin-numru 942/2011 AE huma u se jibqgħu limitati għal dawk il-partijiet li kienu parti fl-istess kawża.

4.2.1.10. Għalhekk l-eċċezzjoni se tiġi milqugħa, b'dan li tali akkoljiment ma jġibx fix-xejn it-talbiet tal-atturi imma huwa biss konsegwenza tal-ħtieġa proċesswali li d-deċiżjoni li se tingħata minn din il-Qorti ma tkunx kuntrarja għal dik mogħtija fid-deċiżjoni bin-numru 942/2011 AE.

*4.2.2. Dwar l-eċċezzjoni fuq in-natura tal-azzjoni, u ċjoè jekk l-azzjoni hijiex dik communi dividundo jew inkella familiae erciscundae*

4.2.2.1. Id-dritt Ruman kien jagħraf żewġ azzjonijiet separati u distinti għall-qsim ta' beni komuni, skont jekk il-komunjoni tkunx ġejja minn wirt jew inkella minn xi titolu ieħor t'akkwist. Fejn l-azzjoni kienet issir għall-qsim ta' ġid li ġej minn wirt, din kienet tissejjaħ *actio familiae erciscundae*, filwaqt li l-azzjoni li ssir għall-qsim ta' ġid komuni li ġej minn titolu ieħor kienet tissejjaħ *actio communi dividundo*. Jidher però li mal-mogħdija taż-żmien u bl-avvent tal-proċess tal-kodifikazzjoni tal-liġi ċivili, din id-distinzjoni ma baqgħetx miżmuma kif kien qabel.

4.2.2.2. ***Pothier*** jispjega kif fid-dritt Franċiż, «*La comunione, sia di una universalità di cose sia di cose particolari, fra due o più persone senza che vi abbia fra esse alcun contratto di società nè alcuna altra convenzione, è una specie di quasi contratto. Si può portare come esempio di questa specie di comunione quella de' beni d'una successione pervenuta a più eredi, o di cose legate congiuntamente a varj legatarj …*»[74]. L-istess awtur ikompli: «*Le azioni che ciascuno de' quasi-socj ha contro i suoi quasi-socj per eseguire la divisione sono, tra i co-eredi, l'azione* familiae erciscundae*; fra tutte le altre specie di*

[74] Trattato del Contratto di Società, 1820, Vol.I, §181.

*quasi-socj, l'azione* communi dividundo. ***Queste due azioni, secondo la nostra pratica in nulla differiscono l'una dall'altra***[75]"[76]. Proprju għalhekk, mhux leċiti d-diviżjonijiet parzjali għaliex, bit-tħollija barra ta' beni komuni, l-liċitazzjoni tiġi reża aktar probabbli. «*Quantunque la legge nol dichiari espressamente, riteniamo non dimeno che la divisione parziale di alcune cose, comprese nella comunione, non possa domandarsi, ove gli altri comproprietari vi si oppongano*»[77].

4.2.2.3. L-***Imħallef Giuseppe Cremona***, fil-ktieb tiegħu *Raccolta sulla Giurisprudenza del Codice Civile*, jikteb[78]:

> L'azione per la divisione dell'eredità, a differenza dell'azione per la divisione della cosa comune, non si può esperire più di una volta. L.20 §4, Dig. fam. ercisc. e L.4, §2, Dig. com. divid.
> Tolta questa differenza tra l'una e l'altra azione la L.6, §11, Dig. Comm. divid. espressamente dispone che "*caetera eadem sunt quae in familiae erciscundae tractavimus*".
> L'azione per la divisione tanto di una eredità, quanto di una cosa comune, e quella per regolare i confini, nel diritto sono chiamati *azioni duplici : qui familiae erciscundae A communi dividundo et finium segundorum agunt, et actores sunt et rei,* L. 44 §4, Dig. fam. ercisc.
> Nel giudizio *fam. ercisc.* ugualmente che nel giudizio *communi divid., univarsae res aestimari debent*, L. 52 §3, Dig. fam. ercisc.
> Nell'azione per la divisione dell'eredità, *judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere* – L.25, §20, Dig. de fam. ercisc., come del pari, *in judicium communi dividundo omnes res veniunt* L.13, Dig. comm. divid.

4.2.2.4. Fonti oħrajn tad-Dritt Ruman, partikolarment il-kitbiet ta' Ulpjanu, ukoll donnhom inaqqsu l-importanza tad-distinzjoni li jridu jagħmlu l-konvenuti, sa minn dak iż-żmien antik: «*In judicium communi dividundo omnes res veniunt:*

[75] Enfażi in calce u sottolinear miżjud mill-Qorti.
[76] Loc cit, §194.
[77] ***Ricci***, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.V, §37.
[78] Art.192, Vol.II, pġa.564-565.

*nisi si quid fuerit ex communi consensu exceptum nominatim, ne veniat*»[79]. Kif inhu risaput, id-Dritt Ruman għadu jgħodd u jiswa bħala *ius commune* ta' Malta[80].

4.2.2.5. Dan għalhekk ifisser li fl-istat attwali tal-liġi ċivili, il-prinċipji li jirregolaw kif isir il-qsim tal-beni komuni huma l-istess, irrispettivament minn jekk il-komunanza tirrigwardax beni li ġejjin minn wirt jew beni li saru komuni mod'ieħor, u li dan il-prinċipju – li ilu jeżisti saħansitra mid-Dritt Ruman – għadu viġenti, veljanti u validissimu sallum. **Kemm hu hekk il-Kodiċi Ċivili tagħna stess espressament jipprovdi permezz tal-artikolu 513 li l-effetti tal-qasma huma dawk maħsuba fl-artikoli 947 sa 952 (li jgħoddu għall-qsim t'eredità), filwaqt li l-artikolu 907 jgħid testwalment: «*Fil-qasma tal-wirt għandhom jigu mħarsa d-dispożizzjonijiet miġjubin fis-Sub-titoli II u III tat-Titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi u fl-artikoli 908 sad-912*».**

4.2.2.6. Fid-deċiżjoni ***Joseph Borg vs. Emanuela Vella et*** (Appell Superjuri, 3/3/1995)[81] ġie applikat id-divjet kontra d-diviżjonijiet parzjali f'sitwazzjoni fejn il-komproprjetà kienet ġejja in parti minn legat komuni (u mhux allura bejn eredi), u in parti minn xiri. Dik il-Qorti osservat li: «*Diviżjonijiet parzjali ma jistgħux jiġu konċessi mill-Qorti jekk xi wieħed mill-kopropjetarji jopponi diviżjoni ta' parti mill-kopropjeta' u mhux tal-kopropjeta' kollha. Diviżjoni hi mmirata biex permezz tagħha tiġi tterminata l-komunjoni u dan l-iskop ta' l-azzjoni ma jintlaħaqx jekk kemm-il darba dik l-azzjoni tkun limitata b'mod li tħalli l-kontendenti fl-istat komunitarju, jew, aħjar, konsorti*». Eżempju ieħor notevoli huwa dak pronunzjat bid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo***[82]**.** F'dik il-kawża, l-attur kien talab illi ssir diviżjoni fejn hu jingħata sehmu, mentri l-komproprjetarji l-oħra, lkoll konvenuti, jibqgħu in komuni bejniethom. Fir-rigward, dina l-Qorti kienet ukoll

[79] Digest, Lib.X, Tit.III, §12. Din ir-regola proprju tinsisti li anki fl-azzjoni *de communi dividundo* għandhom jiddaħħlu l-oġġetti kollha komuni, salv ftehim bil-kontra bejn il-komproprjetarji.
[80] Ara ***Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri*** (Prim'Awla, 5/1/1881 – Kollezz. Vol.IX.308); ***Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et*** (Qorti Kostituzzjonali, 1/2/2008); ***Anthony Caruana & Sons Limited et v. Christopher Caruana*** (Appell Superjuri, 28/2/2014).
[81] Kollezz. Vol.LXXIX.ii.337.
[82] 1/2/1936, u ppubblikata fil-Vol.XXIX.II.940.

irrilevat l-aspetti komuni bejn l-azzjoni tal-qsim ta' beni komuni li ġejjin minn wirt u l-azzjoni tal-qsim ta' beni komuni li mhux ġejjin minn wirt meta osservat:

> Illi per regola d-diviżjonijiet parzjali ma humiex ammissibbli, għaliex id-diviżjoni għandha bħala skop li tittermina l-komunjoni, u kwindi jidher ġuridikament kontrosens li ssir diviżjoni u intant jibqa' l-komunjoni. Imma l-kunsens tal-kollitiganti jista' jiġġustifika eċċezzjoni għal din il-massima. Hekk kien ritenut fid-Dritt Ruman. "Familaie erciscundae judicium amplius quam semel agi non potest nisi causa cognita. Quod si quaedem res indivisae relictae sunt comuni dividundo de his agi potest" (Lex 20, Dig. Fam. Erciscund.). U l-Lex 13, Dig De Com. Dividundo, kienet tgħid :- "In judicium comuni dividundo omnes res veniunt, nisi si quid fuerit ex comuni consensu exceptum nominatim ne veniat" Inoltri, l-ġudikant meta hemm il-kunsens tal-kollitiganti kollha, għandu jsegwi kemm jista' jkun il-massima "judicem in praediis dividendis quod omnibus utilissimum est, vel quod malint litigatores sequi convenit".

4.2.2.7. Anki fil-kawża ***Jason Vella et vs. Dottor Philip Manduca noe*** (Prim'Awla, 10/4/2003) ġiet applikata l-istess regola f'*actio de communi dividundo*, u f'sitwazzjoni fejn l-attur kien xtara l-ishma indiviżi tiegħu b'kuntratt ta' bejgħ, u mhux b'wirt. L-istess ingħad fid-deċiżjoni ***Michael Buttigieg et vs. Raymond Cutajar et*** (Appell Superjuri, 25/1/2023).

4.2.2.8. Jidher però li l-opinjoni kuntrarja ġiet addottata fid-deċiżjoni ***L-Avukat Dr Mario Scerri noe vs. Dr Kevin Mompalao noe et*** (Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex, 1/2/2011), li mxiet fuq id-deċiżjoni ***Emanuel Ellul et vs. John Ellul et*** (Prim'Awla, 30/1/1997). Tal-istess fehma kienet ukoll id-deċiżjoni ***Mark Grixti vs. Natasha Grixti*** (Prim'Awla, 19/10/2010), fejn ġie osservat:

> L-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi hija mibnija fuq il-prinċipju illi *iudex familiœ erciscundœ nihil debet indivisum relinquere*, li ma jgħoddx għall-każ tallum għax din ma hijiex azzjoni għall-qsim ta' wirt: l-istat ta' komunjoni tnissel minn kuntratt, mhux minn wirt.

4.2.2.9. Iżda kif rajna, il-prinċipji li jgħoddu għall-*actio familiae erciscundae* jgħoddu ugwalment għal dik *de communi dividundo*, u dan anki skont il-fonti tad-Dritt Ruman stess, kif fuq traċċjati. Il-Qorti tal-Appell fil-fatt kellha l-okkażjoni li turi n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-linja ta' ħsieb ta' dawn l-aħħar imsemmija deċiżjonijiet, fid-deċiżjoni tagħha ***Simplex Limited et vs. Lux Limited et*** (25/10/2013), meta qieset kif ġej:

> Aktar riċenti, din il-Qorti fil-kawża **Grima Baldacchino et v. Baldacchino**, deċiża fil-31 ta' Mejju 2013, ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet ukoll qalet:
>
> *"Illi l-ġurisprudenza li titkellem fuq il-ħtieġa ta' diviżjoni li ma tistax tkun parzjali jekk mhux biss bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha, hija esklussivament ġurisprudenza li tittratta l-actio familiae erciscundae u mhux l-actio de comuni dividundo*[83]*. Il-Qorti tirrileva li ġialadarba l-fond mertu tal-kawża m'huwiex formanti parti mill-assi ereditarji ta' Emanuel u Grace konjuġi Baldacchino, stante li l-istess fond ġie trasferit b'titolu oneruż kif diġa' ingħad, allura l-bażi tat-talbiet attriċi huma dawk relatati mal-actio de comuni dividundo u mhux l-actio familiae erciscundae."*
>
> Din il-Qorti, kif issa ippresjeduta, għandha riżervi dwar dan meta si tratta minn universalita` ta' patrimonju; meta partijiet ikollhom aktar minn proprjeta` waħda in komun, wieħed jista' jargumenta illi la darba kull kondivident għandu dritt, fil-qasma, jieħu sehemu in natura, allura ma għandux ikun permess li fond wieħed jinbiegħ waħdu in liċitazzjoni, meta, bil-proprjeta` kollha fil-kawża, il-Qorti tkun tista' tipprovdi għal qasma in natura, bix-xorti jew b'assenjazzjoni. Meta si tratta minn massa fil-patrimonju ta' diversi persuni, wieħed jista' jargumenta li l-qasma trid issir darba u tal-proprjeta` kollha. Kull każ irid jiġi mistħarreġ skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu.

4.2.2.10.Il-Qorti irrilevat dan kollu għaliex jidhrilha li s-soluzzjoni għall-eċċezzjoni relattiva sollevata mill-konvenuti tirrisjedi proprju fil-fatt li l-eżerċizzju tal-

[83] Kif rajna permezz tal-paragrafi preċedenti, dina l-motivazzjoni espressa fid-deċiżjoni ***Grima Baldacchino et vs. Baldacchino*** hija, b'kull rispett dovut, fattwalment skorretta.

azzjonijiet ta' diviżjoni in kwistjoni huwa sostanzjalment l-istess. Aktar minn hekk, għaż-żewġ xorta t'azzjonijiet jgħodd il-prinċipju li kull ħaġa li hija miżmuma in komuni bejn il-kontendenti għandha titqiegħed fil-qasma. L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju hija l-konsegwenza illi fejn l-istess persuni jkollhom ġid in komuni li ġej minn wirt u ġid ieħor komuni li ġej minn titolu ieħor, mhux ammissibbli (salv qbil kuntrarju bejn dawk il-persuni) li d-diviżjoni ssir dwar parti biss minn dak il-ġid u mhux dwar il-ġid kollu.

4.2.2.11. Il-Qorti jidhrilha illi l-interess primarju f'kull azzjoni ta' diviżjoni huwa li kull komproprjetarju jieħu s-sehem li jmissu *in natura*. Biex dak l-interess primarju jiġi kkonservat u tutelat, huwa loġiku li kull oġġett miżmum in komuni għandu jitqiegħed fil-qasma, sabiex tikber il-possibilità li jkunu ffurmati l-ishma *in natura* mingħajr ħtieġa ta' ekwiparazzjonijiet peżanti u sproporzjonati. B'dan il-mod ukoll tiżdied il-possibilità li tiġi evitata il-liċitazzjoni.

4.2.2.12. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li l-atturi mxew tajjeb meta huma ressqu azzjoni għad-diviżjoni tal-ġid <u>kollu</u> miżmum in komuni bejn il-kontendenti – irrispettivament minn jekk dak il-ġid hux ġej minn wirt jew aktar minn wirt wieħed, minn legat jew minn xi titolu partikolari ieħor. Dak li jgħodd huwa li l-komproprjetarji kollha huma parteċipi fil-kawża, u li l-Qorti tista' tasal biex tistabbilixxi u tidentifika l-ishma individwali tal-komproprjetarji biex b'hekk tasal għall-valur tas-sehem ta' kull wieħed.

4.2.2.13. Naturalment, distinzjoni għandha ssir f'dawk il-każijiet fejn xi wħud mill-kontendenti jkunu komproprjetarji ta' xi proprjetà imma mhux ta' proprjetà oħra, kif inhu l-każ tal-atturi Jane Testaferrata Moroni Viani u Monika Testaferrata Moroni Viani. Din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diġà ddeċidiet b'sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu 2021, li dawn l-atturi wkoll għandhom l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jipparteċipaw f'din il-kawża. Dik id-deċiżjoni dwar l-interess ġuridiku madanakollu ma tistax tittraduċi ruħha f'deċiżjoni sabiex dawk l-istess atturi jipparteċipaw fil-qsim ta' ġid li fihom huma m'għandhom ebda sehem. Din però hija kwistjoni li għandha tiġi trattata fil-meritu tad-diviżjoni stess.

4.2.2.14. Id-distinzjoni għalhekk li l-konvenuti jippruvaw jagħmlu f'din l-eċċezzjoni tagħhom dwar in-natura tal-azzjoni qed titqies irrilevanti u għalhekk sejra tiġi respinta. Hekk ukoll qed tiġi respinta dik il-parti tal-istess eċċezzjoni li tgħid li l-atturi kien imisshom talbu b'mod "preambolari" l-likwidazzjoni tal-eredità ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. Huwa prinċipju akkolt fil-ġurisprudenza tagħna li mhux kull dikjarazzjoni jew provvediment li talvolta huma neċessarji li jsiru sabiex il-Qorti tasal biex tiddeċiedi t-talbiet li jsirulha għandhom bżonn jiġu mitluba espressament. L-atturi ressqu t-talbiet tagħhom «*prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u kundanna neċessarja u opportuna*», u għalhekk din il-Qorti hija fakultizzata li jekk tħoss il-ħtieġa tesprimi ruħha anki fuq din il-kwistjoni, avolja ma saritx talba espressa[84]. Għalhekk anki dan l-aspett tal-eċċezzjoni huwa miċħud.

*4.2.3.* *<u>Dwar iż-żmien li b'riferenza għalih iridu jiġu kkunsidrati l-ħwejjeġ li se jiġu diviżi u li dwarhom qed tintalab l-immissjoni fil-pussess, u ċjoè jekk hux iż-żmien eqreb għas-sentenza jew dak li fih inbdew dawn il-proċeduri</u>*

4.2.3.1. Issa li l-Qorti kkunsidrat l-eċċezzjonijiet li huma ta' natura preliminari, nistgħu nibdew inqisu l-meritu tal-każ, fid-diversi aspetti tiegħu.

4.2.3.2. L-ewwel aspett li se tikkonsidra din il-Qorti huwa dak li jirrigwarda ż-żmien li b'riferenza għalih għandhom jiġu kkonsidrati l-beni in diviżjoni. L-atturi jsostnu enfatikament li l-Qorti għandha tħares lejn il-kondizzjoni ta' dak il-ġid b'riferenza għaż-żmien li fih inbdiet din il-kawża. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra u tant'ieħor enfatikament, isostnu illi ż-żmien rilevanti għandu jkun dak l-eqreb għas-sentenza.

4.2.3.3. Sabiex isostnu l-pożizzjoni tagħhom, l-atturi jagħmlu riferenza għad-deċiżjoni ***Pancrazio Schembri vs. Carmelo Vassallo*** (Prim'Awla, 16/6/2003) fejn intqal hekk: «*Jibqa' però dejjem bażilari l-punt illi fl-indaġini dwar il-modus*

[84] Ara ***Joseph Gasan vs. Farmaċista Nicola Spiteri*** (Appell Superjuri, 28/6/1948 – Kollezz. XXXIII.i.666), kif ukoll ***Avukat Dottor Robert Zammit vs. Costantino Abela et*** (Appell Superjuri, 7/12/2023).

*divisionis għandu jittieħed qies ta' l-istat tal-ħaġa qabel id-diviżjoni proposta, u ċjoè fl-epoka meta tiġi radikata t-talba għad-diviżjoni*».

4.2.3.4. Il-konvenuti min-naħa tagħhom jgħidu li din id-deċiżjoni, kif ukoll oħrajn li jagħmlu riferenza għaliha, huma lkoll deċiżjonijiet li jirrigwardaw id-determinazzjoni dwar jekk fond għandux jitqies komodament diviżibbli jew le, f'liema każ issegwi l-liċitazzjoni. Huma jsemmu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, numru ta' deċiżjonijiet li fihom il-Qrati nnominaw perit tekniku bl-iskop li jħejji pjan ta' qasma b'riferenza għaż-żmien tal-ħatra u mhux taż-żmien meta nbdiet il-kawża[85], jew inkella fejn il-Qorti stess żiedet fuq il-valur mogħti mill-espert tekniku biex tagħmel tajjeb għat-trapass taż-żmien[86].

4.2.3.5. Il-Qorti qrat id-deċiżjoni ***Giuseppe Meilak et vs. Cecilia Zahra Scicluna*** (Appell Superjuri, 28/6/1948)[87], li għaliha rriferew iż-żewġ partijiet u tinsab ċitata anki fid-deċiżjoni ***Schembri vs. Vassallo*** (ċitata mill-atturi). Huwa minnu li f'din id-deċiżjoni hemm bran li jaqra hekk:

> Illi minn dan jitnissel ċar li sabiex il-ħaġa tista' tingħad hijiex jew le komodament diviżibili u bla diskapitu, il-ġurista għandu jħares lejha fl-istat tagħha fl-epoka meta tiġi radikata t-talba għal-liċitazzjoni

4.2.3.6. Dan il-bran, però, huwa meħud mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza, li ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell. Fis-sentenza riċensjuri tagħha, l-Qorti tal-Appell saħansitra qieset illi wieħed għandu jħares lejn l-istat attwali tal-pajjiż fid-determinazzjoni dwar jekk fond hux komodament diviżibbli jew le (fil-każ fl-ispeċi, fil-kuntest ta' nuqqas ta' postijiet t'abitazzjoni wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija); altru allura li wieħed għandu jħares ukoll lejn il-kondizzjoni attwali tal-fond in kwistjoni. Fit-tieni lok, jidher illi l-Ewwel Qorti, meta tenniet il-prinċipju li wieħed għandu jħares lejn il-ħaġa fl-epoka «meta tiġi radikata t-talba għal-liċitazzjoni», kienet qed tistrieħ fuq insenjament ta' ***Troplong***, li testwalment kien kiteb hekk:

---

85 Per eżempju, ***Carmelo sive Charles Micallef vs. Margaret Micallef et*** (Prim'Awla, 30/3/2023); ***Giuseppi Sciortino et vs. Alfred Sciortino*** (Appell Superjuri, 15/6/2023).
86 Per eżempju, ***Emmanuele Micallef et vs. Joseph Vella et*** (Qorti Għawdex Superjuri, 4/5/2007).
87 Kollezz. Vol.XXXIII.i.329.

> I periti nominati debbono dare il loro avviso se l'immobile sia divisibile o pur no nello stato in cui si trova all'epoca in cui è provocata la licitazione[88]

4.2.3.7. Madanakollu l-epoka meta tiġi provokata l-liċitazzjoni hija differenti mill-epoka meta tiġi radikata t-talba għal-liċitazzjoni (li huwa l-kliem użat fis-sentenza tal-ewwel istanza fil-kawża ***Meilak vs. Zahra Scicluna***, sussegwentement revokata). Fil-fatt l-istess ***Troplong*** aktar qabel fisser li d-diviżjoni «*è una ripartizione eguale dei vantaggi che procura nello stato in cui si trova*»[89]; fl-istat li tinsab fih, loġikament, qabel id-diviżjoni, u d-diviżjoni ssir bis-sentenza u mhux bl-istituzzjoni tal-proċeduri. Fid-deċiżjoni ***Maria Azzopardi vs. Lewis Zammit*** (Appell Superjuri, 16/11/1962)[90] il-Qorti kienet qieset li: «*Din il-Qorti tirrileva li l-qasma hi ta' fond li, "ex admissis", hu dar tal-abitazzjoni. Bħala tali, il-fond "de quo" kien joffri, fl-istat tiegħu antecedenti għall-qasma*[91] *proposta, il-vantaġġi ta' dar tal-abitazzjoni*», u magħmula din il-konsiderazzjoni, għaddiet biex tordna diviżjoni li kienet tippreserva l-użu u d-destinazzjoni tal-fond kif kienu jinsabu qabel il-qasma.

4.2.3.8. Għall-kompletezza l-Qorti ma taqbilx mad-distinzjoni li jagħmlu l-konvenuti fis-sens li ż-żmien meta saret il-kawża hu rilevanti biss sabiex jiġi deċiż jekk fond hux komodament diviżibbli jew le. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas fil-kuntest ta' dik id-determinazzjoni ma huwa esklussivament rilevanti dak iż-żmien. X'jiswa li wieħed jgħid li fond kien jew ma kienx komodament diviżibbli meta bdiet il-kawża, meta s-sitwazzjoni tkun inbidlet fil-mori? Tista' l-Qorti tordna d-diviżjoni ta' fond għaliex dan kien komodament diviżibbli meta bdiet il-kawża, minkejja li fil-mori dik id-diviżjoni saret waħda impossibbli jew dispendjuża wisq? Huwa ovvju li le u għalhekk it-tweġiba hija proprju li ż-żmien rilevanti sabiex wieħed iqis il-*modus divisionis* (u l-liċitazzjoni hija waħda minn dawk il-modi) huwa ż-żmien l-eqreb meta tkun se ssir dik id-diviżjoni.

---

[88] Della Vendita (Napoli, 1854), §862.
[89] Op cit, §860.
[90] Kollezz. Vol.XLVI.i.355.
[91] Sottolinear miżjud minn din il-Qorti.

4.2.3.9. Tal-istess fehma huma l-awturi. ***Baudry Lacantinerie*** u ***Wahl*** kitbu:

> Essi[92] devono collocarsi al momento della divisione, giacchè è in questo momento che ognuno acquista effettivamente la proprietà della sua quota, e in cui si cerca l'eguaglianza: gli è evidente, l'effetto dichiarativo non può essere invocato in appoggio dell'opinione contraria. Per esempio, se una divisione definitiva tien dietro ad una divisione provisionale, il valore dei beni dev'essere calcolato al momento della divisione definitiva.[93]

4.2.3.10. Anki ***Demolombe*** jieħu l-istess pożizzjoni: «*Altronde tutti, mobili o immobili, debonsi stimare non secondo il valore che potevano avere nel momento dell'apertura della successione, ma secondo il loro attuale valore: i testi di legge ad evidenza suppongono cosi ed in vero tal'è la necessaria conseguenza de'principii e della somma regola di eguaglianza, cui va sottoposta la divisione*»[94]. U biex tiżdied fehma oħra ta' spessur għoli, il-Qorti tirreferi wkoll għall-kittieb ***Pacifici Mazzoni***, li tant kellu influwenza fil-ġurisprudenza tagħna, u li kien wera din il-fehma:

> I beni dovranno stimarsi secondo il valore che avevano al tempo in cui si apri la successione, o giusta quello che hanno al tempo della divisione? La Corte suprema di Napoli decise per questo secondo tempo. «Se oggi si attua (cosi essa) la divisione, i fondi ereditari debbono calcolarsi secondo il valore attuale, non potendo un coerede vantaggiare la sua posizione in danno dell'altro. Il coerede, che ha avuto il possesso, non ha posseduto per sè, non essendo ancora proprietario definitivo della sua quota se non dopo la divisione. Quindi le migliorie del tempo profittano alla massa. Il coerede che abbia fatto le spese per migliorare la cosa indivisa, potrà prelevarle, ma non può appropriarsi le migliorie derivanti dall'aumento progressivo della proprietà». Che se deterioramenti o guasti siano avvenuti nel frattempo, per caso fortuito, rimarrano a carico comune; se

---

92 Ir-riferenza hawnhekk hija għall-periti nominati mill-qorti.
93 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Delle Successioni, Vol.III, §2451.
94 Corso del Codice Civile (Napoli, 1876), Vol.VIII, §647.

invece ai medesimi abbia dato causa il fatto di alcuno
di loro, dovrà questi rispondere agli altri.[95]

4.2.3.11. Dawn il-fehmiet jgħoddu kemm meta l-ġid li jkun sejjer jinqasam ikun ġej minn wirt u kemm jekk ikun ġej minn titolu ieħor, billi kif rajna, fis-sostanza m'għadx hemm distinzjoni bejn iż-żewġ xorta t'azzjonijiet u entrambi jsegwu l-istess regoli.

4.2.3.12. Il-Qorti jidhrilha li l-ġid li jrid jinqasam irid jiġi kkunsidrat skont il-valuri li jkunu eqreb għad-diviżjoni u b'riferenza għall-istat u l-kondizzjoni ta' dak il-ġid fiż-żmien li jkun l-eqreb għad-diviżjoni. Hekk biss tista' tiġi assikurata diviżjoni ġusta u ekwa, u hekk biss jistgħu jiġu evitati konsegwenzi inikwi attribwibbli għal kambjamenti li jkunu seħħew fil-mori tas-smigħ tal-kawża li jistgħu iwasslu biex parti tiġi assenjata proprjetà li tkun saret tiswa inqas jew aktar mill-valur attribwit lilha snin qabel. Biex jingħata eżempju żgħir, is-sottomissjoni tal-atturi, jekk tiġi akkolta, twassal biex il-Qorti tgħaddi biex tassenja proprjetà valutata bħala fond fabrikabbli fiż-żmien meta bdiet il-kawża meta din, fil-mori, tkun ġiet esproprjata jew inkella mogħtija destinazzjoni diversa minħabba bdil fil-pjanijiet lokali tal-iżvilupp. Jew inkella, li wieħed mill-komproprjetarji jiġi assenjat, fost il-porzjoni li tmiss lilu, art stmata bħala rurali meta din tkun daħlet fl-iskema fil-mori tal-kawża[96]. Dawn huma kollha konsegwenzi anti-ġuridiċi li jwasslu biex jeskludu «ir-ripartizzjoni ugwali tal-vantaġġi tal-ħaġa fl-istat li tkun fih qabel il-qasma», u li jistgħu ikunu preġudizzjevoli fil-konfront ta' kwalunkwe parti, inkluż l-atturi stess. Il-Qorti jidhrilha li hu d-dover tagħha li tara li dan ma jseħħx.

### *4.2.4. <u>Dwar l-oriġini, n-natura u l-konsistenza tal-primoġenituri Testaferrata</u>*

4.2.4.1. Waqt is-smigħ tal-kawża, il-konvenuti ssollevaw dubji dwar jekk l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kellux jitqies li kien il-vokat fiż-żmien meta daħal fis-seħħ l-Att XII tal-1950. Huma jgħidu li ommhom Maria (oħt Salvino) kienet l-ikbar wild, u għalhekk jista' jkun il-każ illi kellha titqies hi l-vokata li kienet

[95] Il Codice Civile Italiano Commentato (Torino, 1929), Vol.X, §113.
[96] Kif jidher li seħħ fil-każ ta' ***TMV27A***.

intitolata għal nofs indiviż tal-assi primoġenjali, soġġett għall-użufrutt tal-possessur.

4.2.4.2. Il-fatti rilevanti għal dan l-aspett tal-kawża huma dawn.

4.2.4.3. Mix-xiehda bl-affidavit mogħtija mill-attur Martin Testaferrata Moroni Viani[97], jirriżulta li l-atturi jikkontendu li l-axxendenti tal-partijiet kienu, fi żminijiet differenti, magħrufa bħala "Testaferrata Cassia", "Testaferrata Abela", "Testaferrata Abela Moroni" u "Testaferrata Moroni Viani". Huma jgħidu li fis-sena 1714 ġiet fondata minn Paolo u Beatrice konjuġi Testaferrata primoġenitura, u sas-sena 1734 din kienet diġà għaddiet fil-pussess ta' binhom Ercole Martino Testaferrata sive Testaferrata Cassia, li però miet fl-1748. Mal-mewt tiegħu, il-primoġenitura għaddiet għand ibnu primoġenito Paolo Testaferrata Abela (li miet fl-1760), imbagħad għand l-ewwel iben tiegħu Pietro Paolo Testaferrata Abela (li miet fl-1827), u sussegwentement għand Giuseppe Testaferrata Abela Moroni, li miet fl-1869. Warajh ħa l-pussess tal-primoġenitura Pietro Paolo Testaferrata Abela Moroni (li miet fl-1882) u warajh issuċċieda Salvatore Testaferrata Abela Moroni Viani (li miet fl-1911). L-aħħar possessur tal-primoġenitura, jgħidu l-atturi, kien Pietro Paolo (Petrino) Testaferrata Moroni Viani, u l-primoġenitura ntemmet kif ingħad waqt il-pussess tiegħu. Kopja tal-att li bih ġiet fondata din il-primoġenitura ġiet eżebita mill-atturi, u jidher li dan hu att magħmul fl-atti tan-Nutar Benedetto Vassallo fis-7 ta' Marzu 1714[98].

4.2.4.4. L-atturi eżebew ukoll att ieħor li huma jgħidu li ġie pubblikat min-Nutar Tommaso Gatt fil-5 ta' Novembru 1734[99], kif ukoll kopja ta' estratt[100] minn rapport imħejji minn Kummissjoni li kienet maħtura biex tindaga dwar il-pretensjonijiet tan-Nobilità Maltija. Dan ir-rapport sħiħ kien pubblikat f'Londra fis-sena 1878, u kien kompilat minn żewġ Imħallfin tal-Qrati Maltin, u ċjoè l-

[97] Ara minn fol.1713 'il quddiem.

[98] Kopja ta' dan l-att hija eżebita bħala Dok MT020, u jinsab miżmum barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).

[99] Kopja ta' dan l-att hija eżebita bħala Dok MT021, u jinsab miżmum barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).

[100] Kopja hija eżebita bħala Dok MT022, u jinsab miżmum barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).

Imħallfin Naudi u Pullicino. F'parti minnu, huma jirreferu għal tilwima bejn Pietro Paolo Testaferrata Abela Moroni u Augusto Testaferrata Abela dwar min minnhom kien imsejjaħ għat-titolu ta' Baruni ta' Gomerino. Fil-kuntest ta' dik it-tilwima, ir-rapport isemmi protest li kien sar minn Giuseppe Testaferrata (missier Pietro Paolo, wieħed mill-pretendenti) li bih hu «*asserted that the title belonged to him, for as he contended, it was not annexed to the lands of Gomerino, but to the primogenitura founded by Beatrice Testaferrata and by her pre-deceased husband Pietro Paolo, on the 7th March 1714, in the acts of Notary Benedetto Vassallo, of which primogenitura he was the possessor, Beatrice, in fact, in a public instrument bearing date 5th November 1734, and received by Notary Tommaso Gatt, availing herself of the power given her by the sovereign, named to the succession of the title of "Barone di Gomerino", her son Ercole Martino Testaferrata abd his legitimate and natural children and descendants, and annexed the present title to the possession of the primogenitura, in the following terms: - "Cum hac tamen conditione, quod praedictus titulus Baroniae Gomerini, ut supra, relaxatus, sit et esse debeat, cunctis futuris temporibus et in perpetuum, adjunctus datus et concessus illi filio seu filiae et descendenti, qui vel quae consequutus vel consequuta fuerit Primogenituram fundatam per praedictos dominos jugales De Testaferrata, in quodam donationis instrumento rogato in actis quondam Magnifici Benedicti Vassalli, sub die septima Martii Millesimi Septigentesimi decimi quarti*». L-atturi eżebew ukoll kopja tal-investitura tat-titolu msemmija f'dan ir-rapport[101]. Skont l-atturi, din il-primoġenitura partikolari li allura kienet fondata fl-1714 tinkludi magħha l-proprjetajiet elenkati bħala ***TMV01, TMV02, TMV03, TMV04, TMV15, TMV16, TMV17, subportion TMV18.1*** u ***18.2***, ***TMV20, TMV21, TMV22, TMV23, TMV24, TMV25, TMV35, TMV36, TMV38*** (kompost minn TMV38(1) sa TMV38(177) u TMV38(255)), kif ukoll minn ***TMV29*** (kif konsolidat)[102], li huma l-proprjetajiet riferuti bħala sitwati f'Ta' Xbiex, kif ukoll ***TMV05, TMV06, TMV07, TMV08, TMV09, TMV10 subportion TMV11.1*** (biss) u ***TMV12.1*** (biss), ***TMV14, TMV19,*** u ***TMV38***

[101] Kopja ta' dan l-att hija eżebita bħala Dok MT023, u tinsab miżmuma barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).
[102] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1717.

(kompost minn TMV38(178) sa TMV38(245) u 38(248) sa 38(250)[103]), li huma l-proprjetajiet riferuti bħala sitwati fil-Fawwara. L-art imsejħa "Tal-Landrijiet", li wkoll hija nkluża f'din il-primoġenitura partikolari, hija ndikata fir-rapport tal-Perit Abela bħala ***TMV13*** kif ukoll ***TMV38*** (kompost minn TMV38(246) sa (247), u (251) sa (254), inklussivament)[104].

4.2.4.5. Din ma kinitx l-uniku primoġenitura mwaqqfa mill-axxendenti tal-kontendenti, tant li l-atturi jirreferu wkoll għal dik fondata fl-1756 minn Pier Giacomo Testaferrata, bl-ewwel vokat tagħha jkun Paolo Testaferrata Abela, u tkompli fl-istess linja meħuda minn dik fondata fl-1714. L-atturi jgħidu li din il-primoġenitura ġiet imwaqqfa b'att tan-Nutar Agostino Marchesi tad-9 ta' Frar 1756, u eżebew kopja ta' dan l-att[105]. Skont l-atturi, din il-fondazzjoni tirreferi għal dik imwaqqfa fl-1714 u żżomm l-istess linja ta' dixxendenza maskolina «*di figlio, in figlio*», u hija testendi ruħha fuq il-proprjetà magħrufa bħala "Blata l-Għolja" fil-Mosta (***TMV27(A), TMV27(B)*** u ***TMV36***), u d-dar u l-ġnien magħrufa bħala Palazza Testaferrata f'Raħal Ġdid (***subportion TMV28(1)***). Effettivament fuq l-att imsemmi jingħad li dan il-ġid kien qed jiġi donat:

> Sotto però l'infrascritti vincoli, pesi, gravami e sostituzioni, e perchè detti beni come sopra donati con tutti e singoli loro gius pertinenze, e pesi seguita la morte d'esso Illmo e Revmo. Monsignor Testaferrata Donatore spettano e pienamente appartengono e dovranno spettare ed appartenere all'Illmo. Sig. Barone Paolo Testaferrata Donatario suo –[106] nipote durante la sua vita naturale, e dopo morte di questo al figlio Maschio dell'istesso Sig. Barone Paolo, durante la sua linea mascolina in perpetuum nella maniera che segue.

Wara dan, l-istess donatur ordna li l-istess immobbli:

> …siano soggetti a Primogenitura perpetua ed infinita, siccome d'adesso l'ha eretto, ed erigge, in

[103] Dawn huma drittijiet ta' dirett dominju.
[104] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1718.
[105] Eżebita bħala Dok MT024, u tinsab miżmuma barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru erbgħa minn erbgħa).
[106] Kelma mhux deċifrabbli.

> Primogenitura, a favore dei figli Maschi legittimi e naturali di l'Illmo. Barone Paolo, e di tutti i suoi discendenti legittimi e naturali come sopra in perpetuum ed in infinitum di figlio in figlio sia al decimo, esigesimo, ed ulteriore grado, e finchè durera la linea Mascholina del pred. Sig. Barone Paolo, sottomettendo e sottoponendo detti beni come sopra in primogenitura eretti ad un vincolo e fidecommesso perpetuo ed infinito, sotto tutti e singoli quei patti, condizioni, vocazioni, sostituzioni contenuti ed espressi nelle altre due Primogeniture erette e fondati dalli furono Sig. Barone Paolo e Donna Beatrice Cassia Testaferrata suoi genitori nelli rispettivi –[107] di erezione seguiti, l'una a favore del fu Sig. Barone Fabrizio Testaferrata in atti del fu Notaio Benedetto Vassallo sotto il 8 Febraro 1695, e l'altro a favore del fu Sig. Barone Ercole, fratello di detto Monsignore, e padre rispettivamente di il Sig. Barone Paolo Donatario, nelli predetti atti sotto di 7 Marzo 1714, volendo ed espressamente comandando esso Illmo. Monsignore, che detti [*hawnhekk jerġgħu jiġu deskritti l-beni f'Raħal Ġdid u Mosta*] come sopra dal medesimo erette in Primogenitura siano, e s'intendono uniti, incorporati ed annessi alli beni e territori [*hawnhekk jiġu deskritti beni oħra formanti l-oġġetti tal-primoġenituri l-oħrajn*] eretti in primogenitura a favore di detto fu Sig. Barone Ercole il di sull'7 Marzo 1714, e che la presente erezione e fondazione di Primogenitura dal medesimo come sopra eretta, debba in tutto e per tutto, e senza alterazione veruna regolarsi, uniformarsi ed aver tutta la sua Relazione e governo dalla predetta Primogenitura fondata dalli detti fu Sig. Barone Paolo, Baronessa Beatrice, a favor del sud. Fu Sig. Barone Ercole, di modo che chiunque sarà possessore legittimo delli suddetti beni sottoposte alla Primogenitura come si è detto fondata a favore del Replicato fu Sig. Barone Ercole, sia e s'intenda padrone e possessore ancora delli beni come sopra nominati…

4.2.4.6. Id-donatur fuq l-imsemmi att provda wkoll li f'każ illi d-donatarju jew id-dixxendenti tiegħu imutu mingħajr ulied leġittimi u naturali u terminata d-dixxendenza tiegħu, jissuċċiedu għall-primoġenitura oħt id-donatarju Maria Testaferrata u d-dixxendenti tagħha.

[107] Kelma mhux deċifrabbli.

4.2.4.7. It-tielet primoġenitura msemmija mill-atturi hija dik fondata minn Giovanna Fortunata Perdicimati Testaferrata fl-1766 u kellha l-istess trażmissjoni. L-ewwel vokat però kien Pietro Paolo Testaferrata Abela. L-atturi jsostnu li din il-fondazzjoni primoġenjali seħħet b'att magħmul fit-13 ta' Jannar 1766 min-Nutar Paolo Vittorio Giammalva[108]. B'dan l-att, li jirriżulta li kien testment, it-testatriċi ordnat li l-proprjetà li kienet l-oġġett tal-kuntratt matrimonjali tagħha (fiż-Żebbiegħ) «*siano eretti dopo la sua morte e la morte della detta Baronessa Vincenza Matilde come in vigor del presente testamento, l'ha eretto e l'erige in perpetua primogenitura in favor del detto Sig. Barone Pietro Paolo Testaferrata pupillo suo nipote e dei suoi figli maschi legittimi e naturali in perpetuo di figlio in figlio sino il decimo, esigesimo ed ulteriore grado, e finchè durera la linea maschile di detto Sig. Barone Pietro Paolo sottomettendo e sottoponendo detti beni come sopra in Primogenitura eretti ad un vincolo fedecommesso perpetuo, ed in infinito coll'espresso proibizione di non poter alienarli, ipotecarli, pignorarli, permutarli ne concederli in enfiteusi sotto tutti e quelli patti, condizioni, vocazioni contenuti ed espressi nelle altre due Primogeniture eretti e fondati dai furono Sig. Barone Paolo Tuniere e Donna Beatrice Cassia coniugi de Testaferrata suoi genitori nei rispettivi instrumenti d'erezione seguiti l'una a favor del fu Sig. Barone Fabritio Testaferrata in atti del fu Notaro Benedetto Vassallo sotto il di 8 Febbraio 1695 e l'altra a favore del Sig. Barone Ercole Testaferrata nei predetti atti sotto di 7 Marzo 1714…*»[109].

4.2.4.8. L-atturi jgħidu li l-proprjetà kontenuta f'din il-primoġenitura hija dik elenkata bħala ***TMV26(1)*** u ***TMV26(2)***.

[108] Kopja ta' dan l-att hija eżebita bħala Dok MT025, u tinsab miżmuma barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numerata erbgħa minn erbgħa).

[109] Jirriżulta li nqalgħet tilwima bejn is-suċċessuri tat-testatriċi u l-vokat għal din il-primoġenitura, billi din il-primoġenitura kienet ġiet fondata mit-testatriċi bis-saħħa ta' fakultà akkordata lilha fil-kitba taż-żwieġ tagħha. Is-suċċessuri tagħha sostnew li din il-fakultà kienet ineffikaċi u kondizzjonata, fost raġunijiet oħra. Din it-tilwima kienet ġiet tranżatta b'kuntratt tal-15 t'April 1832 fl-atti tan-Nutar Cristofero Frendo (Dok MT 027), u kienet ukoll l-oġġett ta' kuntratt ulterjuri magħmul fl-24 ta' Mejju 1843 fl-atti tan-Nutar Paolo Frendo (Dok MT 028).

4.2.4.9. Dawn it-tliet fondazzjonijiet jirreferu għall-artijiet «*(1) Ta' Xbiex, (2) Fawwara, (3) L-Andrijiet, (4) Mgħos et Meria, (5) Casa grande con suo giardino annesso, sito e posto in quest'isola di Malta, in Casal Paola u (6) Handiel*»[110].

4.2.4.10. L-atturi jgħidu li Giuseppe Abela Testaferrata Abela Moroni kien żied mal-proprjetà versata f'dawn il-primoġenituri permezz ta' żewġ kuntratti ta' tpartit magħmula fis-snin 1847[111] u 1856[112], u jsostnu li l-proprjetà li daħlet fil-primoġenitura ġiet b'hekk soġġetta għall-istess regoli ta' trażmissjoni[113]. Il-proprjetajiet miżjuda kienu t-territorju magħruf bħala "Ta' Pastizz" kif ukoll l-artijiet "Ta' Forn il-Ġir", "Ta' Perini", "Lenza tal-Ħamra" u "Balluta". L-atturi jgħidu li minn dawn il-proprjetajiet, illum fadal biss jeddijiet ta' dirett dominju.

4.2.4.11. Mill-kontro-eżami li sar lill-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono[114], irriżulta illi fost l-axxendenti tal-partijiet kien hemm istanzi fejn is-subien twieldu wara l-bniet, iżda l-primoġenitura baqgħet nieżla dejjem mal-linja maskili. Li ma kienx hekk, il-pussess tal-beni primoġenjali ma kien qatt jasal għand Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

4.2.4.12. In tema legali, jingħad li l-primoġenitura hija forma ta' istituzzjoni fedekommessorja. Ġie spjegat li l-fedekommess isir «*...istituendosi uno Erede, questi si gravi a restituire l'Eredità in tutto, ovvero in parte ad un'altro, sicchè quando la sostituzione non si possa dire nè volgare, nè pupillare, nè esemplare, cade sotto questo genere della Fedecommessaria, cosi chiamata, perchè si commette alla fede dell'Erede, che faccia la restituzione ad un'altro*»[115]. L-istitut tal-fedekommess għandu n-nisel tiegħu fid-Dritt Ruman[116], u d-

[110] Ara x-xiehda tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1714.
[111] L-attur Martin Testaferrata Moroni Viani xehed fl-affidavit tiegħu (a fol.1721) li l-atturi ma rnexxielhomx isibu kopja ta' dan il-kuntratt.
[112] Kuntratt tat-22 ta' Settembru 1856 fl-atti tan-Nutar Luigi Vella (Dok MT 029).
[113] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1721.
[114] Ara partikolarment fol.2912-2915.
[115] ***De Luca***, Istituta Universale di Tutte le Leggi Civile, Criminale, Canonica, Feudale, Particolare e Municipale (Venezia, 1752), fol.181, §19.
[116] «*Il fedecommesso primitivo dei Romani…risulterebbe quindi come un istituto corrispondente ai due concetti predominanti nelle popolazioni greco-italiche; al rispetto ed all'ossequio per la memoria dei defunti, alla forza morale dell'obbligo nascente dalla* fides*, e cioè dell'impegno di eseguire quanto fu promesso*» (***Trifone***, Il Fedecommesso (Napoli, 1934), pġa.2).

distinzjoni aktarx prinċipali f'dan l-istitut kienet tinsab fil-fedekommessi puri u kondizzjonali:

> La precipua distinzione è di fedecommesso puro (o assoluto o semplice) e condizionale: il primo non è altro che l'usuale fedecommesso romano, ormai men frequente, il secondo è quello in cui la restituzione avviene sotto una condizione o in un dato caso (ad es., alla morte dell'istituito). Nel fedecommesso condizionale tanto può essere prescritto un ordine di successione necessaria (fedecommesso restitutorio), quanto ingiunto semplicemente che il patrimonio rimanga nella famiglia (fedecommesso conservatorio), spettando all'erede la scelta della persona. Misto, cioè restitutorio e conservatoria ad un tempo, è quel fedecommesso nel quale è vietata l'alienazione dei beni per conservarli nella famiglia, con la sostituzione anche in vita e l'obbligo di restituire in morte espresso o tacito.[117]

4.2.4.13. Maż-żmien, inħoloq il-vokabolu *primogenitura* jew *maggiorasco*[118] sabiex din ix-xorta ta' fedekommessi kondizzjonali jiġu distinti minn oħrajn. ***De Luca*** spjegaha hekk: «*... la settima distinzione è quella, che altro è il fidecommesso semplice, e ordinario, il quale ammette il concorso contemporaneo di più persone all'uso della prima successione, cosi ab intestato come per testamento, e altro è il fidecommesso singolare, cioè che sia indivisibile sicchè non ne sia capace se non una persona, e non ammetta la pluralità dei successori; E queste due specie per l'uso commune del parlare si sogliono contradistinguere, cioè che la prima spezie si esplica col vocabolo, o termine di fidecommesso, e l'altra col termine, o vocabolo non conosciuto dalle Leggi civili de'Romani di primogenitura, o primogenito, e di maggiorasco...*»[119].

4.2.4.14. Il-primoġenituri meritu ta' din il-kawża lkoll ġew kostitwiti qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi de Rohan fl-1784. Dan il-Kodiċi kien jikkontjeni dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istitut tal-primoġenituri jew maġġoraski fit-

[117] ***Il Digesto Italiano***, vuċi «Fedecommesso (Diritto Romano, Intermedio, Odierno)», §105.
[118] Primoġenituri u maġġoraski, għalkemm simili, ma kienux però l-istess ħaġa.
[119] Op cit, fol.187, §29.

Tieni Kapitolu tar-Raba' Ktieb tiegħu. Fost dawn id-dispożizzjonijiet insibu l-paragrafu VII, li kien jgħid hekk:

> I maggioraschi però, primogeniture, e fedecommessi, che si trovino già fondati, non siano nè s'intendono compresi nel prescritto de'§§ precedenti.

4.2.4.15. Din l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-liġi muniċipali l-ġdida però kienet *expressis verbis* ċirkoskritta għall-paragrafi preċedenti, li jfisser għalhekk li l-paragrafi segwenti kellhom jitqiesu applikabbli anki għall-primoġenituri fondati qabel l-1784. Kemm hu hekk, il-paragrafu XIX fl-istess kapitolu u ktieb kien jipprovdi:

> Nascendo dubbio, se sia fondato maggiorasco, primogenitura, o fedecommesso, ovvero se duri tuttavia; non si avrà in avvenire alcun riguardo alle sole congetture, sulle quali vorrebbe fondarsi l'erezione della primogenitura, o la sua durazione: ma si dovra solamente far conto di esse, quante volte essendo espresse le istituzioni o la continuazione della primogenitura o del fedecommesso, si trattere di spiegare la volontà del testatore per riconoscere, chi debba essere preferito o compreso. Lo stesso si dovra osservare per le primogeniture già erette, e pe'fedecommessi fatti per lo passato; se la disputa insorta non sarà stata ancor decisa o transatta.

4.2.4.16. Rilevanti wkoll il-paragrafu X, li kien jgħid: «*Per succedere nelle primogeniture, in difetto di regola particolare, si dovrà considerare in primo luogo la linea, in secondo luogo il grado, in terzo il sesso maschile, che deve essere preferito al femminino, ed in quarto luogo l'età*».

4.2.4.17. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Myriam Fenech Adami et vs. Anna Gatt et*** (26/10/2022):

> 37. Bl-**Ordinanza IV tal-1864**, ġie ddikjarat li ma setgħux jinħolqu aktar fedekommessi fil-futur. Baqgħu validi pero` dawk il-fedekommessi ġa maħluqa. Żmien wara mbagħad, fil-5 ta' Mejju, 1950, bl-**Att Dwar il-Ħelsien Mill-Vinkolu ta' Ġid Marbut B'Fedekommess** (Kap 130 tal-Liġijiet ta'

> Malta), il-Parlament Malti ddeċieda li jwaqqaf u jħassar kull forma ta' fedekommess eżistenti fuq mobbli u mmobbli. B'dan it-tħassir il-ġid mobbli u mmobbli kollu ġie meħlus minn kull rabta tal-fedekommess;
>
> 38. Fil-proviso tal-**Artikolu 3 tal-Kap 130 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda ġie mniżżel li jekk il-fedekommess kien wieħed indiviżibbli (jiġifieri fuq persuna waħda), allura nofs il-ġid immobbli li kien maħkum bil-fedekommess kellu jmur għand min fil-5 ta' Mejju, 1950, kellu l-pussess ta' dak il-ġid; filwaqt li n-nofs l-ieħor tal-immobbli kellu jmur għand l-imsejjaħ, viz. Il-bniedem, illi bl-att tat-twaqqif ta' fedekommess, kien ikun imissu li jidħol fit-tgawdija tal-ġid immobbli marbut b'dak il-fedekommess mill-jum tal-mewt tal-possessur ta' dak il-ġid

4.2.4.18. Il-Qorti tqis ruħha sodisfatta mill-provi mressqin mill-atturi dwar l-eżistenza tal-primoġenituri allegati minnhom u dwar il-konsistenza tagħhom. Huwa minnu, li kif tajjeb osservat il-konvenuta Spiteri Debono[120], fil-fondazzjonijiet primoġenjali hemm riferenzi għal fondazzjoni primoġenjali oħra magħmula fl-1695, li ma ġietx eżebita. Minn dak li setgħet tara l-Qorti, il-fondazzjonijiet tal-1756 u tal-1766 kellhom kostituzzjoni awtonoma, anki jekk jagħmlu riferenza għall-mod ta' trażmissjoni maħluq bil-fondazzjoni tal-1714. L-att li bih ġiet fondata l-primoġenitura tal-1714[121] huwa fl-ilsien latin, u ħadd ma talab jew ma eżebixxa traduzzjoni tiegħu.

4.2.4.19. B'danakollu fl-atti sussegwenti hemm biżżejjed riferenzi għall-att tal-1714 li jissodisfaw lill-Qorti illi kienet ir-rieda tal-fundaturi ta' dawn il-primoġenituri (kompriża dik tal-1714) li din tkompli favur l-ewwel wild maskili ta' kull possessur. Il-brani rilevanti diġà ġew ċitati mill-Qorti, u qed terġa ssir riferenza għalihom a skans ta' kull ripetizzjoni. Dan apparti l-fatt li d-dispożizzjonijiet ukoll diġà ċitati mill-Kodiċi de Rohan juru li, f'każ ta' dubju dwar min hu msejjaħ għall-primoġenitura jew fedekommess, wieħed għandu jħares lejn ir-rieda tat-testatur li tinsab bl-aktar mod ċar espressa fl-atti tal-1756 u tal-1766.

[120] A fol.2389.
[121] Eżebit bħala Dok MT 020.

Anki l-preżunzjoni kontenuta f'Lib.IV, Cap.II, §10 tal-Kodiċi preċitat hija favur il-pożizzjoni meħuda mill-atturi.

4.2.4.20. Aktar minn hekk, din il-Qorti hija fortifikata f'din il-konklużjoni tagħha bil-fatt li għal snin twal wara l-mewt ta' Pietro Paolo (Petrino) Testaferrata Moroni Viani, uliedu kif ukoll ulied uliedu dejjem qiesu li l-imsejjaħ għal dawn il-primoġenituri kien l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani, u ma jidhirx li qatt saret oġġezzjoni għal din il-konklużjoni qabel din il-kawża. Din il-pożizzjoni tal-konvenuti, miżmuma għal tant żmien twil anki wara li r-relazzjoni tagħhom mal-atturi marret għall-agħar, tikkonferma, fil-fehma tal-Qorti, li m'għandux ikun dubitat li nofs indiviż tal-attiv primoġenjali tassew għadda favur l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani mal-promulgazzjoni tal-Att XII tal-1950.

4.2.4.21. Dwar liema assi kienu nklużi fl-attiv primoġenjali, il-Qorti se tkun qed tapprofondixxi aktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

*4.2.5. Dwar jekk il-Qorti tistax toqgħod fuq rapport imressaq minn perit inkarigat ex parte, u fuq liema minn dawk ir-rapporti li tressqu fl-atti għandha toqgħod*

4.2.5.1. Mill-atti jirriżulta li l-partijiet ressqu s-segwenti rapporti mħejjija minn periti nkarigati minnhom *ex parte* b'valutazzjonijiet tal-proprjetà kif ukoll bi pjanijiet ta' diviżjoni:

(a) rapport imħejji mill-Perit Godwin Abela fuq inkarigu tal-atturi bejn Lulju u Settembru tas-sena elfejn u disgħa (2009)[122];
(b) reviżjoni tar-rapport mill-Perit Abela kif imfisser fl-affidavit tiegħu[123] u reviżjoni ulterjuri preżentata minnu waqt l-udjenza tat-12 t'Ottubru 2022[124], sabiex tikkoreġi żbalji matematiċi[125];
(c) rapport imħejji mill-Periti Alex Torpiano u Gaston Camilleri[126], fuq inkarigu tal-konvenuti, datat 29 t'Awwissu 2022;

[122] Eżebit minn fol.48-486.
[123] A fol.2124.
[124] A fol.2728.
[125] Ara x-xiehda tal-Perit Godwin Abela, a fol.2705.
[126] A fol.2500.

(d) rapport ulterjuri mħejji mill-Periti Alex Torpiano u Gaston Camilleri[127], ukoll fuq inkarigu tal-konvenuti, u datat 13 ta' Settembru 2023.

4.2.5.2. Il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq, b'ittra tad-9 t'Ottubru 2009[128], kitbet lill-perit inkarigat mill-atturi sabiex tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha mal-pjan ta' qasma propost minnu, u matul is-smigħ ta' din il-kawża, il-konvenuti kollha fissru u elaboraw f'dettall kbir ir-raġunijiet għaliex huma ma jaqblux ma' dak propost mill-Perit Abela, li kien anki soġġettat għal kontro-eżami serrat. L-atturi wkoll ma naqsux milli jispjegaw, kemm bis-sottomissjonijiet tagħhom u kemm bl-għodda tal-kontro-eżami, għaliex ma qablux mal-eżerċizzju mwettaq mill-periti nkarigati mill-konvenuti. Fil-fatt, din il-kwistjoni kienet tippreżenta aspett mill-aktar kontestat tal-kawża, aktarx ukoll preċipitat mill-fatt li l-atturi riedu, permezz tal-ħames talba dedotta minnhom, li l-qasma ssir skont il-pjan imħejji mill-Perit Abela.

4.2.5.3. Dan kollu inutilment, kif qed taraha din il-Qorti, li ma hija sejra taddotta l-ebda wieħed mir-rapporti *ex parte* preżentati f'dawn l-atti.

4.2.5.4. L-artikolu 501 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> 501.(1) Il-beni għandhom jiġu stmati minn periti magħżulin mill-partijiet, jew maħtura mill-qorti kif provdut fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.
> (2) Il-periti għandhom, fir-rapport tagħhom, igħidu jekk il-beni jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u mingħajr ħsara, u, kemm-il darba l-beni jistgħu jiġu hekk maqsuma, il-periti fl-istess rapport għandhom jiffissaw kull wieħed mill-ishma li jistgħu jinħarġu u l-valur ta' kull sehem, billi jħarsu, sakemm dan jista' jsir bla ħsara kbira, id-dispożizzjonijiet tat-tliet artikoli li ġejjin wara dan.

4.2.5.5. Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni li tosserva kif ġej dwar din id-dispożizzjoni:

[127] A fol.2875.
[128] Ara fol.487.

15. Din id-dispożizzjoni tidher li kienet mudellata fuq l-artikolu 824[129] tal-Kodiċi Ċivili Franċiż[130]. Ġie mgħallem minn kummentaturi ewlenin għal dak il-Kodiċi esteru li l-perizja msemmija f'dik id-dispożizzjoni hija fakoltattiva, u mhux obbligatorja (viz. ***Marcadè***[131]; ***Zachariae*** li kiteb: «*L'estimazione degli immobili, alla quale si può procedere da due o tre periti, eletti di accordo ovvero nominati di ufficio, non è richiesta in un modo imperativo; la legge abbadona l'opportunità di questo provvedimento al potere discrezionale del tribunale, dinanzi al quale sia portata l'azione di divisione*»[132]; kif ukoll ***Demolombe***[133]).

16. Jidher li l-istess pożizzjoni ġiet imħaddna fil-ġurisprudenza lokali. Riferenza ssir għad-deċiżjoni ***Victor Attard vs. Maria Attard*** (Appell Superjuri, 14/5/2010) kif ukoll għad-deċiżjoni ***Giuseppe Galea et vs. Jessie Borg*** (Prim'Awla, 28/4/2003), fejn intqal li: «*F'dan il-każ il-Qorti evitat li tqabbad espert tekniku għax kien ovvju għaliha bħala stat ta' fatt illi konsiderat is-sehem tal-konvenuta l-fond ma setax kien f'qagħda li jiġi diviż mingħajr inkomodu u "bla xkiel", kif hekk tippreċiża l-liġi*».[134]

4.2.5.6. Mela r-rapport peritali huwa fakoltattiv u l-Qorti tista' tipproċedi mingħajru, fid-diskrezzjoni tagħha. Dan normalment isir f'każijiet fejn id-diviżjoni mitluba ma tkunx tipprospetta kumplessitajiet kbar, bħal per eżempju fejn il-proprjetà komuni tkun konsistenti minn fond wieħed li jkun ċar li ma jistax jinqasam *in natura* bejn id-diversi komproprjetarji. Fejn id-diviżjoni però tkun waħda kumplessa – u ma hemm ebda dubju li d-diviżjoni meritu ta' din il-kawża taqa' f'dik il-kategorija – mela l-perizja ma tibqax tant fakoltattiva imma huwa imperattiv li din issir. La darba l-perizja hija neċessarja, l-liġi taħseb għal żewġ modi kif din għandha ssir – jew minn periti magħżulin mill-partijiet, inkella minn perit imqabbad mill-Qorti kif jipprovdi l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

[129] *824. L'estimation des immeubles est fuite par experts choisis par les parties intéressées, ou, à leur refus, nommés d'office. Le procés-verbal des experts doit présenter le bases de l'estimation: il doit indiquer si l'objet estimé peut être commodément partagé; de quelle maniére; fixer enfin, en cas de division, chacune des parts qu'on peut ef former, et leur valeur.*
[130] Ara n-noti ta' Sir Adriano Dingli għall-artikolu 197 tal-Ordinanza VII tal-1868.
[131] Corso Elementare di Diritto Civile Francese (Napoli, 1860), Vol.II, Art.824, paġ.328.
[132] Corso di Diritto Civile Francese (Napoli, 1851), Vol.II, §624.
[133] Corso del Codice Civile (Napoli, 1876), Vol.VIII, §641.
[134] ***Corner Foodstore Company Limited vs. Alexander George Caruana Soler*** (Prim'Awla, 18/3/2024).

4.2.5.7. Huwa bil-wisq ċar għalhekk li jekk il-partijiet riedu jevitaw perizja ġudizzjarja, huma kellhom jagħżlu periti **bejniethom** biex jagħmlu r-rapport kif irid l-artikolu 501, u mhux jagħmlu dan l-eżerċizzju b'mod separat. La dan m'għamluhx, u f'każ li jibqgħu ma jagħmluhx, mela l-Qorti m'għandhiex għażla ħlief li tinnomina perit hi.

4.2.5.8. Il-Qorti qed tasal għal din id-deċiżjoni mhux biss minħabba dak li jgħid l-artikolu 501, imma wkoll għaliex f'kull każ, il-perizji *ex parte* sottomessi mill-kontendenti ma jistgħux jitqiesu idonji, u dan għas-sempliċi raġuni li l-eżerċizzju magħmul mill-periti nkarigati separatament mill-kontendenti kien magħmul mingħajr direzzjoni tal-Qorti f'dak li jirrigwarda ishma, drittijiet ta' konsolidazzjoni u kwistjonijiet oħrajn li dwarhom il-Qorti se tkun qed tiddeċiedi f'din is-sentenza u li neċessarjament jinfluwixxu u jinċidu fl-eżerċizzju li l-periti huma mistennija li jagħmlu. Hekk per eżempju, liema beni huma parti mil-legat imħolli lill-atturi legatarji minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani; liema beni huma primoġenjali; il-kwoti rispettivi tal-kontendenti; kif se ssir il-qasma tal-beni li minnhom għandhom sehem l-atturi Jane u Monika Testaferrata Moroni Viani; jekk id-diviżjoni hux se ssir b'assenjazzjoni jew bix-xorti, u numru ta' kwistjonijiet oħra li ma setgħux jonqsu li jkomplu jagħmlu aktar kumpless dan il-każ.

4.2.5.9. Għalhekk it-talba tal-atturi biex id-diviżjoni ssir skont il-pjan imħejji mill-Perit Godwin Abela mhux se tiġi milqugħa, u minflok il-Qorti se tkun qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward ta' dawk it-talbiet li jirrigwardaw id-diviżjoni effettiva, sabiex qabel xejn isir dak li jrid l-artikolu 501 tal-Kodiċi Ċivili.

4.2.6. *Dwar l-eżerċizzju tal-jedd t'opzjoni mogħti mill-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili*

4.2.6.1. L-atturi qed jippretendu drittijiet ta' preferenza fl-assenjazzjoni tal-ġid komuni minħabba s-segwenti fatti:

i. l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kien xtara biċċa art li tmiss mal-proprjetajiet ***TMV28(3)*** u ***TMV28(4)*** b'kuntratt magħmul min-Nutar George Bonello du Puis fl-20 t'April 1967[135];

ii. l-istess attur kien xtara wkoll biċċa art f'Ta' Xbiex li tmiss mal-proprjetà ***TMV20***, u dan permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Edward Flores fit-22 ta' Ġunju 2001[136];

iii. meta nqasmet il-kumpannija The Stadium (Gżira) Company Limited, numru ta' proprjetajiet ġew assenjati lill-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani, jew aħjar, lill-kumpannija tiegħu Capiferri Limited[137]. Din id-diviżjoni ta' kumpanija kienet saret permezz ta' ftehim datat 11 ta' Novembru 2003[138]. B'konsegwenza ta' din il-qasma, il-kumpanija Capiferri Limited kisbet dan il-ġid:

    (a) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li tmiss ma' ***TMV04***;
    (b) proprjetà fi Triq l-Imsida fil-Gżira, li tmiss ma' ***TMV19***;
    (c) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huwa msemmi f'***TMV38(147)***;
    (d) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(148)***;
    (e) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(149)***;
    (f) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(150)(X180)(1)***;
    (g) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(150)(X180)(5)***;
    (h) proprjetà fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(151)***;
    (i) proprjetà fix-Xatt ta' Ta' Xbiex, li d-dirett dominju perpetwu relattiv huma msemmi f'***TMV38(49)***.

iv. l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani xehed ukoll li huwa għandu interess ukoll f'kumpanija oħra bl-isem Tabria Company Limited, li l-

---

[135] Dok STMV02A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).
[136] Dok STMV03A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).
[137] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Salvino Testaferrata Moroni Viani.
[138] Dok STMV04 (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).

azzjonisti tagħha huma wliedu[139]. Hu xehed li din il-kumpanija għandha diversi proprjetajiet li jmissu ma' ***TMV24***, u li d-dirett dominju perpetwu relattiv tagħhom huwa msemmi f'***TMV38(70)***. Jidher li l-kumpanija Tabria Company Limited kisbet il-proprjetà tagħha b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis fis-16 ta' Frar 1987[140], b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mingħand l-istess attur Salvino Testaferrata Moroni Viani li deher kemm f'ismu proprju u kemm f'isem ħutu.

v. l-atturi wlied Mario Testaferrata Moroni Viani jsostnu li għandhom dritt ta' preferenza fuq ***TMV22***, billi ma' dik il-proprjetà jmissu (a) proprjetà li kienet akkwistata minn missierhom Mario b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[141], u li fuqha nbniet id-dar fejn toqgħod ommhom[142]; u (b) proprjetà oħra li wkoll kienet inkisbet b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[143] mill-attriċi Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit, u li fuqha nbniet id-dar fejn toqgħod l-istess attriċi[144];

vi. l-istess atturi wlied Mario Testaferrata Moroni Viani kisbu wkoll il-fond "Cova d'iria" fi Triq Giuseppe Cali f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju dwaru huwa ndikat bħala ***TMV38(124)***. Dan l-akkwist sar minnhom b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tal-11 ta' Marzu 2014[145]. Eżami tal-kuntratt juri li l-imsemmi atturi akkwistaw l-arja fuq din il-proprjetà, filwaqt li l-bini sottostanti l-arja inkiseb minn ulied dawn l-atturi;

vii. l-atturi jgħidu wkoll li għandhom "interess dirett" fil-fond Marina Court, Triq l-Abate Rigord f'Ta' Xbiex, li d-dirett dominju tiegħu huwa indikat bħala ***TMV38(67)***. Jirriżulta li b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Frank Xavier Dingli fid-19 ta' Frar 1963[146], din il-proprjetà li kienet ġejja mill-primoġenituri msemmija ġiet konċessa b'titolu t'enfitewsi perpetwa, b'mod li l-utile dominju ta' nofs indiviż tal-art ġie jappartjeni

[139] Ara Dok CT01.
[140] Dok STMV05A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).
[141] Ara Dok PPTMV01A.
[142] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.
[143] Ara Dok PPTMV02A.
[144] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.
[145] Ara Dok PPTMV03.
[146] Dok PPTMV04A.

lil ċertu Paul Borg, filwaqt li s-sehem ta' ħmistax-il parti minn sittax tal-art kien miżmum b'titolu ta' utile dominju perpetwu minn Mario Testaferrata Moroni Viani, li kellu wkoll ir-rimanenti waħda minn sittax-il parti ($^1/_{16}$) fi pjena proprjetà. Id-dirett dominju kien miżmum in kwantu għal ħames ottavi minn Salvino, żewġ ottavi minn Maria u Beatrice bejniethom, u r-rimanenti parti waħda minn sittax-il parti ($^1/_{16}$) minn Mario stess. B'kuntratt ieħor tad-19 ta' Ġunju 1986 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[147], Anthony Borg f'isem il-kumpanija Tesborg Limited deher u feda ċ-ċens mingħand id-dircríettarji. Il-kumpanija Tesborg Limited ġiet eventwalment amalgamata mal-kumpanija Mercury plc, li tappartjeni lill-atturi;

viii. l-attriċi Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit tippretendi dritt ta' preferenza fuq id-dirett dominju ***TMV38(68)*** billi dan jaggrava l-proprjetà tagħha fuq imsemmija u akkwistata b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[148];

ix. l-atturi wlied Mario jgħidu wkoll li għandhom dritt ta' preferenza għad-dirett dominju elenkat bħala ***TMV38(69)*** billi dan jaggrava l-proprjetà li kienet akkwistata minn missierhom Mario b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[149], u li fuqha nbniet id-dar fejn toqgħod ommhom;

x. l-istess atturi jridu wkoll dritt ta' preferenza fuq ***TMV38(150(X180)(3)*** billi dan id-dirett dominju huwa relattiv għall-proprjetà li ġiet assenjata lil kumpanija tagħhom wara l-qsim tal-kumpanija The Stadium (Gżira) Company Limited[150].

4.2.6.2. Il-konvenuti min-naħa tagħhom joġġezzjonaw għal dawn id-drittijiet pretiżi mill-atturi, u jilmentaw li l-atturi qed jibbażaw dawn il-pretensjonijiet tagħhom fuq kuntratti li saru b'abbuż ta' prokuri li huma u ommhom kienu taw lill-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani[151].

[147] Dok PPTMV04C.
[148] Ara Dok PPTMV02A.
[149] Ara Dok PPTMV01A.
[150] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.
[151] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq, a fol.2167, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit tal-konvenuta Anna Maria Spiteri Debono, a fol.2410.

4.2.6.3. Id-drittijiet ta' preferenza vantati mill-atturi fuq ***TMV20, TMV22*** u ***TMV24*** huma murija fuq il-pjanta li hija eżebita a fol.2743[152].

4.2.6.4. L-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom viċini għal xi wħud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jiġu assenjati lilu bi stima, iżda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli oħra in komun li minnhom jista' jiġi assenjat lil kull wieħed mill-komproprjetarji l-oħra sehem bejn wieħed u ieħor ugwali.

4.2.6.5. Dan id-dritt t'opzjoni ma ġiex introdott għall-ewwel darba fl-Ordinanza VII tal-1868. Kemm hu hekk, fin-notamenti tiegħu għall-artikolu 199 (li llum huwa l-artikolu 503) fl-Ordinanza preċitata, Sir Adriano Dingli niżżel: «*Rohan, Collazioni, art. 6*». Jekk wieħed iħares lejn il-paragrafu sitta tat-Tielet Kapitolu[153] tar-Raba' Ktieb tal-Kodiċi de Rohan, isib imniżżel:

> Essendovi tra' condividenti chi possiede beni contigui a quei che si devono dividere, qualora li vorrà a conto di sua porzione, gli si dovranno assegnare a stima di periti: e coll'istessa stima di periti si dovranno assegnare agli altri condividenti beni equivalenti, se da essi li vorranno: e del rimanente si faccia la divisione nella maniera prescritta nel § precedente.

4.2.6.6. Dan id-dritt għalhekk huwa wieħed antik ħafna fl-ordinament legali tagħna. Ġie mfisser illi: «*Questo diritto è fondato sopra ragioni meramente economiche, per favorire integrazione degli immobili che sono vicini. Però questo diritto di opzione è subordinato al canone precedente: purchè vi siano altri immobili comuni dai quali ciascuno possa a ciascuno degli altri riservare una porzione presso che uguale, supposta l'uguaglianza delle porzioni*»[154].

---

[152] It-tifsira tal-kuluri hija mfissra wkoll waqt il-kontro-eżami tal-Perit Godwin Abela (fol.2746-2747).
[153] Intitolat «delle Collazioni e Divisioni di beni».
[154] ***Lezioni del Prof. Giovanni Caruana*** (Historic Maltese Legal Materials Series, Vol.I), paġni 379-380.

4.2.6.7. Id-dritt mogħti mill-artikolu 503 kien eżaminat f'bosta deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati b'mod li wieħed jista' jislet il-prinċipji u ċ-ċirkostanzi li fihom dak id-dritt jista' jiġi mogħti u eżerċitat.

4.2.6.8. Fl-ewwel lok, u b'mod prinċipali, jingħad espressament mil-liġi li d-dritt t'għażla taħt l-artikolu 503 jeżisti biss fejn ikun hemm proprjetà komuni oħra li wkoll trid tinqasam li tista' tiġi assenjata lill-komproprjetarji l-oħra f'sehem bejn wieħed u ieħor ugwali. Għalhekk jidher li l-liġi stess timponi bħala prinċipju renjanti li dan il-jedd t'għażla ma jistgħax jippreġudika lill-komproprjetarji l-oħra, u jeżisti biss sabiex jiġi salvagwardjat il-prinċipju tal-konsolidazzjoni tal-proprjetà, b'mod illi l-possibilità li fondi viċini jiġu konsolidati taħt sid wieħed kellu jingħata preċedenza, sakemm dik il-preċedenza ma twassalx biex il-komproprjetarji l-oħrajn ma jieħdux dak li huwa dritt tagħhom. Fejn allura l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ta' preferenza jwassal biex ikun hemm avarija bejn il-porzjonijiet li tista' biss tiġi rimedjata bil-ħlas ta' ekwiparazzjoni notevoli, din l-opzjoni ma tibqgħax disponibbli (***Angelina sive Lina Gauci vs. Joseph Borg et***, Appell Superjuri, 18/7/2014).

4.2.6.9. F'deċiżjoni antika mogħtija taħt l-imperu tal-Kodiċi de Rohan (meta allura kienet teżisti dispożizzjoni sostanzjalment simili għall-artikolu 503, kif rajna), ġie deċiż li dan id-dritt t'opzjoni huwa eżerċitabbli anki fejn il-viċinanza tqum b'konsegwenza t'assenjazzjoni li ssir f'ġudizzju ta' likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' ereditajiet diversi[155]. Din il-fehma però jidher li ġiet abbandunata f'deċiżjonijiet sussegwenti. Fid-deċiżjoni ***Gentiluomo Antonio Gatt Testaferrata vs. Notaro Ernesto Gatt Bonavita*** (Prim'Awla, 7/11/1870)[156] ġie osservat:

> Attesocchè avuto riguardo al vero e giusto senso dell'art. 199 dell'Ordinanza No. VII del 1868, risulta evidente che il diritto al convenuto, come già si è detto, competente di aver nella sua porzione dello asse paterno il luogo di case con giardino di Strada San Rocco, non gli somministra il diritto di avere

[155] ***Darmanin vs. Darmanin et noe*** (Prim'Awla, 10/9/1840). Pubblikata f'kollezzjoni anterjuri għall-kollezzjoni uffiċċjali, li bdiet tippubblika deċiżjonijiet mill-1854.
[156] Kollezz. Vol.V.400.

> altresi l'altro luogo di case di Strada Misida, benchè questo si dice e si ammette essere contiguo a quello. – I termini, in vero, del detto articolo contemplano il caso, in cui uno dei condividenti al tempo della divisione si trovasse possessore di beni immobili di loro natura, vicini ad alcuni degli immobili comuni che fossero per essere divisi, e non contemplano certo il caso in cui un condividente per volontà del defunto avesse dritto, come nella specie, di avere nella sua porzione un fondo dagli immobili comuni che siano per essere divisi.

4.2.6.10. L-istess fehma kienet murija fid-deċiżjoni ***Carmela Gatt vs. Antonio Portelli et*** (Prim'Awla, 1/10/1923)[157], fejn il-Qorti qalet hekk:

> Il diritto di ozione in una divisione principale basato sul possesso di un fondo derivante dalla medesima divisione venne negato da questa Corte in un caso analogo in cui al reclamante era stato pel testamento che formò il sostrato della divisione lasciato uno dei fondo ed egli pretendeva avere l'assegnazione del fondo limitrofo… Nè la posizione giuridica delle cose è diversa pel fatto che nel caso attuale trattasi di suddivisione e il fondo vicino è dal Portelli posseduto in forza dell'atto di divisione seguita precedentemente: poichè il ritardo nello effettuare la suddivisione è soltanto contingente, ed essa avrebbe potuto seguire concorrentemente con la divisione: e che in ogni evento è il titolo che serve di base ad amendue, la successione di Pietro Paolo Dimech, essendo risaputo che la divisione o la suddivisione non è trasferitiva ma soltanto dichiarativa di proprietà;
> Che il privilegio accordato del su citato articolo 199 deve applicarsi in modo ristrettivo; e non può estendersi a casi non chiaramente contemplati dalla legge

4.2.6.11. Deċiżjoni oħra t'interess hija dik fl-ismijiet ***Filippo Fenech nomine vs. Dr Paolo Luigi Vella et*** (Appell Superjuri, 29/1/1866)[158]. Hemmhekk il-Qorti tal-Appell eskludiet id-dritt t'opzjoni taħt l-artikolu 503 kif ġej:

[157] Kollezz. Vol.XXV.ii.419.
[158] Kollezz. Vol.III.508.

> Che per la legalità della detta assegnazione è necessario, che i beni rimasti di un valore eguale sieno anche della stessa natura dei beni dei quali si voglia l'assegnazione, perchè nelle divisioni, se è praticabile, i beni urbani, ed i migliori beni urbani non devono darsi all'uno, e lasciarsi all'altro i soli beni rustici, ed anche dei beni urbani, i quali sieno di un valore notabilmente inferiore a quello dei beni urbani dati all'altro condividente

4.2.6.12. Fl-istess sens hija d-deċiżjoni ***Joseph Peralta pro et noe vs. Kaptan Edward Peralta*** (Appell Superjuri, 18/3/1974)[159] fejn ġie osservat: «*Si tratta hawn ta' dritt li ultimament jistrieħ fuq il-bażi tal-konsolidazzjoni tal-proprietà bil-konsegwenti evitar ta' kwistjonijiet bejn sidien ta' propritajiet kontigwi. Dan il-kanoni ekonomiku però, kif intqal fis-sentenza riportata fil-Koll. Vol.XXXII.II.291, għandu dejjem jiġi subordinat għall-kanoni ta' ġustizzja li jirċievi espressjoni fl-aħħar parti u ċioè il-'proviso' tal-imsemmi art.540 tal-Kodiċi Ċivili*». F'dik il-kawża mbagħad il-Qorti għaddiet biex tiċħad id-dritt t'opzjoni minħabba skwilibriju "lampanti" fil-valur u **fin-natura** tal-beni li kien se jsegwi kieku dan il-jedd tħalla li jiġi eżerċitat.

4.2.6.13. Il-ġurisprudenza trattat ukoll pretensjonijiet taħt l-artikolu 503 magħmula minn persuna li jkollha sehem indiviż minn fond fuq is-sehem indiviż rimanenti li jkun parti minn eredità li tagħha qed tintalab id-diviżjoni. Fid-deċiżjoni ***Giuseppina Busuttil vs. Alfred Cachia Zammit*** (Appell Superjuri, 19/4/1943)[160], il-Qorti qieset hekk:

> Fuq in-nofs indiviż tad-dar Sda. S. Maria l-appellant qiegħed jitlob id-dritt ta' l-ozjoni in forza ta' l-art.199 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, u fuq il-prinċipju illi "ubi est ratio legis ibi est eadem ejus dispositio"; għax issottometta illi kif il-liġi qiegħda tagħti dak id-dritt hekk importanti fuq il-beni kontigwi, għar-raġuni akbar għandha tagħti dak id-dritt lil min ikollu kwota indiviża mill-istess post. Din id-dispożizzjoni ta' l-art.199 ġejja mill-Kodiċi Muniċipali tagħna fil-Lib.IV, Cap.III, par. VI, u għandha l-fundament tagħha ekonomiku għal konsolidazzjoni tal-proprjetà,

[159] Mhux pubblikata.
[160] Kollezz. Vol.XXXI.i.325.

> u biex ikunu evitati kwistjonijiet bejn il-viċini li għandhom proprjetà kontigwa. Huwa veru li dawn ir-raġunijiet jiswew ukoll, b'forza akbar, fil-każ illi wieħed mill-kondividenti jkun qiegħed jippossjedi kwota indiviża ta' post li huwa fil-qasma, u dan minn qabel miet id-decuius, iżda għall-applikabilità ta' dik id-dispożizzjoni hemm żewġ ostakoli ta' natura legali:- (1) Illi l-leġislatur kieku ried jagħti anki dak id-dritt hekk importanti lill-konsorti, kien ċertament jgħidu, speċjalment meta bl-Ord. IV ta' l-1864 kien jirrijordina l-materja kollha, u ma kienx sejjer iħalli dik id-dispożizzjoni fit-termini preċiżi li kienet fil-Codice De Rohan, mingħajr ma jagħmel dik l-estensjoni hekk importanti; (2) illi dan huwa dritt eċċezzjonali ħafna, u li qiegħed jidderoga għall-prinċipju ġenerali tas-sorteġġ tal-porzjonijiet minħabba l-ugwaljanza li għandu jkun hemm bejn il-partijiet; u għalhekk f'materja eċċezzjonali u odjuża ma tistax issir interpretazzjoni estensiva, għal fil-"jus singolare" "exceptiones sunt strictissimae interpretationis"

4.2.6.14. Din il-fehma jidher li però ġiet kapovolta sussegwentement fid-deċiżjoni ***Gio Maria Tonna et vs. Michele Chetcuti et*** (Appell Superjuri, 29/7/1970)[161], fejn ġie kkunsidrat hekk:

> Bir-rispett kollu, din il-Qorti, kif issa kostitwita, ma tħossx li tista' ssegwi din il-konklużjoni. F'dik is-sentenza ġie qabel xejn premess u aċċettat li d-disposizzjoni in kwistjoni għandha ir-"ratio" tagħha fil-konsolidazzjoni tal-proprjetà u li din ir-raġuni tiswa wkoll b'forza akbar fil-każ ta' kwota indiviża ta' fond li kwota indiviża oħra tiegħu tkun fil-qasma. Imma l-Qorti irravviżat ostakolu għall-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu tal-liġi għall-każ in ispeċje l-ewwel nett fl-argument illi l-leġislatur, kieku ried jagħti anki dak id-dritt hekk importanti lill-konsorti, kien ċertament jgħidu, speċjalment meta fl-Ordinanza IV tal-1864 kien qed jirriordina l-materja kollha, u ma kienx iħalli dik id-disposizzjoni fit-termini preċiżi kif kienet fil-Kodiċi De Rohan minn fejn ittieħdet. Bir-rispett, il-Qorti jidhrilha li dan kien ikollu valur kieku hu stabbilit li taħt il-Kodiċi De Rohan l-artikolu korrispondenti kien ġie kkunsidrat li ma japplikax għall-fattispeċie preżenti, u barra minn dan jekk id-

[161] Mhux pubblikata. Sfortunatament ma nstabitx wara tfittxija fl-arkivji, iżda l-bran riportat jinsab riprodott fil-pubblikazzjoni "L-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili – Vol.D" tal-Imħallef Emeritus Philip Sciberras, paġna 414-415.

> disposizzjoni tista' tiġi leġittimament interpretata bħala li tkopri din il-fattispeċie, il-fatt li l-leġislatur ma għamilx tibdil sostanzjali fiha ma jistax ikollu saħħa. F'dik is-sentenza l-Qorti irrilevat ukoll illi hawn si tratta ta' dritt eċċezzjonali ħafna, deroganti għall-prinċipju ġenerali tas-sorteġġ fid-diviżjonijiet, u li għalhekk mhux suxxettibbli ta' interpretazzjoni estensiva. Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjoni ta' dan il-pont, il-Qorti tixtieq ukoll bl-akbar rispett tesprimi l-ħsieb illi l-awturi taljani invokati f'dik is-sentenza in sostenn ta' argoment ieħor attinenti għall-isfond ġuridiku tal-kontenut tad-disposizzjoni in eżami ma tantx jistgħu ikunu ta' awżilju billi ma jidhirx illi fil-Kodiċi Taljan, anki anterjuri għall-preżenti, kien hemm disposizzjoni analoga. Konsidrata tant l-ittra kemm ir-"ratio" tal-liġi, l-Qorti jidhrilha, bir-rispett, li d-disposizzjoni in eżami, li titkellem fuq żewġ fondi viċini li l-liġi idealment qiegħda tikkonsidra bħala fond wieħed għall-effetti ta' din id-disposizzjoni, tapplika "a fortiori" għall-żewġ kwoti ideali "pro indiviso" li jagħmlu materjalment fond wieħed. Hawn il-prossimità astratta hi anki aktar stretta apparti li bla dubbju l-konsolidazzjoni avuta di mira mill-liġi hi anki aktar desiderabbli. Hawn non si tratta ta' integrazzjoni tan-norma, imma tad-determinazzjoni tal-effettiva realtà tal-kontenut tal-istess norma bi proċediment loġiku li hu l-presuppost neċessarju tad-determinazzjoni tal-ħsieb ispiratur tan-norma, li bilfors irid jippreċedi l-applikazzjoni tagħha għall-każ singolu. Dan ma jikkostitwix l-ampliament ta' norma singolari ossia ta' devjazzjoni mis-sistema.

4.2.6.15. Insibu wkoll li ġiet respinta pretensjoni għad-dritt t'għażla taħt eżami fejn il-komproprjetarju kellu biss pussess ta' fond komuni (ara f'dan is-sens ***Perito A. Guglielmo Castaldi ed altri vs. Canonico Decano Dr. Don Luigi Fernandez ed altri***, Prim'Awla, 23/5/1872)[162].

4.2.6.16. Esposti b'hekk il-prinċipji saljenti li jsawwru d-dritt preżentement taħt eżami, imiss issa li l-Qorti tqis id-diversi istanzi fejn dan ġie nvokat mill-atturi sabiex tiddeċiedi jekk dak id-dritt jeżistix jew le fit-termini tal-liġi. **Kemm-il darba l-Qorti ssib li dak id-dritt jeżisti fit-termini tal-liġi u għalhekk jista' jintalab mill-atturi, ma jkunx ifisser li dak id-dritt ikun qed jingħata b'din is-**

[162] Kollezz. Vol.VI.103.

**sentenza, għaliex ikun għad jonqos li jiġi determinat jekk bl-eżerċizzju ta' dak id-dritt ikunx qed jiġi rispettat il-prinċipju t'ugwaljanza mpost favur il-komproprjetarji l-oħrajn fl-artikolu 503. Ir-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza irid jinżamm kemm fir-rigward tal-valur tal-beni li se jiġu assenjati lill-komproprjetarji l-oħra, u kemm fir-rigward tan-natura ta' dawk il-beni. Din tal-aħħar tista' tiġi kkunsidrata f'dan l-istadju, filwaqt li dik tal-ewwel trid issir prevja l-perizja skont l-artikolu 501.**

4.2.6.17. Il-Qorti se tibda billi tgħid minnufih li d-dritt taħt l-artikolu 503 ma jistax jiġi nvokat fir-rigward ta' dawk il-beni viċini li m'humiex posseduti direttament mill-komproprjetarji, imma huma posseduti minn soċjetajiet. Il-liġi hija ċara meta tgħid li għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt t'għażla huwa neċessarju li **l-komproprjetarju jkollu beni viċini**. Il-ġurisprudenza diġà ċitata hija ukoll ċara meta tgħid li d-dritt mogħti taħt din id-dispożizzjoni huwa eċċezzjonali u b'hekk soġġett għal interpretazzjoni restrittiva. Dan ifisser li l-interpretazzjoni li l-Qorti għandha tagħti lill-artikolu 503 ma tistax tkun waħda li tinkludi fit-tifsira ta' "komproprjetarju" soċjetajiet li fihom il-komproprjetarju jista' jkollu xi azzjonijiet, waħdu jew ma' terzi.

4.2.6.18. B'din il-konklużjoni, il-Qorti għalhekk qed twarrab bosta mill-pretensjonijiet għad-drittijiet t'għażla vantati mill-atturi.

4.2.6.19. Min-naħa l-oħra, l-Qorti jidhrilha li d-dritt mogħti taħt l-artikolu 503 huwa applikabbli lill-utilista fil-konfront tad-dirett dominju, jew lid-direttarju fil-konfront tal-utili dominju. Tassew, jagħmel sens li jkun hekk għaliex l-assenjazzjoni b'dan il-mod twassal għall-konsolidazzjoni tal-istess jedd ta' proprjetà li jkun preċedentement frammentat. F'dan is-sens, din il-Qorti taqbel mal-fehmiet espressi fid-deċiżjoni ***Tonna vs. Chetcuti et*** (supra ċitata). Il-liġi kjarament tiffavorixxi l-assenjazzjoni li twassal għall-konsolidazzjoni tal-proprjetà, u l-Qorti diffiċilment tista' tipprospetta konsolidazzjoni aktar denja minn dik tad-dirett dominju mal-utili dominju (jew ta' ishma indiviżi fl-istess proprjetà). Dan il-favur mogħti mil-liġi huwa eskluż biss fejn dik l-assenjazzjoni tivvjola l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-komproprjetarji.

4.2.6.20. Għalhekk il-Qorti qed tqis li d-drittijiet t'opzjoni pretiżi abbażi tal-konsolidazzjoni ta' jeddijiet ta' dirett dominju mal-utili dominju huma kontemplati taħt l-artikolu 503, u għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati aktar 'il quddiem meta jitħejja l-pjan ta' qasma, u diment li tali assenjazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipju t'ugwaljanza.

4.2.6.21. Tqum però kwistjoni oħra issa, anki minħabba li ġie nieqes l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani fil-mori tal-kawża. Kif rajna, l-werrieta tiegħu huma wliedu l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani. Il-mistoqsija li tqum issa hija jekk id-dritt ta' preferenza konċepit fl-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili jistax jiġi eżerċitat b'mod konġunt minn grupp wieħed ta' komproprjetarji. Fi kliem ieħor, jistgħu l-atturi jippretendu assenjazzjoni ta' proprjetà partikolari in virtù tal-artikolu 503 bis-saħħa ta' proprjetà oħra li huma jkunu jippossjedu indiviżament bejniethom?

4.2.6.22. Il-Qorti hija tal-fehma li b'mod ġenerali, dan mhux possibbli. Huwa risaput illi d-diviżjoni hija l-mod kif tiġi terminata l-komunjoni, u l-komunjoni ma tiġix terminata jekk il-kondividenti, jew uħud minnhom, jibqgħu f'komunjoni bejniethom. Fil-fatt, waħda mir-regoli ġenerali li tirregola d-diviżjonijiet hija dik li tivvjeta d-diviżjoni parzjali – regola li dwarha l-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha. Filwaqt li ż-żewġ partijiet fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom qablu dwar l-applikazzjoni ta' din ir-regola, l-atturi ssottomettew li dik ir-regola ma tibqax applikabbli meta tkun diġà saret diviżjoni ta' parti mill-beni komuni, u jippruvaw isostnu dan l-argument b'riferenza għall-artikolu 514(4) tal-Kodiċi Ċivili, li jgħid hekk: «*Il-fatt waħdu li ma tinġiebx fil-qasma xi ħaġa li kienet fil-komunjoni jagħti biss lok għal qasma oħra b'żieda tal-ewwel qasma*».

4.2.6.23. Din il-Qorti iżda ma taqbilx li din id-dispożizzjoni tissuffraga l-ipoteżi vantata mill-atturi. Kull ma jgħid l-artikolu ċitat minnhom huwa li jekk tkun saret qasma iżda jifdal oġġetti komuni, trid issir qasma oħra b'żieda mal-ewwel waħda. Jekk ġid komuni jkun tħalla barra, ifisser li dan seħħ bil-kunsens ta' kull parti u dak il-kunsens jilleġittima d-diviżjoni parzjali li tkun saret. Il-ġid komuni li jifdal ukoll irid jinqasam, iżda dan ma jfissirx li dak il-ġid jista' jinqasam b'mod

parzjali mingħajr il-kunsens tal-interessati kollha. Argument simili għal dak tal-atturi kien sar fil-kawża ***Force Trading Limited et vs. Josephine Schembri et*** (Prim'Awla, 28/1/2016) – magħrufa sewwa lill-Imħallef sedenti li kien jippatroċinja lill-atturi sokkombenti – u l-Qorti kienet warrbitu wara li qieset li diviżjoni parzjali li tkun saret b'mod anteċedenti ma tnaqqas xejn mill-aspett ta' universalità fir-rigward tal-ġid komuni rimanenti, li b'hekk jibqa' soġġett għad-divjet fil-konfront ta' diviżjonijiet parzjali.

4.2.6.24. Jekk allura d-diviżjoni mitluba fil-kawża odjerna ma tistax tkun waħda parzjali (u diviżjoni li biha wħud mill-komproprjetarji jibqgħu in komunjoni bejniethom hi diviżjoni parzjali, kif deċiż fil-każ ***Giorgio Pulo vs. Francesco Pulo***[163]), għandu jsegwi li żewġ komproprjetarji li għandhom ġid bejniethom viċin ta' ġid ieħor fil-qasma ma jistgħux flimkien jinvokaw l-artikolu 503, għaliex l-assenjazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi ta' bilfors trid issir lilhom it-tnejn b'mod indiviż, u dan mhux konsentit mil-liġi.

4.2.6.25. Dan għalhekk ifisser li d-dritt mogħti mill-artikolu 503 lanqas ma jista' jiġi nvokat fejn il-ġid komuni li tiegħu jintalab l-assenjazzjoni jkun jinsab viċin ġid ieħor li jappartjeni lil uħud mill-komproprjetarji indiviżament. Dan il-prinċipju però jġarrab eċċezzjoni fejn l-indiviżjoni fil-proprjetà viċina tkun seħħet fil-mori tal-kawża minħabba l-mewt ta' wieħed mill-kondividenti. Fil-każ odjern, miet fil-mori l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani. Il-ġudizzju ġie trasfuż favur il-werrieta tiegħu, uliedu. Issa t-trasfużjoni tal-ġudizzju jwassal biex min jissubentra minflok il-parti l-mejta jirrappreżenta l-eredità tal-mejjet u b'hekk ma jassumix il-ġudizzju *de proprio* (ara f'dan is-sens ***Angela Magro et vs. Angelo Magro et***, Appell Superjuri, 22/10/2024). Li jfisser għalhekk li jekk l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kellu dritt taħt l-artikolu 503, dan ma jintilifx sempliċiment għax miet u l-werrieta tiegħu huma aktar minn persuna waħda.

[163] Prim'Awla, 1/2/1936, u ppubblikata fil-Vol.XXIX.II.940.

4.2.6.26. Kif diġà ingħad, apparti dawk il-pretensjonijiet li diġà ġew skartati mill-Qorti, l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kien qed jppretendi jedd t'assenjazzjoni bis-saħħa tal-artikolu 503 in bażi għas-segwenti:

i. l-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kien xtara biċċa art li tmiss mal-proprjetajiet ***TMV28(3)*** u ***TMV28(4)*** b'kuntratt magħmul min-Nutar George Bonello du Puis fl-20 t'April 1967[164];
ii. l-istess attur kien xtara wkoll biċċa art f'Ta' Xbiex li tmiss mal-proprjetà ***TMV20***, u dan permezz ta' kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Edward Flores fit-22 ta' Ġunju 2001[165].

4.2.6.27. Dwar il-proprjetajiet ***TMV28(3)*** u ***(4)*** li jmissu ma' Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid, jirriżulta li l-akkwist tal-proprjetà viċina sar minnu matul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi Monika Testaferrata Moroni Viani. F'dan il-każ però l-attriċi Monika Testaferrata Moroni Viani m'għandha ebda sehem mill-Palazzo Testaferrata li huwa wieħed mill-beni in diviżjoni. Dan ifisser li hija ma tistax tinvoka d-dritt taħt l-artikolu 503 għax m'hijiex "komproprjetarju" għal finijiet tal-liġi. Dak id-dritt għalhekk jista' jiġi nvokat biss mill-attur żewġha (illum mill-werrieta tiegħu li ssubentraw minfloku). Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani, bħala subentranti fil-kawża minflok Salvino Testaferrata Moroni Viani, jistgħu ivantaw talba taħt l-artikolu 503 fir-rigward tal-fond magħruf bħala Palazzo Testaferrata, dejjem sa fejn ikun jirriżulta li l-prinċipju t'ugwaljanza jista' jiġi rispettat fil-konfront tal-komproprjetarji l-oħrajn.

4.2.6.28. Iżda fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jsostnu li l-proprjetà in kwistjoni hija waħda li m'hemmx simili tagħha fil-proprjetà komuni, u dan se jwassal biex ma jiġix rispettat il-prinċipju t'ugwaljanza fir-rigward tan-natura tal-beni li se jmissu lill-komproprjetarji l-oħrajn. Mil-lista u mid-deskrizzjoni tal-beni fl-atti (u dwar id-deskrizzjoni *ut sic* ma hemmx xi differenzi notevoli bejn il-kontendenti), il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li huwa minnu li fil-

[164] Dok STMV02A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).
[165] Dok STMV03A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).

proprjetà komuni, ma hemmx proprjetà oħra ta' natura simili ta' dan il-fond sabiex tiġi nkluża fil-porzjonijiet li se jiġu assenjati lill-komproprjetarji l-oħrajn. Dan waħdu huwa biżżejjed sabiex jiġi eliminat id-dritt t'opzjoni taħt l-artikolu 503.

4.2.6.29. Jonqos biss il-pretensjoni tal-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani għall-assenjazzjoni ta' ***TMV20*** minħabba li huwa kellu proprjetà adjaċenti. Jgħidu tajjeb il-konvenuti li d-daqs tal-art komuni pretiża minn dan l-attur hija ferm u ferm akbar minn dik tal-art posseduta minnu viċin tagħha. Madanakollu ma jidhirx li l-liġi tipprekludi l-applikazzjoni tal-artikolu 503 skont id-daqs jew il-konfigurazzjoni tal-artijiet jew fondi konċernati. Il-Qorti però jidhrilha illi l-art ***TMV20***, li tinsab f'Ta' Xbiex, hija art fabrikabbli kbira ħafna, u l-assenjazzjoni tagħha b'mod intier favur komproprjetarju wieħed – huwa kemm huwa sehmu – se jwassal biex il-komproprjetarji l-oħrajn jieħdu għal sehmhom proprjetà ta' kwalità u kondizzjoni differenti minnha. Il-prinċipju t'ugwaljanza li għandu janima u jalimenta kull diviżjoni jeżiġi li l-proprjetajiet komuni jitqassmu bejn il-kondividenti b'mod u manjiera li kull wieħed minnhom ikollu, sa fejn possibbli, l-istess xorta ta' proprjetà; per eżempju, l-istess ammont jew kwantità ta' proprjetà rurali u tal-istess kwalità; kif ukoll l-istess kwantità u kwalità ta' proprjetà urbana. Il-Qorti jidhrilha li huwa evidenti li bl-assenjazzjoni ta' ***TMV20*** lill-komproprjetarju wieħed, dan il-prinċipju t'ugwaljanza se jiġi vjolat. Dan *multo magis* meta din il-proprjetà partikolari tista' tinqasam f'diversi porzjonijiet diviżi li jistgħu jiġu distribwiti bejn il-komproprjetarji b'rispett akbar lejn il-prinċipju t'ugwaljanza. L-oġġezzjoni tal-atturi li dan iwassal biss għall-ħolqien ta' servitujiet ma twarrabx il-benefiċċju tad-diviżjoni f'porzjonijiet ta' din il-proprjetà – wara kollox, il-ħolqien ta' toroq viċinali bħala kondizzjoni għall-iżvilupp tal-istess proprjetà hija kondizzjoni li se tiġi mposta f'kull każ fuq din il-proprjetà, u dawn l-istess servitujiet ma jidhirx li għandhom ikunu tali li joħolqu xi diskapitu jew inkonvenjenzi kbar.

4.2.6.30. L-atturi wlied Mario Testaferrata Moroni Viani ukoll isostnu li għandhom dritt ta' preferenza fuq ***TMV22*** (proprjetà oħra f'Ta' Xbiex) billi ma' dik il-proprjetà jmissu (a) proprjetà li kienet akkwistata minn missierhom Mario b'kuntratt tas-

26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[166], u li fuqha nbniet id-dar fejn toqgħod ommhom[167]; u (b) proprjetà oħra li wkoll kienet inkisbet b'kuntratt tas-26 ta' Ottubru 1985 fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis[168] mill-attriċi Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit, u li fuqha nbniet id-dar fejn toqgħod l-istess attriċi[169].

4.2.6.31. Fil-każ tal-proprjetà msemmija fl-ittra (a), tqum l-istess problema ġjà msemmija, fis-sens li dik il-proprjetà tappartjeni lit-tliet atturi indiviżament filwaqt li d-dritt imsemmi fl-artikolu 503 ma jistax jiġi invokat minn grupp ta' komproprjetarji indiviżament bejniethom jekk mhux bil-kunsens tal-interessati kollha, għaliex dan iwassal biss għal diviżjoni parzjali. Dwar il-proprjetà msemmija fl-ittra (b), il-Qorti tirrileva li d-dritt mogħti taħt l-artikolu 503 hawnhekk jista' biss jiġi nvokat mill-attriċi Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit, ad esklużjoni tal-atturi l-oħrajn, kompriżi ħutha. Dan iwassal biex din l-attriċi tiġi assenjata proprjetà ad esklużjoni tal-komproprjetarji l-oħra u bi ksur tal-prinċipju t'ugwaljanza. Anki hawnhekk huma applikabbli l-konsiderazzjonijiet diġà magħmula mill-Qorti *supra*, u a skans ta' ripetizzjoni ssir riferenza għalihom mill-ġdid.

4.2.6.32. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tikkonkludi li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u tal-fondi nvoluti, id-dritt t'opzjoni taħt l-artikolu 503 jista' jiġi nvokat biss sa fejn iwassal għall-konsolidazzjoni tal-jeddijiet ta' l-utili dominju mad-dirett dominju, u dan dejjem soġġett għall-kondizzjoni li tali assenjazzjoni tirrispetta l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-komproprjetarji kemm għal dak li jirrigwarda l-valur u kemm għal dak li jirrigwarda n-natura tal-beni komuni.

### *4.2.7. Dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legati*

4.2.7.1. Imiss issa li l-Qorti tqis it-talbiet tal-atturi għall-immissjoni fil-pussess tal-legati mħollija lilhom minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

[166] Ara Dok PPTMV01A.
[167] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.
[168] Ara Dok PPTMV02A.
[169] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Peter Paul Testaferrata Moroni Viani.

4.2.7.2. Diġà ngħad li dwar dan l-aspett tal-kawża, saru u ġew deċiżi żewġ kawżi magħmula mill-konvenuti dwar jekk ġid partikolari kellux jitqies kompriż f'dan il-legat, u dwar il-mod li dan il-legat kellu jiġi interpretat.

4.2.7.3. Din il-Qorti diġà osservat aktar kmieni f'din is-sentenza, u ċjoè meta laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat mogħtija mill-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Moroni Viani, li d-deċiżjoni tagħha f'din il-kawża ma tistax tkun kuntrarja għal dak deċiż fiż-żewġ kawżi l-oħrajn. Għall-istess raġuni, sottomissjonijiet u deduzzjonijiet magħmula mill-kontendenti li jmorru kontra l-kontenut tal-ġudikati msemmija se jiġu skartati għalhekk biss.

4.2.7.4. Dan jgħodd mhux biss għal dak deċiż fil-kawża bin-numru 942/2011 AE (li fuqha kienet mibnija l-eċċezzjoni tal-imsemmija konvenuta), imma anki għal dak deċiż fil-kawża bin-numru 1335/2010 MCH, li fiha kienu parteċipi l-istess kontendenti odjerni fl-interità tagħhom. Din l-aħħar kawża msemmija, effettivament, tirrigwarda l-interpretazzjoni ġenerali li għandha tingħata lill-legati mħollija lill-atturi.

4.2.7.5. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru 2016, irraġunat hekk:

> 10. Huwa ovvju, fil-fehma tal-qorti, illi meta t-testatriċi ħalliet b'legat "*her ... share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani*" ma kinitx qiegħda tħalli b'legat il-primoġenitura nfisha (kemm għax primoġenitura, min-natura stess tagħha, ma titħalliex b'legat u kemm għax meta sar it-testment il-primoġenituri kienu soppressi) iżda l-beni li kienu mdaħħla fil-primoġenitura. Il-"primoġenitura" għalhekk hija biss mod kif it-testatriċi tiddeskrivi l-beni illi riedet tħalli lil-legatarji. Il-kwistjoni għalhekk essenzjalment, aktar milli l-istatus legali tal-proprjetà, hija x'riedet tifhem l-attriċi bil-beni tal-primoġenitura jew liema beni kienu, fil-fehma tat-testatriċi, imdaħħla fil-primoġenitura.

> …
>
> Fil-fehma tal-qorti għalhekk, aktar milli jekk l-att tal-1995 qegħedx lill-partijiet fl-*istatus quo ante* jew kienx akkwist ġdid, li hu relevanti hu jekk it-Testatriċi qisitx l-Art tal-Mosta bħala waħda mill-proprjetajiet li f'xi żmien kienet imdaħħla fil-primoġenitura.
>
> 20. Għar-raġunijiet mogħtija fil-konsiderazzjonijiet dwar l-appell tal-attriċi, huwa evidenti għal din il-qorti illi t-Testatriċi baqgħet tqis il-proprjetajiet li f'xi żmien – ukoll previously – kienu mdaħħla fil-primoġenitura bħala *quid unum* u li għalhekk kellhom jibqgħu jintirtu flimkien ukoll jekk mhux mill-ewwel wild. Il-qorti għalhekk tifhem illi r-rieda tal-attriċi kienet illi anke l-Art tal-Mosta tintlaqat bil-legat.

4.2.7.6. B'din is-sentenza għalhekk il-Qorti tal-Appell fehmet li l-legati in kwistjoni kellhom jiġu mfissrin b'riferenza lejn dak li t-testatriċi kienet tifhem li kien jifforma parti minn dik il-primoġenitura, aktar milli b'riferenza lejn dak li legalment kien tassew jifforma parti minnha.

4.2.7.7. Din id-deċiżjoni wasslet biex l-atturi jirrikunsidraw il-pretensjonijiet tagħhom dwar l-estensjoni tal-legati mħollija lilhom, billi bdew isostnu – lil'hinn minn dak li huma pretendew fil-bidu tal-kawża – li l-legati in kwistjoni ma kienux limitati għal dak il-ġid li kien effettivament parti mill-primoġenituri, imma kien ukoll jikkomprendi ġid li t-testatriċi qieset jew fehmet li f'xi żmien kien parti mill-istess primoġenitura. Huma sostnew din il-pretensjoni minkejja li fis-seba' premessa tar-rikors ġuramentat tagħhom, l-atturi sostnew hekk:

> Illi b'hekk r-rikorrenti Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani għandhom biss interess fil-proprjetajiet provvenjenti mill-imsemmija primoġenitura u m'għandhomx proprjetà oħra in komunjoni mal-partijiet l-oħra.

4.2.7.8. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jsostnu li din il-premessa fir-rikors ġuramentat tagħhom mhux ta' xkiel għad-deduzzjoni tal-pretensjoni l-ġdida tagħhom, u sostnew li t-talbiet minnhom dedotti huma wiesa' biżżejjed, speċjalment bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ekwipollenza.

4.2.7.9. Bil-prinċipju tal-ekwipollenza, il-Qorti tista' f'ċertu ċirkostanzi tħares lil'hinn minn dak li ġie espressament premess fl-att promotur tal-kawża u tgħaddi biex tiddetermina l-kwistjoni li jkollha quddiemha anki fejn jirriżultawlha fatti differenti minn dawk oriġinarjament premessi (ara, per eżempju, ***Emmanuele Camilleri vs. Giovanni Abdilla***, Prim'Awla, 26/10/1935)[170].

4.2.7.10. Eżaminati mill-ġdid dawn it-talbiet, il-Qorti tinnota li t-tielet talba magħmula fir-rikors maħluf (li hija t-talba li tirreferi espressament għall-eredità ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani), ġiet hekk dedotta bħala parti mit-tieni talba, li biha l-Qorti intalbet: «*Tiddetermina s-sehem ta' kull komproprjetarju fil-proprjetajiet hekk identifikati; inkluż,*» u mbagħad issegwi t-tielet talba. Mill-mod kif inhuma fformulati dawn it-talbiet, il-Qorti tqis li hija għandha mhux biss is-setgħa imma anki d-dover li tiddetermina l-kwoti tal-kontendenti fil-ġid komuni *iuxta allegata et probata* u lil'hinn minn dak effettivament pretiż (ara, per eżempju, ***Wintrade Limited vs. Aparthotels Limited et***, Appell Superjuri, 30/11/2022).

4.2.7.11. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuti ma jikkontestawx din il-fakultà tal-Qorti, għalkemm jikkritikaw bl-aħrax il-fatt li l-atturi biddlu l-pretensjonijiet tagħhom fil-kors tal-kawża abbażi ta' sentenza f'kawża li huma sostnew li saret għalxejn.

4.2.7.12. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti sejra teżamina dawn il-pretensjonijiet u se tkun qed tiddeċiedi dwarhom. Fil-konsiderazzjonijiet li sejra tagħmel, din il-Qorti se tkun qed taderixxi ruħha ma' dak deċiż fil-kawżi bin-numri 1335/2010 MCH u 942/2011 AE, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-prinċipju ewlieni f'materja ta' nterpretazzjoni ta' legati huwa dak imfisser fid-deċiżjoni ***Ribault vs. Banc. Scicluna*** (Prim'Awla, 5/6/1895)[171]: «*...per regola generale, quando si tratta di fissare la quantità del legato in caso d'incertezza, si deve decidere per l'erede diversamente dal caso in cui si tratta di escludere od ammettere il legato*» (ara wkoll ***Giovanna Carabott vs. Generoso Carabott et***, Prim'Awla,

[170] Kollezz. Vol.XXIX.ii.698.
[171] Kollezz. Vol.XV.161. Għall-kompletezza, jingħad li din id-deċiżjoni kienet ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell (viz. Kollezz.XVI.14), anki jekk għal raġunijiet li ma jinċidux fuq is-siwi tal-prinċipju ċitat.

29/11/1947)[172], liema regola ġġarrab eċċezzjonijiet li però ma jgħoddux għall-każ odjern.

4.2.7.13. Jingħad minnufih li ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-legat jinkludi dak il-ġid li l-atturi indikaw bħala provenjenti mill-ġid primoġenjali. Fix-xiehda mogħtija mill-attur Martin Testaferrata Moroni Viani permezz tal-affidavit[173], ġie spjegat illi skont l-atturi, l-beni provenjenti mill-primoġenituri huma dawk li fir-rapport tal-Perit Godwin Abela huma elenkati bħala ***TMV01, TMV02, TMV03, TMV04, TMV05, TMV06, TMV07, TMV08, TMV09, TMV10 subportion TMV11.1*** (biss) u ***TMV12.1*** (biss), ***TMV13, TMV14, TMV15, TMV16, TMV17, subportion TMV18.1*** (biss), ***TMV19, TMV20, TMV21, TMV22, TMV23, TMV24, TMV25, TMV26, TMV27(A), TMV27(B)***[174]***, TMV28(1)*** (biss), ***TMV29*** (kompriża l-konsolidazzjoni tal-utili mad-dirett dominju)[175], ***TMV35, TMV36, TMV38*** (kompost minn TMV38(1) sa TMV38(255) inklussivament[176]), ***TMV39*** (kompost minn TMV39(1) sa TMV39(69) inklussivament)[177]. Din ix-xiehda u l-provi preżentati mill-atturi b'korraborazzjoni tagħha, ma ġietx kontestata mill-konvenuti.

4.2.7.14. Il-Qorti għalhekk tqis li l-legati mħollija minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jinkludu dan il-ġid, billi kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appell, ix-xewqa tat-testatriċi kienet li dawn l-assi «*...kellhom jibqgħu jintirtu flimkien ukoll jekk mhux mill-ewwel wild*».

4.2.7.15. Nibdew issa biex inqisu l-pretensjonijiet tal-atturi li l-legati jinkludu wkoll ġid ieħor. Pretensjoni li trid tiġi kkunsidrata minn din il-Qorti fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża bin-numru 1335/2010 MCH dwar l-intenzjoni tat-testatriċi, u ċjoè li «*l-intenzjoni tal-attriċi* (sic: testatriċi) *kienet li l-legat kellu jolqot il-proprjetà li kienet fi żmien imdaħħla fil-primoġenitura*».

[172] Kollezz. Vol.XXXIII.ii.142.
[173] Ara minn fol.1691 'il quddiem.
[174] Din hija l-proprjetà magħrufa bħala "tal-Blata l-Għolja" fil-Mosta, li dwarha hemm deċiżjoni fil-kawża bin-numru 1335/2010 MCH li din hija nkluża fil-legati.
[175] Din hija l-proprjetà "Bendigo" f'Ta' Xbiex, li dwarha hemm deċiżjoni fil-kawża bin-numru 1335/2010 MCH li din hija nkluża fil-legati.
[176] Dawn huma drittijiet ta' dirett dominju.
[177] Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit tal-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani.

*Il-Proprjetà aġġunta għal Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid*

4.2.7.16. B'riferenza għall-proprjetà indikata bħala ***TMV28.1***, li huwa l-fond magħruf bħala Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid, l-atturi jistqarru li hemm distinzjoni bejn il-palazz innifsu (riferut bħala *Gran Casamento con suo Giardino grande e quadro*) u l-proprjetajiet kontigwi (elenkati bħala ***subportion TMV28(2), subportion TMV28(3)*** u ***subportion TMV28(4)***), billi dak tal-ewwel għandu provenjenza mill-primoġenituri, filwaqt li dawk tal-aħħar kienu nkisbu minn Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani u nkorporati minnu mal-proprjetà primoġenjali.

4.2.7.17. Dwar il-proprjetà elenkata bħala ***TMV28(2)***, l-atturi jgħidu li din hi dar jew uffiċċju sitwat fi Triq Sant'Ubaldeska f'Raħal Ġdid, u li ilha żmien twil inkorporata mal-Palazzo Testaferrata, li hija proprjetà primoġenjali. Din il-proprjetà kienet inkisbet in kwantu għas-sehem ta' seba' ottavi ($^7/_8$) b'irkupru magħmul mill-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li ġie ratifikat b'kuntratt tas-26 ta' Mejju 1945 fl-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier[178], u in kwantu għar-rimanenti ottava parti ndiviża, b'kuntratt ieħor magħmul quddiem l-istess imsemmi Nutar fid-29 ta' Settembru 1945[179].

4.2.7.18. Il-proprjetà indikata bħala ***TMV28(3)*** hi miżmuma b'titolu ta' enfitewsi temporanja u tikkonsisti minn żewġ garaxxijiet bin-numri 21 u 23 fi Triq Valletta f'Raħal Ġdid. L-atturi jgħidu li anki din il-proprjetà ilha żmien twil inkorporata mal-Palazzo Testaferrata[180], u kienet inkisbet minn Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani b'kuntratt tas-6 t'Ottubru 1930 fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier[181].

---

[178] Kopja eżebita bħala Dok MT 032(a), u miżmuma barra mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numerata erbgħa minn erbgħa).
[179] Dok MT 032(c).
[180] Ara fol.1726.
[181] Dok MT 033(a). F'dan il-kuntratt jingħad li t-terminu enfitewtiku kien ta' mija tlieta u tmenin sena li bdew fis-26 ta' Lulju 1905.

4.2.7.19. Anki l-proprjetà elenkata bħala ***TMV28(4)*** hija miżmuma b'titolu ta' enfitewsi temporanja u tikkonsisti mill-garaxx numru 19 fl-istess Triq Valletta f'Raħal Ġdid. L-atturi wkoll jgħidu li din il-proprjetà hija mgħaqqda minn żmien ilu mal-Palazz. Din il-proprjetà nkisbet b'kuntratt tat-28 t'Awwissu 1942 fl-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier[182], kif korrett[183] b'kuntratt ieħor tas-27 ta' Lulju 1946[184].

4.2.7.20. L-attur Salvino Testaferrata Moroni Viani kien kiseb id-dirett dominju temporanju fuq dawn il-proprjetajiet (viz. ***TMV 28(3)*** u ***TMV28(4)***) b'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis fit-2 ta' Lulju 1974[185].

4.2.7.21. L-atturi jsostnu, b'riferenza għar-raġunament addottat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawża bin-numru 1335/2010, li din il-proprjetà kienet kumplessivament ikkonsidrata minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani bħala waħda u għalhekk kull sehem li hija kellha minn dawn il-proprjetajiet – irrispettivament mill-provenjenza tiegħu – għandu jitqies kompriż fil-legat imħolli lil Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani[186].

4.2.7.22. Il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni mogħtija mill-atturi. Dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell kien li l-legati in kwistjoni jinkludu wkoll ġid li xi darba kien imdaħħal fil-primoġenitura iżda li għal xi raġuni seta' ma baqax. Sabiex l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell issostni dawn il-pretensjonijiet tal-atturi, għandu qabel xejn jirriżulta li l-ġid in kwistjoni kien f'xi żmien imdaħħal fil-primoġenitura. Dan però ma kienx il-każ hawnhekk.

4.2.7.23. Il-ġid akkwistat minn Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani qatt ma kien parti mill-ġid primoġenjali, u għalhekk ma jistax jitqies bl-istess mod kif ġie kkunsidrat il-ġid mertu tal-kawża bin-numru 1335/2010 MCH. Ma tressqux provi fl-atti li juru li meta sar it-testment minn Beatrice Testaferrata Moroni

---

[182] Dok MT 034(a).
[183] Il-korrezzjoni kienet tirrigwarda r-rata taċ-ċens.
[184] Dok MT 034(c).
[185] Eżebit bħala Dok STMV01A (u miżmum barra mill-atti proċesswali ġewwa folder kustodit fis-sigrieta tal-Qorti).
[186] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1705.

Viani, din kienet qed taġixxi taħt l-impressjoni attribwita lilha mill-atturi, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tippreżumiha. Wara kollox, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-fatt li r-rieda tat-testatriċi kienet li l-laxxitu magħmul minnha favur l-atturi jkun ċirkoskritt għall-primoġenituri – din hija limitazzjoni li t-testatriċi mponiet minn jeddha. Il-Qorti jidhrilha li jekk fil-legat jiġu nklużi beni li qatt ma ffurmaw parti mill-primoġenituri, il-konsegwenza se tkun li tiġi vjolata l-limitazzjoni mposta mit-testatriċi, u l-interpretazzjoni tat-testmenti għandha dejjem issir konformement mar-rieda tat-testatur : «*...sabiex tiġi interpretata tajjeb id-dispożizzjoni testamentarja, l-interpretu jrid jippenetra l-intenzjoni leġittima tat-testatur, li hija l-liġi li tirregolaha*»[187].

4.2.7.24. Din il-konklużjoni tal-Qorti hija ulterjorment fortifikata mill-fatt li t-testatriċi, fil-legat imħolli partikolarment lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani tirreferi għall-fond Palazza Testaferrata bħala «*the house*» u tgħid ukoll «*which house forms part of one of the said primogenitures*». Kliem dan li jsostni l-interpretazzjoni offruta mill-konvenuti li t-testatriċi ma kinitx qed tinkorpora f'dan il-legat il-proprjetà l-oħra kif qed jippretendu l-atturi.

*46 (qabel 40), Triq Coleridge, Gżira – TMV30*

4.2.7.25. Dwar il-proprjetà ***TMV30***, l-attur Martin Testaferrata Moroni Viani xehed li meta Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani xtara din il-proprjetà, din kienet soġġetta għal ċens li kien parti mill-*primogenituri***.** Dan ix-xiri sar b'kuntratt riċevut min-Nutar Giorgio Borg Olivier fl-20 ta' Mejju 1940[188], u fih fil-fatt jingħad li ċ-ċens perpetwu dovut fuq il-proprjetà msemmija[189] kien pagabbli lill-istess Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. L-imsemmi attur xehed ukoll li din il-proprjetà dejjem kienet ikkunsidrata fir-rendikonti tal-amministrazzjoni

[187] ***Marianna Micallef vs. Giuseppe Zammit et*** (Appell Superjuri, 12/11/1951 – Kollezz. Vol.XXXV.i.190).
[188] Eżebita bħala Dok MT014(a), u miżmuma separatament mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).
[189] U li kien kostitwit permezz ta' kuntratt magħmul fit-28 ta' Novembru 1925 fl-atti tan-Nutar Salvatore Borg Olivier – kopja eżebita bħala Dok MT015(a), u miżmuma separatament mill-atti proċesswali (fil-kaxxa numru tlieta minn erbgħa).

bħala proprjetà ordinarja (i.e. mhux primoġenjali), iżda din għandha tiġi riklassifikata[190].

4.2.7.26. Dan mhux kontestat mill-konvenuti[191], minħabba s-somiljanza tal-fatti fuq imsemmija ma' dawk deċiżi fil-kawża bin-numru 1335/2010 MCH rigwardanti l-proprjetà "Bendigo".

4.2.7.27. Il-Qorti għalhekk tikkonkludi li din il-proprjetà hija wkoll inkluża fil-legat.

*L-oqbra – TMV31 u TMV32*

4.2.7.28. L-atturi jgħidu li l-oqbra elenkati bħala ***TMV31*** u ***TMV32*** ġew dejjem ikkunsidrati bħala attiv primoġenjali. L-oqbra msemmija jidher li ġew akkwistati b'kuntratt magħmul fl-1 t'Ottubru 1869 fl-atti tan-Nutar Francesco Saverio Camilleri (Dok MT 030(a)) u b'kuntratt ieħor magħmul fit-18 ta' Diċembru 1873 fl-atti tal-istess Nutar (Dok MT 031(a)).

4.2.7.29. Dan però huwa kontestat mill-konvenuti, li jopponu li dawn l-oqbra għandhom jitqiesu parti mill-ġid primoġenjali.

4.2.7.30. Għall-istess raġunijiet imfissra aktar qabel, il-Qorti wkoll qed tasal għall-konklużjoni li dan il-ġid ma kienx inkluż fil-legat. Kif ingħad, il-Qorti tal-Appell ma qisitx illi fil-legat għandhom jiġu nklużi beni li setgħu ġew ikkunsidrati provenjenti mill-primoġenitura (u din il-Qorti għandha dubji serji kemm dan il-ġid seta' jitqies mit-testatriċi bħala parti mill-primoġenitura meta min kien qed jamministra ma kellux lanqas din l-impressjoni), imma biss dawk il-beni li kienu ("previously") parti mill-primoġenitura u li l-kwistjoni dwar jekk irrivertux lura fiha jew le kienet waħda legali li ma setgħetx raġjonevolment titqies li kienet qed tinċidi fuq il-*forma mentis* tat-testatriċi fil-mument li t-testment tagħha kien qed jiġi konfezzjonat.

[190] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1707.
[191] Ara fol.3418.

*Porzjoni ta' 75.30 metri kwadri kontigwa ma' art akbar f'Ta' Xbiex – TMV 18.2*

4.2.7.31. L-atturi jgħidu li din il-proprjetà ġiet akkwistata fil-kwoti ta' ħames ottavi favur Salvino u r-rimanenti tliet ottavi favur ħutu b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli tat-8 ta' Novembru 1989[192]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jargumentaw illi din il-proprjetà, anki jekk mhux teknikament provenjenti mill-primoġenitura, għandha titqies kompriża fil-legati in meritu.

4.2.7.32. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti lanqas ma jikkontestaw din il-pretensjoni tal-atturi[193], u jikkonċedu li anki fil-każ ta' ***TMV18.2*** jista' japplika r-raġunament mogħti mill-Qorti tal-Appell fil-każ ta' ***TMV18.1***.

4.2.7.33. Minkejja din in-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-konvenuti, din il-Qorti ma jidhrilix li tista' tapplika dan ir-raġunament, senjatament meta l-proprjetà in kwistjoni (***TMV18.2***) ġiet akkwistata mit-testatriċi u minn ħutha (anki jekk bl-opera ta' mandatarju) direttament. Kif qatt setgħet it-testatriċi taħseb li din hi proprjetà primoġenjali meta nxtrat matul ħajjitha minnha stess? Tassew li din inkisbet fl-istess ishma li fihom iddevolvew il-primoġenituri aktar kmieni eżaminati. Dan però mhux biżżejjed biex iwassal lill-Qorti tifhem li l-intenzjoni tat-testatriċi, hekk ċirkoskritta għall-"primoġenituri", tiġi mfissra b'mod u manjiera li tinkludi beni li hija ma setgħetx ħlief tkun taf li ma kienux primoġenjali.

4.2.7.34. Għalhekk din il-porzjoni mhux qed titqies li tifforma parti mil-legati.

*Artijiet kontigwi fil-Gżira – TMV11 u TMV12*

4.2.7.35. L-atturi jaċċettaw li ***subportion TMV 11.2, subportion TMV12.2*** u ***subportion TMV12.3*** ma humiex parti mill-primoġenituri[194], u jagħmlu sottomissjonijiet simili ħafna għal dawk li saru fir-rigward ta' ***TMV18.2*** biex isostnu li minkejja dan, l-imsemmi ġid għandu jitqies li jifforma parti mil-legati.

---

[192] Dok MT 037(a).
[193] Ara fol.3418.
[194] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1705-1706.

4.2.7.36. Fil-fatt ***subportion TMV11.2, subportion TMV12.2*** u ***subportion TMV12.3*** ġew akkwistati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar George Bonello du Puis tad-29 ta' Settembru 1986[195] bi tpartit u fil-kwoti ta' ħames ottavi favur Salvino u r-rimanenti tliet ottavi favur ħutu.

4.2.7.37. Din id-darba l-konvenuti jikkontestaw il-pretensjoni tal-atturi.

4.2.7.38. Għall-istess raġunijiet mogħtija mill-Qorti fir-rigward tal-proprjetà ***TMV18.2***, din il-pretensjoni tal-atturi qed tiġi riġettata wkoll.

*Il-Palazzo Testaferrata f'Raħal Ġdid – TMV28(1)*

4.2.7.39. Jifdal biss li jiġi kkunsidrat l-effett tal-legat addizzjonali magħmul mit-testatriċi favur l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata, liema legat addizzjonali jaqra hekk:

> The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eighth (1/8$^{th}$.) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures

4.2.7.40. It-tifsira ta' dan il-legat kien jifforma l-meritu tal-kawża bin-numru 942/2011 AE, li fiha din il-Qorti kif diversament presjeduta rraġunat hekk:

> Il-kliem "specifically includes in the said legacy", ifissru li s-sehem indiviz ta' 1/8 ta' Palazzo Testaferrata ghandu jkun parti mill-legat ta' terz (1/3) mis-sehem ta' parti minn tmienja (1/8) tal-primogenituri. Ghalhekk is-sehem ta' 1/8 li t-testatrici kellha fil-fond Palazzo Testaferrata thalla lill-ahwa Testaferrata Moroni Viani bhala akkont tas-sehem taghhom ta' terz (1/3) ta' parti minn tmienja (1/8) mill-primogenituri. Dan il-paragrafu ma jistax jiftiehem mod iehor.

[195] Dok MT 036.

4.2.7.41. Dak li ġie deċiż allura huwa li l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani għandhom b'legat is-sehem sħiħ li t-testatriċi kellha fil-Palazz Testaferrata ta' ottava parti ($^1/_8$). Dan però mhux b'żieda mal-legat ġenerali ta' terz ($^1/_3$) minn dik l-ottava parti li hija kellha mill-beni li hi sejħet "primoġenjali", imma **akkont** ta' dak l-istess sehem. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, dan ifisser illi dik il-parti mil-legat rigwardanti Palazzo Testaferrata li jmur lil'hinn mis-sehem ta' terz minn ottava parti (u ċjoè żewġ terzi tal-ottava parti mill-istess Palazz) ma kienx qed jiġi mħolli lilhom bħala legat pur u sempliċi imma kellu jitqies akkont ta' sehmhom mill-istess legat, li jista' jfisser biss li dak is-sehem addizzjonali jrid jitnaqqas mill-bqija tal-legat.

4.2.7.42. Din hija l-konsegwenza li ssegwi d-deċiżjoni tad-19 ta' Diċembru 2012, li ma ġiet appellata minn ħadd.

4.2.7.43. It-testatriċi għalhekk riedet li l-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani ikollhom b'legat terz minn ottava parti tal-beni li kienu tagħha u li hi ddeskriviet bħala primoġenjali. Però t-testatriċi rabtet ukoll lill-werrieta tagħha (ċjoè lill-konvenuti) sabiex bħala parti mill-ħlas ta' dan il-legat, u akkont ta' sehem l-atturi, huma jgħaddu lill-istess atturi l-ottava parti sħiħa li hi kellha fl-imsemmi Palazz.

4.2.7.44. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-legat għalhekk huwa wieħed ta' ħaġa indeterminata, li għall-ħlas u għat-twettiq tiegħu huwa neċessarju l-eżerċizzju t'għażla. La darba l-ottav sħiħ minn Palazzo Testaferrata għandu jingħata lill-atturi msemmija akkont ta' sehmhom, ifisser li sehmhom mill-ġid l-ieħor imħolli lilhom mit-testatriċi irid jonqos biex jagħmel tajjeb għal din l-ottava parti sħiħa li ngħatat lilhom.

> Ma che, se il legato ha per oggetto una cosa di genere indeterminato, ovvero da prendersi fra più cose esistenti in un determinato luogo? In questo caso la consegna non potrà farsi che in seguito a scelta e quindi l'interesse di vedere a chi questa competa.[196]

[196] ***Vitali,*** Il Diritto Civile Italiano: Delle Successioni Legittime e Testamentarie (Napoli, 1893), Vol.II, §1737.

4.2.7.45. Ukoll, fi kliem ***Ricci***: «*Il legato di cose indeterminate, comprese in un dato genere, in qual modo dovrà soddisfarsi, ovvero chi dovrà scegliere tra le diverse cose comprese nel genere legato? ... Se il testatore nulla abbia disposto, la scelta appartiene allo erede che è debitore*»[197]. Il-legat favur l-imsemmija atturi wkoll huwa wieħed indeterminat (salv għall-ottav sħiħ fil-Palazz li hi l-uniku parti determinata minnu), u għalhekk la darba t-testatriċi ma rriservatx il-jedd tal-għażla lill-legatarji, isegwi li din tmiss lill-konvenuti eredi. F'dan il-każ l-għażla li trid issir hija dwar liema beni mill-ġid li t-testatriċi ddeskriviet bħala primoġenjali għandu jibqa' kompriż fil-legat lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani u liema għandu jitqies eskluż sabiex jagħmel tajjeb għall-fatt li huma ħadu l-ottav sħiħ tal-Palazz. Jgħodd għall-każ għalhekk l-artikolu 722(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li:

> Jekk il-ħaġa mħollija legat ma tkunx determinata, imma tkun taqa' taħt xi ġens jew xi speċi ta' ħwejjeġ, il-jedd tal-għażla jmiss lill-werriet, illi mhux obbligat jagħti ħaġa tal-aħjar kwalità, iżda lanqas ma jista' joffriha tal-agħar kwalità.

4.2.7.46. Għażla din però li l-konvenuti, bħala werrieta, għad iridu jagħmlu wara li jiġi stabbilit il-valur tal-legat imħolli lill-istess atturi (ċjoè t-terz tal-ottav) kif ukoll iż-żewġ terzi tal-ottav tal-Palazz li l-attur se jkunu qed jirċievu akkont ta' sehmhom mill-legat. U tant sabiex jiġu evitati tilwimiet ġodda, il-Qorti minn issa qed tikkonsidra li l-valuri li jgħoddu għall-għażla li trid issir mill-konvenuti sabiex jitħallas il-legat dovut lill-imsemmija atturi huma dawk applikabbli fi żmien il-mewt tat-testatriċi Beatrice Testaferrata Moroni Viani. Dan hu hekk għaliex l-obbligu tal-ħlas tal-legat, li huwa obbligu tal-konvenuti, twieled mal-mewt tat-testatriċi u għalhekk kien f'dik l-epoka li l-konvenuti kienu obbligati jagħmlu l-għażla msemmija u jħallsu l-legat. Il-Qorti għalhekk jidhrilha li dak li ma sarx fiż-żmien li kellu jsir għandu issa jitwettaq f'ċirkostanzi li huma kemm jista' jkun approssimattivi għal dawk li kienu jkunu prevalenti kieku dak li kellu jsir sar meta kellu jsir.

[197] Corso Teorico Pratico di Diritto Civile (Torino, 1886), Vol.III, §386.

4.2.7.47. F'każ li l-konvenuti jibqgħu ma jagħmlux l-għażla neċessarja, tkun il-Qorti li tagħmilha minflokhom - «*Può avvenire che l'erede, ricusando di soddisfare il legato, ricusi altresi di procedere alla scelta a lui riservata: qual via sarà aperta al legatario nel caso per conseguire quanto gli è dovuto? Privare il legatario della cosa legata perchè l'erede ricusa di sceglierla sarebbe enorme; attribuire il diritto di scelta al legatario sarebbe un andar contro le intenzioni del testatore; non resta dunque che l'autorità giudiziaria faccia ciò che avrebbe dovuto far l'erede, e stabilisca in sue vece le cose che al legatario si debbono prestare*»[198]. Eżerċizzju li jista' jsir f'din il-kawża, billi kif ġie miżmum fid-deċiżjoni ***Giovanna Cardona vs. Carmelo Pisani*** (Appell Superjuri, 4/11/1957)[199]: «*U tabilħaqq, huwa kompitu tal-Qorti li fil-kawża tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet u tal-kontro-eċċezzjonijiet kollha li jiġu mogħtija in konnessjoni mal-meritu li tkun qiegħdha teżamina, u tirriserva biss għall-ġudizzju ieħor ġdid li jkollu jiġi propost apposta, u għalhekk tissoprassjedi, meta l-kwistjoni mqajma bl-eċċezzjoni jew kontro-eċċezzjoni ma tkunx sollevabbli "ope exceptionis", jew ma tkunx tal-kompetenza tagħha, inkella, kif intqal, fl-interess gravi tal-ġustizzja jkun jaqbel li jsir hekk. Il-Qorti ma tistax tirrofta li tisma' r-raġunijiet kollha rilevanti tal-partijiet fil-kawża. Barra minn dan, fis-sistema ġudizzjarju modern l-ekonomija tal-ġudizzji għandha tiġi mħarsa u koltivata, għax mhux fl-interess tal-ġustizzja li tinħoloq moltiplikazzjoni bla bżonn ta' kawżi*». U anki fid-deċiżjoni ***Charles Santucci vs. John Mizzi noe*** (Appell Superjuri, 12/12/1958)[200] il-Qorti kkonfermat illi: «*...bħala regola ġenerali, huwa ċertament deżiderabbli illi, meta dan jista' jsir kompatibbilment mar-regoli ġenerali u d-dispożizzjonijiet tal-liġi, l-inċidenti kollha li jqumu bejn il-partijiet f'kawża jiġu diskussi u deċiżi fl-istess ġudizzju għall-ekonomija ta' żmien u spejjeż, u a skans ta' possibbli konflitt ta' ġudikati*», u qieset li dan dejjem jista' jsir meta l-kwistjoni sollevata tkun «*purament aċċessorja u subordinata għad-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni, jew 'inċident' fil-kawża – "quod incidit in rem de qua agitur*».

---

[198] ***Ricci,*** op cit, §387.
[199] Kollezz. Vol.XLI.i.507.
[200] Kollezz. Vol.XLII.i.743.

4.2.7.48. Dan għalhekk ifisser li l-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani għadha ma tistax issir f'dan l-istadju.

4.2.7.49. Mhux l-istess però jingħad fuq il-legat imħolli lill-atturi l-oħrajn, ulied Mario Testaferrata Moroni Viani. Fil-każ tagħhom il-legat huwa determinat. Sintendi, dak il-legat ma jistax jitqies illi jinkludi xi sehem mill-Palazz in kwistjoni, la darba dak is-sehem ġie mħolli mit-testatriċi espressament lill-atturi l-oħrajn. Lanqas jista' jingħad li għat-tnaqqis ta' dan is-sehem indiviż minn proprjetà partikolari jirriżulta xi jedd favur ulied Mario Testaferrata Moroni Viani għal xi forma ta' kumpens sabiex jagħmel tajjeb għal dan it-tnaqqis – il-Qorti tqis li kieku t-testatriċi riedet tagħti dan il-jedd kienet tgħidu bl-aktar mod ċar u espliċitu.

4.2.7.50. Għalhekk mela l-Qorti, fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza, se tkun qed tordna li jsir l-att tal-immissjoni fil-pussess fil-konfront tal-atturi wlied Mario Testaferrata Moroni Viani, u dan fil-proprjetajiet hawn taħt murija:

> ***TMV01, TMV02, TMV03, TMV04, TMV05, TMV06, TMV07, TMV08, TMV09, TMV10 subportion TMV11.1*** (biss) u ***TMV12.1*** (biss), ***TMV13, TMV14, TMV15, TMV16, TMV17, subportion TMV18.1*** (biss), ***TMV19, TMV20, TMV21, TMV22, TMV23, TMV24, TMV25, TMV26, TMV27(A), TMV27(B), TMV29*** (kompriża l-konsolidazzjoni tal-utili mad-dirett dominju), ***TMV30***, ***TMV35, TMV36, TMV38*** (kompost minn TMV38(1) sa TMV38(255) inklussivament), ***TMV39*** (kompost minn TMV39(1) sa TMV39(69) inklussivament)

u dan fil-kwota ta' sehem wieħed minn tmienja u erbgħin ($^{1}/_{48}$) bejn l-imsemmija atturi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline Testaferrata Moroni Viani.

*4.2.8. Dwar il-kwoti tal-kontendenti fil-proprjetajiet komuni*

4.2.8.1. B'żieda mal-fatti li diġà ssemmew fi bnadi oħra f'din is-sentenza, il-Qorti tirrileva li s-segwenti wkoll huma rilevanti għal dan l-aspett tal-vertenza.

4.2.8.2. Il-proprjetà ***TMV33***, li hija jedd ta' subutili perpetwu fuq l-art imsejħa "Ta' Olivieri", li kienet tappartjeni lill-missier il-konvenuti, u li kkonċeda tliet kwarti indiviżi minnha lil Salvino, Mario u Beatrice b'kuntratt tan-Nutar Robert Giraud datat 18 ta' Marzu 1953[201] filwaqt li żamm ir-rimanenti kwart indiviż hu. Meta sar dan il-kuntratt, l-aħwa Salvino u Mario ma kienux għadhom iżżewwġu[202].

4.2.8.3. Speċifikatament fuq ***TMV34***, l-attur Martin Testaferrata Moroni Viani xehed li din il-proprjetà qatt ma kienet tifforma parti minn "Testaferrata Moroni Viani Estates" iżda dejjem ġiet amministrata bħala "Viani Estates" biss. "Viani Estates" kien elenku twil ħafna ta' proprjetà b'diversi komproprjetarji bi kwoti ta' daqs differenti[203]. Dawn jidhru li kienu ġejjin mill-wirt tal-ġenituri ta' Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, u għalhekk kienu jinkludu komproprjetarji oħrajn li lanqas huma parti f'din il-kawża. L-atturi jgħidu li fl-imgħoddi, l-interess tal-kontendenti f'"Viani Estates" kien jiġi amministrat minn Beatrice[204]. Dan il-ġid kien ġie diviż fis-sena 1988, u peress li xi ġid ieħor minnu ma nqasamx, saret qasma ulterjuri fis-sena 2002. Id-diviżjoni li saret fis-sena 1988 ġiet magħmula b'kuntratt tan-Nutar Tonio Spiteri fid-29 ta' Marzu 1988[205], filwaqt li d-diviżjoni ulterjuri saret fit-12 ta' Diċembru 2002 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri[206].

4.2.8.4. L-uniku ġid li fadal komuni minn "Viani Estates" huwa dak elenkat bħala ***TMV34***. L-atturi jaqsmu dan il-ġid fi tliet sub-porzjonijiet. Dik elenkata bħala ***TMV34(1)*** tirrappreżenta F'din il-proprjetà, Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kellu sehem ta' sest ($^{1}/_{6}$) indiviż. F'dik elenkata bħala ***TMV34(2)***, l-atturi

[201] Dok MT 038.
[202] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1731.
[203] Ara fol.1693.
[204] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Martin Testaferrata Moroni Viani, a fol.1694.
[205] Eżebit a fol.1989.
[206] A fol.2045.

jinkludu l-proprjetà li hija tagħhom bis-saħħa t'akkwist li kien sar minn Salvino, Mario, Beatrice u Maria b'kuntratt tas-6 ta' Mejju 1966 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino[207] li bih huma kisbu s-sehem ta' sest ($^1/_6$) indiviż li oħt Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, ċjoè s-Soru Maria dell'Addolorata, kellha mill-wirt tal-ġenituri tagħha[208]. Il-proprjetà ***TMV34(3)*** tirreferi għall-akkwist mill-erba' aħwa ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani tal-eredità ta' oħtu Elvira Scicluna, esklużi madanakollu l-beni ta' pertinenza tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet veljanti bejnha u bejn żewġha. Dan l-akkwist sar b'kuntratti magħmula fit-23 ta' Lulju 1965 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino[209], kif korrett b'kuntratt tal-20 ta' Novembru 1965 fl-atti tal-istess Nutar[210]. F'din l-epoka Mario u Salvino kienu miżżewwġin, u għalhekk l-atturi Monika u Jane Testaferrata Moroni Viani għandhom is-sehem tagħhom[211].

4.2.8.5. Dwar l-immobbli elenkat bħala ***TMV37***, l-atturi jgħidu li dawn huma bilanċ ta' ċnus żgħar li kienu nkisbu minn Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani b'kuntratt tal-11 ta' Novembru 1939 fl-atti tan-Nutar Giorgio Borg Olivier[212], u ma jifformax parti mill-beni primoġenjali. Dwar dawn il-jeddijiet, il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq xehdet li l-lista għandha tiġi aġġornata minħabba fidi li seħħ mill-2009 sallum[213].

4.2.8.6. Fuq dan l-aspett tal-kwistjoni, u fid-dawl tad-deċiżjoni milħuqa dwar l-immissjoni fil-pussess tal-legat imħolli lill-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani, il-Qorti jidhrilha li f'dan l-istadju ma tistax tiddeċiedi dwar il-kwoti rispettivi tal-kontendenti. L-għażla li għad trid issir mill-konvenuti dwar il-ħlas tal-legat imsemmi se twassal għal varjanza f'dawk il-kwoti, u għalhekk il-loġika tiddetta li dik id-determinazzjoni trid issir wara li tkun magħmula dik l-istess għażla.

[207] Dok MT 039)a).
[208] Fix-xiehda tiegħu (fol.1733), l-attur Martin Testaferrata Moroni Viani però jgħid li l-partijiet għandhom ishma differenti f'din il-proprjetà milli għandhom f'dik li hija elenkata bħala ***Dok TMV34(1)***.
[209] Dok MT 040(a).
[210] Dok MT 040(c).
[211] Fix-xiehda tiegħu (fol.1734), l-attur Martin Testaferrata Moroni Viani però jgħid li l-partijiet għandhom ishma differenti f'din il-proprjetà milli għandhom f'dik li hija elenkata bħala ***Dok TMV34(1)***.
[212] Dok MT 035(a).
[213213213] Ara fol.2187.

*4.2.9. <u>Dwar il-modus divisionis</u>*

4.2.9.1. Anki dan l-aspett tal-kawża jkollu jiġi riservat għal deċiżjoni oħra. Mingħajr ma tkun saret il-formazzjoni tal-ishma, u qabel ma jsir ir-rapport maħsub fl-artikolu 503 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha fuq il-mod kif għandha ssir id-diviżjoni.

4.2.9.2. Il-Qorti però se tgħid li d-diviżjoni għandha ssir b'mod u manjiera li fejn hemm komproprjetarji li għandhom sehem f'xi ġid u mhux f'ieħor, mela dak il-ġid irid jinqasam b'mod separat. Fi kliem ieħor, fejn jirriżulta li għandhom xi sehem l-atturi Monika u Jane Testaferrata Moroni Viani, dak il-ġid irid jinqasam separatament mill-ġid l-ieħor, inkella l-konsegwenza tkun li dawn iż-żewġ atturi jistgħu jiġu assenjati xi ġid li qatt ma kellhom sehem minnu. Dan iwassal biss biex tiġi żnaturata d-diviżjoni. U jekk dak il-ġid li huwa miżmum in komuni minn persuni differenti mill-ġid l-ieħor ma jistax jitqies komodament diviżibbli, mela allura l-konsegwenza tkun li dak il-ġid għandu jiġi liċitat.

4.2.9.3. Jiżdied ukoll jingħad li huwa prinċipju assodat dak li l-Qorti hija dejjem fakoltizzata li takkorda dak il-*modus divisionis* li jidhrilha l-aħjar u l-aktar utili fiċ-ċirkostanzi, irrispettivament mit-talbiet li jkunu sarulha fl-att promotur tal-kawża. Dan ifisser li l-Qorti tista' tordna l-liċitazzjoni anki fejn ma jkun hemm ebda talba għalhekk[214], u jfisser ukoll li tista' tordna d-diviżjoni mod'ieħor anki fejn il-parti attriċi titlob biss il-liċitazzjoni (ara, per eżempju, ***Giuseppe Meilak et vs. Cecilia Zahra Sciclun****a*)[215].

*4.2.10. <u>Dwar l-ispejjeż tal-kawża</u>*

4.2.10.1. Il-prinċipju li jirregola l-materja tal-ispejjeż fid-diviżjoni ġie mfisser minn ***Laurent*** hekk: «*Chi sopporta le spese della divisione giudiziaria? È principio che le spese debbono essere sopportate da colui nell'interesse del quale sono fatte; dunque tutti i condividenti debbono contribuire alle spese in proporzione*

[214] ***Giuseppe Mercieca vs. Capitan Michele De Maria*** (Prim'Awla, 8/7/1903 – Kollezz. Vol.XVIII.ii.355); ***Tancred Sciberras et vs. Vincent Sciberras et*** (Prim'Awla, 13/1/2011).
[215] Appell Superjuri, 28/6/1948 - Kollezz. Vol.XXXIII.i.329.

*della loro porzione ereditaria… … Vi è eccezione quando le spese sono frustranee; per meglio dire, queste spese non rientrano fra quelle che sono privilegiate; esse debbono essere sopportate da colui che ha avuto torto a farle*»[216]. Prinċipju dan li jidher li ġie dejjem imħaddan mill-Qrati lokali.

4.2.10.2. Peress li din id-deċiżjoni mhux se tkun qed taqta' definittivament il-kawża, u b'hekk fadal x'jiġi deċiż, din il-Qorti jidhrilha li l-kap tal-ispejjeż ta' din is-sentenza għandu jiġi riservat għad-deċiżjoni aħħarija, proprju kif għamlet diġà din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Marzu 2021.

## 5. Decide

5.1. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat sollevata mill-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq iżda biss fis-sens imfisser aktar qabel;

(ii) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni fis-sens imfisser aktar qabel, kif ukoll ir-raba' (ħlief fejn din tirreferi għall-atturi Christopher u Martin aħwa Testaferrata Moroni Viani, billi kienet ġiet irtirata mill-konvenuti kif fuq ingħad), is-sitt, is-seba', id-disa', l-għaxar, l-erbatax-il eċċezzjoni (ħlief fejn din tal-aħħar tirreferi għas-sehem t'ottav minn Palazzo Testaferrata, liema eċċezzjoni ġiet newtralizzata bid-deċiżjoni mogħtija fil-kawża bin-numru 942/2011 AE) kif ukoll is-sittax-il eċċezzjoni tal-konvenuti;

(iii) tiċħad il-kumplament tat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti li kienet għadha mhux deċiża bis-sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, kif ukoll it-tielet, it-tmien (sa fejn hija inkompatibbli ma' dak ritenut f'din is-sentenza) u it-tlettax-il eċċezzjoni tagħhom;

(iv) f'dan l-istadju tastjeni milli tqis l-eċċezzjonijiet rimanenti u tirriserva li tqishom meta tiġi biex tiddeċiedi l-bqija tal-kawża;

[216] Principii di Diritto Civile, Vol.X, §340.

(v) tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara li l-proprjetajiet kollha li fihom il-partijiet huma komproprjetarji f'diversi ishma huma dawk il-proprjetajiet elenkati u deskritti fl-ewwel volum tar-rapport imħejji mill-A.I.Ċ. Godwin Abela u datat 30 ta' Settembru 2009;

(vi) tiċħad il-ħames talba tal-atturi sa fejn din trid li d-diviżjoni ssir kif propost fit-tieni volum tar-rapport imħejji mill-A.I.Ċ. Godwin Abela;

(vii) f'dan l-istadju tilqa' t-tielet talba biss sa fejn din saret mill-atturi Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani u Caroline Testaferrata Moroni Viani Zammit billi tiddikjara li l-legat imħolli lilhom minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani jikkonsisti mis-sehem ta' wieħed minn tmienja u erbgħin ($^{1}/_{48}$) *pro indiviso* mill-proprjetajiet riferuti bħala ***TMV01, TMV02, TMV03, TMV04, TMV05, TMV06, TMV07, TMV08, TMV09, TMV10 subportion TMV11.1*** (biss) u ***TMV12.1*** (biss), ***TMV13, TMV14, TMV15, TMV16, TMV17, subportion TMV18.1*** (biss), ***TMV19, TMV20, TMV21, TMV22, TMV23, TMV24, TMV25, TMV26, TMV27(A), TMV27(B), TMV29*** (kompriża l-konsolidazzjoni tal-utili mad-dirett dominju), ***TMV30***, ***TMV35, TMV36, TMV38*** (kompost minn TMV38(1) sa TMV38(255) inklussivament), ***TMV39*** (kompost minn TMV39(1) sa TMV39(69) inklussivament), u konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex jimmettu lill-imsemmija atturi fil-pussess tal-istess legat;

(viii) fl-istess sens tilqa' s-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar talbiet **biss** billi f'dan l-istadju tordna li jsir l-att ta' immissjoni fil-pussess ordnat b'din is-sentenza, u għal dan l-iskop taħtar lin-Nutar Edward Flores sabiex jippubblika l-att relattiv skont dak ordnat f'din is-sentenza, kif ukoll lill-Avukat Thomas Bartolo sabiex jidher għal kwalsiasi eventwali kontumaċi fuq dak l-att, b'dan li qed tirriserva li tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni wara talba li ssirilha mill-imsemmi Nutar fil-każ li din is-sentenza ssir definittiva, u b'dan ukoll li qed tordna li, konformement ma' dak ordnat mit-testatriċi Beatrice Testaferrata Moroni Viani, l-ispejjeż kollha ta' dan l-att kompriżi l-oneri fiskali ikunu a karigu tal-atturi komparenti fuq dak l-att;

(ix) f'dan l-istadju tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward tal-kumplament tat-tielet, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien, tad-disa' u tal-għaxar talbiet, kif ukoll fir-rigward tat-talbiet l-oħrajn li mhux imsemmija fil-parti operattiva ta' din is-sentenza;

(x) tordna l-prosegwiment tal-kawża fid-dawl u fid-direzzjoni mogħtija skont il-konsiderazzjonijiet esposti f'din is-sentenza;

(xi) tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur